# TAGĦLIM KUNTRARJU GĦALL-KELMA TA' ALLA

Minn George Ebejer

**2 Timotju 4:1-5**

"*Nitolbok bil-ħerqa, quddiem Alla u Kristu Ġesù, li għandu jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin, f'isem id-dehra tiegħu u s-saltna tiegħu: xandar il-kelma, sus wara l-fidili f'waqtu u barra minn waqtu, ċanfar, widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim. Għax għad jiġi żmien meta għat-tagħlim tajjeb ma jibqgħalhomx sabar, iżda widnejhom jikluhom* ***u jiġbru madwarhom qabda mgħallmin skond ma jixtiequ****, u jwarrbu widnejhom mis-sewwa biex jiġġerrew wara l-ħrejjef. Imma int oqgħod dejjem b'għajnejk miftuħa,….*"

**2 Pietru 3:14-17,**

"*Għalhekk, ħuti għeżież, waqt li nistennew dan kollu, qisu li jsibkom fis-sliem, bla tebgħa u bla dnub. Is-sabar li bih il-Mulej jeħodna qisuh bħala salvazzjoni tagħna. Hekk ukoll kitbilkom Pawlu, ħuna l-għażiż, skond il-għerf li ngħata lilu. Hekk kiteb fl-ittri kollha tiegħu, li fihom tkellem fuq din il-ħaġa. Dawn l-ittri fihom xi ħwejjeġ tqal biex wieħed jifhimhom, u dawk li ma jifhmux u li mhumiex sħaħ biżżejjed* ***ifissruhom ħażin*** *għat-telfien tagħhom stess;* ***hekk jagħmlu wkoll mill-kotba l-oħra ta' l-Iskrittura.*** *Intom, mela, ħuti għeżież, ladarba tafu dan, għassu sewwa li ma tisfawx maħkuma mill-iżbalji ta' dawn in-nies bla rażan* ***u taqgħu mnejn tinsabu qegħdin fis-sod.*** *Ikbru fil-grazzja u fl-għarfien ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu. Lilu glorja issa u għal dejjem.*"

**Efesin 5:6, 7,**

"*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jismgħux. Mela tissieħbu qatt magħhom.*"

**2 Ġwanni 8-11,**

"*Ħarsu rwieħkom,* ***li ma tmorrux titlifu dak li għalih ħdimtu****, imma li tieħdu ħlas sħiħ. Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan ma għandux lil Alla fih. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih. Jekk jiġikom xi ħadd u ma jġibilkomx dan it-tagħlim, la tilqgħuhx għandkom u la ssellmulux, għax min isellimlu jkun qiegħed jissieħbu fl-egħmejjel ħżiena tiegħu.*"

1. **L-Awtorità ta' l-Iskrittura.**

- **2 Timotju 3:16-17,**

  "*L-Iskrittura kollha hi mogħtija b'ispirazzjoni minn Alla, u tiswa għat-tagħlim, għaċ-ċanfir, għat-twiddib, għat-taħriġ fil-ħaqq: Biex il-bniedem t'Alla jkun perfett, imrawwam għal kull ħidma tajba.*"

"*Biex il-bniedem t'Alla jkun perfett, imrawwam għal kull egħmil tajjeb.*" Jista' jkun hemm bżonn ta' xi ħaġa oħra ma' dak li jagħmel il-bniedem ta' Alla perfett u mrawwam għal kull ħidma tajba?

- **2 Pietru 1:20, 21,**

  "*Qabel xejn, kunu afu li l-ebda profezija ta' l-Iskrittura m'għandu ħadd ifissirha minn rasu. Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu fl-isem ta' Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu.*"

Taħseb int li l-Ispirtu s-Santu ma kienx jaf x'għandna bżonn meta qanqal lill-bnedmin biex jiktbu dak li kitbu?

- **1 Korintin 4:6,**

  "*Dan kollu, ħuti, għedtu għalija u għal Apollo minħabba fikom, biex minna intom titgħallmu x'jiġifieri: "Mhux iktar milli hemm miktub", ħalli ħadd minnkom ma jintefaħ b'wieħed kontra l-ieħor.*"

Jekk xi ħadd iżid mal-Kelma ta' Alla, dan ma jkunx qiegħed imur "aktar milli hemm miktub"?

- **Galatin 1:6-9,**

  "*Jiena nistagħġeb bikom kif daqshekk malajr tbegħidtu minn min sejħilkom fil-grazzja ta' Kristu u dortu lejn Evanġelju ieħor; mhux għax hemm xi Evanġelju ieħor, imma hemm xi wħud li qegħdin iħawdukom u jridu jaqilbu l-Evanġelju ta' Kristu. Imma mqar jekk aħna stess jew anġlu mis-sema jħabbrilkom Evanġelju ieħor li mhuwiex dak li ħabbarnielkom aħna, ikun misħut! Bħalma ġa għednielkom, u ntenni ngħidilkom issa: jekk xi ħadd iħabbarilkom ħaġa oħra għajr dak li ġa rċevejtu, ikun misħut!*"

Jekk Pawlu, appostlu, u anġlu mis-sema jkunu misħutin jekk iħabbru Evanġelju ieħor barra minn dak li ħabbru kemm aktar huma misħutin huma dawk l-għalliema moderni li llum qegħdin igħallmu tagħlim li mhuwiex Skritturali?

- **Rivelazzjoni 22:18-19,**
  *"Jiena nwissi lil kull min jisma' l-kliem tal-profezija ta' dal-ktieb: Jekk xi ħadd iżid ma' dawn il-ħwejjeġ, iżidlu Alla l-kastigi li huma miktubin f'dal-ktieb: U jekk xi ħadd ineħħi mill-kliem tal-ktieb ta' din il-profezija, Alla jneħħilu sehmu mill-kbtieb tal-ħajja, u mill-belt il-qaddisa, u mill-ħwejjeġ li huma miktubin f'dal-ktieb."*

Le! Għal xi wħud il-Bibbja mhix biżżejjed, għandna bżonn tagħlim ieħor magħha bħal Katekiżmu, it-tradizzjonijiet, u kotba oħra miżjuda magħha!

2. **Il-Knisja.**

- **Mattew 16:18,**
  *"U jiena ngħidlek: Li int Pietru, u fuq din il-blata nibni l-**knisja tiegħi**..."*

Le! Il-knisja mhix "Ta' Kristu" ukoll għalkemm Kristu Nnifsu qal, "Il-knisja **tiegħi**" imma hija magħmula mid-denominazzjonijiet kollha!

3. **Ir-Ras tal-knisja.**

- **Efesin 1:10, 22-23,**
  *"...li kollox jinġabar taħt Ras **waħda, li hu Kristu**, kull ma hu **fl-art** u kull ma hu fis-sema...Iva, qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu **Ras** fuq il-knisja kollha, li hi ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox."*
- **Kolossin 1:18,**
  *"**Hu r-Ras** tal-ġisem, li hu l-knisja."*

Le! Kristu mhux waħdu r-Ras **fuq l-art** ukoll għalkemm il-Kelma ta' Alla hekk tgħid! Imma ma' Kristu, hemm ukoll il-Papa tal-Knisja Katto-lika Rumana bħala ras tal-knisja. Hemm ukoll il-President tax-Xhieda ta' Jehovah u tal-Mormoni bħala ras tal-knisja. Hemm ir-Reġina ta' l-Ingilterra bħala ras tal-Knisja ta' l-Ingilterra. Hemm il-Papas Grieg tal-Knisja Ortodossa bħala ras tal-knisja, u oħrajn.

4. **Hemm biss knisja waħda.**

- **Mattew 16:18,**
  *"U jiena ngħidlek: Li int Pietru, u fuq din il-blata nibni l-**knisja tiegħi**..."*

"Il-knisja tiegħi…" Ta' min hija l-knisja? Ta' Kristu jew ta' xi ħadd ieħor? Għandha l-knisja xi isem denominattiv?

- **Efesin 4:4,**
  "*ġisem wieħed…*" "*…li hu l-knisja*" (Kolossin 1:18).

Le! Xi wħud igħidu, mhux knisja waħda, imma ħafna denominazzjonijiet, ukoll għalkemm Kristu Nnifsu qal, "Il-**knisja tiegħi**" u mhux id-denominazzjonijiet tiegħi! Imma xi jgħid Kristu ma jiswa xejn għal dawn in-nies!

5. **Hemm Missier Qaddis spiritwali wieħed.**

- **Mattew 23:9,**
  "*U ssejħu lil ħadd missierkom fuq din l-art, għax il-Missier tagħkom hu* ***wieħed****, dak li hu fis-smewwiet.*"

Kemm qegħdin jobduh lil Ġesù biex ma jsejħu lil ħadd "Father" f'sens spiritwali?

- **Ġwanni 17:11,**
  "*…Missier qaddis, ħarishom f'ismek dawk li inti tajtni, biex ikunu ħaġa waħda bħalna.*"

Min Hu dak li Ġesù ndirizzah bħala "Missier Qaddis"?

- **Rivelazzjoni 15:5,**
  "*…Għax int* ***waħdek qaddis****.*"

"Int **waħdek** qaddis." Min Hu "**waħdu qaddis**"? Imma mhux hekk biss! Skond xi wħud, il-bnedmin, kapijiet ta' knejjes, ukoll għandhom jissejħu "*Father*" u "Missier Qaddis" ("Holy Father") f'sens spiritwali, ukoll għalkemm il-Kelma ta' Alla dan tikkundannah! Kull qassis Kattoliku hu msejjaħ "father" u l-Papa Kattoliku hu msejjaħ "Holy Father." Ma jimporta xejn billi l-Kelma ta' Alla tgħidilna li "Holy Father" hemm biss **wieħed** u Dan qiegħed fis-smewwiet u mhux fuq l-art!

6. **Alla wieħed hemm biss.**

- **Efesin 4:6,**
  "*Alla* ***wieħed*** *u Missier ta' kulħadd.*"

"**Alla wieħed**" u dan ifisser li ma jista' jkun hemm ebda Alla ieħor!

- **Isaija 43:10,**
  "*…u tifhmu li jien hu:* ***qabli l-ebda Alla*** *ma ssawwar, u lanqas* ***ħadd ma jkun hemm warajja****.*"

Le! Imma hemm alla ieħor *iżgħar* skond xi għalliema u profeti foloz moderni, Ġesù Kristu, igħidu tax-Xhieda ta' Jehovah ukoll għalkemm il-Kelma ta' Alla tgħidilna li ma jistax ikun hemm Alla ieħor għajri. Jekk

Kristu mhuwiex Alla li Jista' Kollox, l-unika konklużjoni li nistgħu naslu għaliha hija li Kristu Hu alla falz! Temmnu dan int?

7. **Alla Missier kulħadd.**

- **Efesin 4:6,**
  "*Alla wieħed u **Missier ta' kulħadd**.*"

Le, skond xi wħud dan mhuwiex tassew li Alla Missier **ta' kulħadd** għaliex skond il-Kattoliċi Rumani Marija hija "omm Alla" allura dak li huwa bin l-omm ma jistax ikun fl-istess waqt missierha wkoll!

8. **Hemm tama waħda biss.**

- **Efesin 4:4,**
  "*Ġisem wieħed u spirtu wieħed l-istess kif kontu msejħa għal **tama waħda**.*"

Le! xi wħud għandhom tama li se jmorru fis-smewwiet waqt li oħrajn it-tama tagħhom hija li se jgħixu għal dejjem fuq l-art ukoll għalkemm il-Kelma ta' Alla tgħid li hemm biss **tama waħda**! Imma ħafna lesti li jaċċettaw it-tagħlim tat-Torri ta' l-Għassa milli dak li tgħidilhom il-Kelma ta' Alla.

9. **Il-Liġi l-Qadima spiccat.**

- **Kolossin 2:14,**
  "*Billi ħassar il-kitba tal-preċetti li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina: neħħieha min-nofs, u sammarha mas-salib.*"

Għal xi wħud dan il-kliem ma jiswa xejn. Għal dawk in-nies li għadhom japplikaw xi ħwejjeġ mil-Liġi tat-Testment il-Qadim, dawk li għadhom jimxu fuq sistemi tat-Testment il-Qadim, Kristu ma ħassar xejn, ma neħħa xejn min-nofs, u ma sammar xejn mas-salib!

- **Lhud 8:13,**
  "*Meta qal: Rabta ġdida, qaddem l-ewwel waħda. Issa dak li jitħassar u jixjieħ wasal biex igħib.*"

Le! Skond xi wħud, bħall-Kattoliċi Rumani, u xi oħrajn, it-Testment il-Qadim għadu japplika llum ukoll. Il-Mulej għal dawk il-mexxejja reliġjużi ma qaddem xejn u xejn ma tħassar u xejn ma xjieħ!

10. **Saċerdozju nbidel.**

- **Lhud 7:12,**
  "*Għax billi tbiddel is-saċerdozju, hemm il-bżonn ta' tibdil ukoll fil-liġi.*"

"*Għax billi **tbiddel** is-saċerdozju.*" Mela la tbiddel is-saċerdozju, issa x'saċerdozju hemm? Żgur li m'għadu l-istess wieħed! Ara li jmiss.

- **1 Pietru 2:5, 9,**
  "*U intom ukoll, bħala ġebel ħaj, intom mibnijin bini spirit-wali, bħala sacerdozju qaddis, biex toffru sagrifiċċji spirit-wali, li jogħġbu 'l Alla b'Ġesù Kristu….Imma intom ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu miksub; biex ixxandru t-tifħir ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb.*"

Imma x'jiswa dan! Li tgħid il-Kelma ta' Alla ma jiswa xejn għal xi wħud. Ma jiswa xejn li l-Kristjani kollha huma saċerdoti (qassisin) fl-epoka Kristjana. Illum, fil-Knisja Kattolika u dik Protestanta u Ortodossa Griega għad hemm saċerdozju li huwa fuq l-istess sistema tat-Testment il-Qadim, ukoll għalkemm dan Kristu sammru mas-salib u neħħieh min-nofs (Kolossin 2:14).

## 11. Kulħadd dineb.

- **Rumani 3:10, 12,**
  "*Kif hemm miktub: "Ħadd, ebda wieħed, ma hu ġust…Ilkoll ħarġu minn triqathom; ilkoll kemm huma tħassru; ħadd ma hemm li jagħmel is-sewwa; **m'hemm lanqas wieħed**.*"

Wara li xi ħadd ikun qara dan il-kliem, jista' hu jgħid li hemm xi persuna waħda responsabbli li tista' tgħid li hija ġusta fuq l-art? "Ħadd," "ebda wieħed," "Ilkoll," "Ilkoll kemm huma," "Ħadd ma hemm," "m'hemm lanqas wieħed."

- **Rumani 5:12,**
  "*Għalhekk, bħalma bi bniedem wieħed id-dnub daħal fid-din-ja, u l-mewt bid-dnub; u hekk għaddiet għal fuq kull bnie-dem, **għax kollha dinbu**.*"

Le! Mhux tassew li kollha dinbu skond il-Knisja Kattolika għaliex hija tgħallem li Marija kienet mingħajr ebda dnub. Imma l-Kelma ta' Alla tgħid differenti, jiġifieri, li l-bnedmin KOLLHA dinbu nkluż Marija.

- **Luqa 18:19,**
  "*Għaliex qiegħed issejjaħli 'tajjeb'? qallu Ġesù. "**Ħadd ma hu tajjeb ħlief Alla waħdu**.*"

"**Ħadd** ma hu tajjeb **ħlief** Alla waħdu." Min se jipprova jgħid li hemm xi ħadd ieħor, barra minn **Alla waħdu**, li hu tajjeb jew tajba? Min? Jekk xi ħadd igħid li hemm xi ħadd ieħor li jista' jissejjaħ jew tissejjaħ tajjeb jew tajba, allura Ġesù kien żbaljat. Temmnu dan int? "Alla WAĦDU" Hu

tajjeb u Kristu Hu tajjeb għaliex Hu Alla! Imma sfortunatament tat-Torri ta' l-Għassa dan ma jifhmuhx għalliex igħidu li Kristu mhuwiex Alla! Sfortunatament ukoll, il-Kattoliċi wkoll dan ma jifhmuhx għaliex igħidu li Marija hija bla ebda dnub, u għalhekk, hija "tajba" u b'hekk dak li qal Ġesù huwa żbaljat għaliex ma jibqax Alla waħdu tajjeb!

**12. Min Hu mingħajr ebda dnub?**

- **Ġwanni 8:46,**
  "***Min minnkom jipprova li jien għandi xi dnub****? Jekk jiena ngħid il-verità, il-għala ma temmnunix?*"
- **1 Korintin 5:21,**
  "***Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub****, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla.*"
- **Lhud 7:26,**
  "*U intom tafu li Ġesù deher biex ineħħi d-dnubiet, hu,* ***li ma hemm ebda dnub fih****.*"
- **1 Pietru 2:22,**
  "***Hu, li ma kien għamel ebda dnub u ebda qerq ma nstab f'fommu.***"

"Hu," min huwa? Sidna Ġesù Kristu **u ħadd aktar**. Kristu, u ħadd aktar ma kien mingħajr ebda dnub. Dan igħidu l-Ispirtu s-Santu fil-Kelma ispirata Tiegħu. Sejjer int tgiddeb lil l-Ispirtu s-Santu u tgħid li hemm Marija wkoll mingħajr ebda dnub?

**13. Marija wkoll teħtieġ Salvatur bħal kull persuna oħra, u dan *tgħidu hi stess.***

- **Luqa 1:46-47,**
  "*U Marija qalet: Ruħi tkabbar il-Mulej. U l-ispirtu tiegħi jithenna f'Alla* ***s-Salvatur tiegħi****.*"

Imma għalkemm Marija nfisha tgħid dan il-kliem, "Alla s-Salvatur **tiegħi**," il-bnedmin igiddbuha u jgħidu li Marija m'għandha ebda dnub u għalhekk ma teħtieġ l-ebda Salvatur. Min jeħtieġ salvatur, mhux il-midneb?

**14. Ħadd ma tela' s-sema.**

- **Ġwanni 3:13,**
  "*L-ebda bniedem ma tala' fis-sema, ħlief dak li niżel missema, bin il-bniedem li hu fis-sema.*"

Le! Il-Knisja Kattolika tgħid li Marija, bniedma, telgħet fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, ukoll għalkemm il-Kelma ta' Alla tgħid li "ebda bniedem ma tala' fis-sema." Imma dak li tgħid il-Kelma ta' Alla ma jiswa xejn għal xi reliġjużi!

**15. Demm u laħam ma jirtux is-saltna ta' Alla.**

- **1 Korintin 15:50,**
  "*Dan ngħidilkom issa, ħuti: Id-demm u l-laħam ma jistgħux jirtu s-saltna ta' Alla lanqas it-taħsir ma jiret in-nuqqas ta' taħsir.*"

Le! Il-Kelma ta' Alla, skond il-Knisja Kattolika hija żbaljata għaliex hija tgħallem li Marija telgħet fis-sema *bid-demm u l-laħam* u dan it-tagħlim hija għamlitu domma fl-ewwel ta' Novembru 1950. Ma jiswa xejn dak li jgħid l-Ispirtu s-Santu fil-Kelma Tiegħu! Ara l-Knisja Kattolika, permezz ta' dan it-tagħlim falz tagħha, minn xhiex qed iċaħħad lil Marija omm Ġesù:

- **1 Korintin 15:42-49,**
  "*Hekk ukoll hu l-qawmien mill-imwiet; jinżera' ġisem li jitħassar,* ***iqum ġisem li ma jitħassarx****; jinżera' ġisem fil-għajb;* ***iqum fil-ġieħ****; jinżera fid-dgħufija,* ***iqmu fis-saħħa****; jinżera ġisem naturali,* ***iqmu ġisem spiritwali****; jekk hemm ġisem naturali hemm ukoll* ***ġisem spiritwali****. L-Iskrittura tgħid: "L-ewwel bniedem, Adam, sar ruħ ħajja;" l-aħħar wieħed sar spirtu li jagħti l-ħajja. Mhux l-ispiritwali ġie l-ewwel, imma l-ewwel in-naturali u mbagħad l-ispiritwali. L-ewwel bniedem, mit-trab, hu ta' l-art; it-tieni bniedem, mis-sema. Bħalma hu l-bniedem ta' l-art,* ***hekk huma wkoll il-bnedmin ta' l-art****; bħalma hu l-bniedem tas-sema,* ***hekk ukoll huma l-bnedmin tas-sema****. Bħalma aħna mlibbsa x-xbieha tal-bniedem ta' l-art,* ***hekk ukoll għad nilbsu x-xbieha tal-bniedem tas-sema****.*"

La skond id-domma tal-Knisja Kattolika Rumana Marija telgħet fis-sema bir-ruħ u l-ġisem allura dan ifisser li Marija għad għandna dak il-ġisem "li jitħassar," dak il-ġisem li "nżera fid-dgħufija," dak il-ġisem "naturali," dak il-ġisem "ta' l-art." Imma isma' x'għandu xi jgħid l-Ispirtu s-Santu permezz ta' l-appostlu Pawlu:

- **Filippin 3:20-21,**
  "*Imma aħna pajżani tas-sema; minn hemm bil-ħerqa nistennewh jiġi, is-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu. Hu għad irid* ***ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem***

***glorjuż Tiegħu**, bil-qawwa tas-setgħa li għandu li jġib kollox taħtu.*"

Jekk Marija tinsab "fis-sema" bir-ruħ u l-ġisem li hija kellha fuq l-art, allura dak "il-ġisem l-imsejken" sejjer jinbidel f'sura tal-ġisem glorjuż Tiegħu (ta' Kristu)" jew le? U jekk iva, x'ikun l-iskop li Marija ġiet imtella' fis-sema bil-ġisem ta' l-art? Kien l-Ispirtu s-Santu żbaljat meta ispira lil Pawlu biex igħidilna li "d-demm u laħam ma jistgħux jirtu s-saltna ta' Alla lanqas it-taħsir ma jiret in-nuqqas ta' taħsir." Kien hawn Pawlu żbaljat meta qal dan il-kliem?

## 16. Min "ma jmut qatt"?

- **1 Timotju 6:14-16,**

  "*Inwissik biex tħares il-liġi u żżomm ruħek bla tebgħa u bla ħtija sa jum id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu, li għad juriha f'waqtha. Dak li hu l-hieni u waħdu setgħani, is-Sultan tas-slaten u s-Sid tas-sidjien, **li hu biss ma jmut qatt** u jgħammar f'dawl li **ħadd** ma jista' jersaq lejh, **li ebda bniedem** qatt ma rah u anqas qatt jista' jarah. Lilu ġieh u setgħa għal dejjem! Amen.*"

"***Li hu biss ma jmut qatt.***" Jekk dan il-kliem hu tassew, li hu tassew, u jiena ċert li ħadd ma jiddubitah, allura t-tagħlim tal-Knisja Kattolika li Marija ma mietetx, huwa falz! "Hu BISS ma jmut qatt." Trid tkun tassew prużuntuż u arroganti biex tgħid li xi persuna "ma tmut qatt!" U jekk xi ħadd igħid dan, dan ikun qiegħed igiddeb lil Alla għaliex Hu qal fil-Kelma Tiegħu li "Hu BISS ma jmut qatt."

## 17. Il-bnedmin kollha jitbiddlu.

- **1 Korintin 15:51,**

  "*Ara, sa ngħidilkom misteru: Aħna mhux ilkoll immutu, imma lkoll nitbiddlu.*"

Le! Il-Kelma ta' Alla, skond il-Knisja Kattolika hija żbaljata hawn ukoll għaliex hija tgħallem li Marija ma tbiddlitx ukoll għalkemm hija dan il-vers kienet biddlitu u għamlitu jaqra li "**mhux** ilkoll nitbiddlu" u issa rranġatu, jiġifieri, li "lkoll nitbiddlu," u la lkoll, allura Marija wkoll għandha titbiddel! Imma dwar dan ukoll ma jiswa xejn x'tgħid il-Kelma ta' Alla! X'jiswa li l-Kelma ta' Alla tgħid li "lkoll nitbiddlu"? Il-Knisja Kattolika Rumana tordna lill-Kattoliċi kollha biex jemmnu dak li jgħidu t-teologi Kattoliċi u mhux dak li tgħid il-Kelma ta' Alla, jiġifieri, li "lkoll nitbiddlu" Għal xi mexxejja reliġjużi l-Kelma ta' Alla dejjem hija żbaljata imma l-kelma tagħhom mhix! Għalhekk il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa

hija mimlija bi twissijiet dwar dan (Galatin 1:6-9; Efesin 5:6; Kolossin 2:18; 2 Ġwanni 7-11).

**18. Dwar l-Infern. Alla Hu mħabba!**

- **Mattew 25:41,**
  "*Imbagħad igħid ukoll lil dawk li jkunu fuq ix-xellug: Morru minn fejni, ja misħutin,* ***fin-nar ta' dejjem, imhejji*** *għax-xitan u l-anġli tiegħu.*"

Jista' post "imhejji" ma jeżistix? Mela jekk ma jeżistix la x-xitan u l-anqas l-anġli tiegħu ma huma fih u l-Mulej kien żbaljat jew gideb meta qal dak il-kliem!

- **Mattew 4:22,**
  "*Imma jiena ngħidilkom illi l-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuh. Jekk imbagħad xi ħadd lil ħuh igħidlu, 'Ġifa,' ikun ħaqqu l-kundanna tas-Sanhedrin; u jekk igħidlu, 'Iblah,' ikun ħaqqu* ***n-nar ta' l-infern****.*"

Kif jista' xi ħadd ikun "ħaqqu n-nar ta' l-infern" jekk dak in-nar ta' l-infern ma jeżistix? Qiegħed tara kif igiddbu lill-Mulej dawk li jgħallmu li l-infern ma jeżistiex?

- **Mattew 18:8-9,**
  "*Għalhekk jekk idek jew riġlek ifixkluk, aqtagħhom, u armihom bgħid minnek: aħjar għalik tidħol zopp jew magħtub fil-ħajja milli jkollok żewġ idejn jew żewġ saqajm biex tir-tema* ***fin-nar ta' dejjem****. U jekk għajnek tfixklek, aqlagħha, u armiha bgħid minnek: aħjar għalik tidħol fil-ħajja b'għajn waħda, milli jkollox żewġ għajnejn biex tixteħet* ***fin-nar ta' l-infern****.*"

"*Biex tixteħet* ***fin-nar ta' l-infern****.*" Kif wieħed jista' jkun mixħut, jew mormi f'post *li ma jeżistix*? Possibbli l-Mulej ma kienx jaf li dak il-post li Hu sejjaħlu "**infern**" ma jeżistix u l-għalliema moderni dan jafuh!

- **Rivelazzjoni 21:8,**
  "*Imma għall-ġwejjef, għal min ma baqax fidil, għal dawk ta' ħajja mħassra, għall-qarriela, għaż-żienja, għas-saħħara, għal l-idolatri u għall-giddieba kollha, sehemhom ikun* ***fil-belliegħa tan-nar iħeġġeġ*** *u tal-kubrit; din hi t-tieni mewt.*"

"Sehemhom ikun fil-belliegħa tan-nar iħeġġeġ u tal-kubrit." Jista' "nar iħeġġeġ u tal-kubrit" ma jkunx jeżisti? Allura x'hemm iħeġġeġ? Imma possibbli dawk li jqarrqu bil-membri tagħhom, bħal tat-Torri ta' l-Għassa u oħrajn dan il-kliem ispirat qatt ma qrawh? U jekk qrawh għandhom il-

kuraġġ li jgiddbu lill-Mulej li qalu? Għalhekk Ġwanni jgħidilna li hu, b'ispirazzjoni "kitbilna dwar dawk li jridu jqarrqu bina" (1 Ġwanni 2:26).

- **Rivelazzjoni 14:9-11,**
  "*U anġlu ieħor, it-tielet wieħed, ġie warajhom igħid b'leħen qawwi: 'Min jinxeħet iqim il-bhima u x-xhieda tagħha u jieħu l-marka fuq ġbinu jew fuq idu, hu wkoll jixrob mill-inbid* ***tal-korla ta' Alla*** *li hemm imferragħ safi fit-tazza* ***tal-qilla tiegħu****, u* ***jinħaqar b'nar u kubrit*** *quddiem l-anġli qaddisin u quddiem il-Ħaruf. U* ***d-duħħan tat-tbatija*** *tagħhom jitla' għal dejjem ta' dejjem;* ***u ma jkollhomx mistrieħ****. La bil-lejl u lanqas bin-nhar, dawk li jxteħtu jqimu l-bhima u x-xbieha tagħha u min jieħu l-marka ta' isimha.*"

Le! Skond tat-Torri ta' l-Għassa u xi oħrajn dan il-post ma jeżistiex, "il-korla ta' Alla" u "l-qilla Tiegħu" huma finta. Ġwanni, skond dawn l-għallliema foloz, qarraq bina meta qal li "jinħaqar b'nar u kubrit" għaliex kif wieħed jista' "jinħaqar b'nar u kubrit" meta "nar u kubrit" ma jeżistux! U xi "tbatija" jista' jkun hemm f'post li ma jeżistix? U kif xi ħadd ma "jkollux mistrieħ la bil-lejl u lanqas bin-nhar" jekk dan ma jkunx konxju, anzi jkun mistrieħ f'nuqqas ta' eżistenza? U kif jistgħu jkunu "*quddiem l-anġli qaddisin u quddiem il-Ħaruf*" meta dawn **ma jkunux jeżistu!** Kemm sorpriżi se jkun hemm għal dawk li qegħdin igħallmu dak it-tagħlim falz u għal dawk li qegħdin iħaddnu dak it-tagħlim u jwarrbu l-kliem ċar tal-Kelma ta' Alla!

## 19. Se jkun il-premju ta' xi wħud ikun fuq l-art u mhux fis-smewwiet?

- **Mattew 5:12,**
  "*Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir* ***fis-smewwiet****.*"

Ġesù ikkonkluda l-Priedka meraviljuża Tiegħu tal-Muntanja billi qalilna li "ħlasna hu **fis-smewwiet**" u mhux fuq l-art!

- **Mattew 22:28-30,**
  "*Issa* ***din****, fil-qawmien ta' l-imwiet,* ***mart*** *min minnhom is-sebgħa tkun? Għax* ***ilkoll kienu ħaduha****. Weġibhom Ġesù: Kemm sejrin żball, għax la tafu l-Iskrittura u lanqas il-qawwa ta' Alla! Għax fil-qawmien ta' l-imwiet in-nies la jżewġu u lanqas jiżżewġu, imma jkunu bħal l-anġli* ***fis-sema****.*"

Tajjeb hawn li dawk li jgħallmu li xi wħud se jibqgħu igħixu fuq l-art jaqraw sewwa dan il-kliem tal-Mulej. Il-Mulej ma qalx li n-nies ikunu bħal l-anġli **tas**-sema imma li huma jkunu bħal l-anġli **fis**-sema. **Fis-sema** u mhux fuq l-art! U ħaġa oħra li wieħed għandu jinnota hawn, li l-Mulej

kien qiegħed jitkellem dwar il-miżżewġin li jkunu fis-sema u mhux dawk "verġni" kif jippruvaw igħallmu tat-Torri ta' l-Għassa!

- **Ġwanni 14:2-3,**
  "*Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna postijiet: li ma kienx hekk, kont ngħidilkom.* ***Sejjer inhejjilkom fejn toqogħdu****. U meta mmur u nhejjilkom post, nerġa' niġi biex* ***neħodkom*** *miegħi,* ***biex, fejn inkunu jien, tkunu intom ukoll****.*"

"Biex, fejn inkunu jien, tkunu intom ukoll." Fejn se jkun Ġesù għal dejjem, fis-sema jew fuq l-art? Hekk ukoll aħna se nkunu Miegħu.

- **1 Pietru 1:3-5,**
  "*Ikun imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li fil-ħniena kbira tiegħu wellidna mill-ġdid għal tama ħajja bill-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet u għal wirt, li la jitħassar, la jit-tebba', u lanqas jinxef.* ***Dan il-wirt hu merfugħ għalihom fis-sema…***"

- **Filippin 3:20,**
  "*Għax iċ-ċittadinanza tagħna* ***fis-sema****; minn hemm ukoll aħna nistennew is-Salvatur, lil sidna Ġesù Kristu.*"

Imma għalkemm il-Mulej mar *jippreparalna* post biex inkunu Miegħu **fis-smewwiet**, ħafna huma li ma jaqblux Miegħu u jgiddbuh billi jgħidu li ħafna nies se jibqgħu jgħixu fuq l-art u li *l-wirt* tagħhom mhuwiex kif tgħid il-Kelma ta' Alla, jiġifieri, ***fis****-sema* imma li hu fuq l-art! Imma aħna lill-Mulej nemmnu u mhux lil l-għalliema foloz! Iċ-ċittadinanza tagħna mhix fuq l-art imma *fis-sema*. Hawn fuq l-art aħna barranin. Jekk hemm xi ħadd li jippreferi li jibqa' barra mis-smewwiet, dan tajjeb li jerġa' jaħseb mill-ġdid dwar dak, "*għax barra huma l-klieb, u s-saħħara, u ż-żienja, u l-qattiela, u l-idolatri, u dawk kollhali jħobbu u jagħmlu l-qerq*" (Rivelazz-joni 22:15). Tippreferi int li tkun ma' dawn?

## 20. Li *aħna* għandna nfittxu fl-Iskrittura biex inqabblu t-tagħlim.

- **Atti 17:11,**
  "*Dawn il-Lhud kienu nies ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu.*"

- **1 Korintin 10:13-14,**
  "*Għeżież tiegħi, aħarbu l-idolatrija. Lil nies għaqlin qiegħed inkellem;* ***għarblu intom*** *kull ma ngħid.*"

Imma llum jintqal, kemm mill-Kattoliċi Rumani u kemm minn tat-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah li n-nies komuni ma jistgħux jaqraw il-Bibbja weħidhom imma jeħtieġu lil min jinterpretaha għalihom. Hemm differenza bejn li tgħallem il-Bibbja u min jisma' jqabbel dak li jkun ġie mgħallem lilu ma' dak li tassew tgħid il-Bibbja għal li xi ħadd jieħu l-awtorità għalih innifsu u jgħid li hu biss jista' jinterpretaha, kif jagħmlu ż-żewġ reliġjonijiet li semmejt fuq, u xi oħrajn bħalhom.

**21. Dwar il-qima fl-ewwel jum ta' kull ġimgħa.**

- **Atti 2:42,**
  "*U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli u fil-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb.*"
- **Atti 7:20,**
  "***Fl-ewwel jum tal-ġimgħa** ngħbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż, Pawlu, li kellu jitlaq il-għada, qagħad jitħaddet magħhom u dam jitkellem sa nofs-il-lejl.*"
- **1 Korintin 16:2,**
  "*Dwar il-ġabra għall-qaddisin, agħmlu bħalma ordnajt lill-knejjes tal-Galazja. Kull wieħed minnkom, **kull l-ewwel jum tal-ġimgħa**, iwarrab xi ħaġa u jfaddalha skond ma jista' biex ma jkunx hemm ġbir meta niġi.*"
- **2 Korintin 9:7,**
  "*Kull wieħed għandu jagħti skond ma jidhirlu hu minn rajh, mhux fuq il-qalb jew bilfors; għax Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ.*"

Imma llum min igħid li l-ikla tal-Mulej għandha issir meta trid, min igħid li din għandha ssir darba fix-xahar, min igħid li għandha ssir darba fis-sena u min saħansitra jgħid li tista' ssir kuljum ukoll għalkemm il-Kelma ta' Alla tgħid "*kull l-ewwel jum tal-Ġimgħa.*" Imma dwar il-ġabra tal-flus, ilkoll jaqblu li għandha ssir *kull l-ewwel jum tal-ġimgħa* jew kuljum ukoll!

**22. Dwar il-maħfra tad-dnubiet.**

- **Mattew 6:11-15,**
  "*Ħobżna ta' kuljum agħtina llum. **Aħfrilna dnubietna**, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina....Għax jekk intom taħfru lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, **Missierkom** li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom ukoll. Imma jekk intom ma taħfrux lill-*

*bnedmin lil-ħtijiet tagħhom,* ***anqas Missierkom ma jaħfer*** *lilkom il-ħtijiet.*"

Waqt li int tkun qiegħed titlob lill-Missier u tgħidlu, "Aħfirli dnubieti, bħala jiena naħfer lil min hu ħati għalija" temmen int li dak il-ħin stess Alla jista' jisma' t-talba tiegħek u jaħfirlek dnubietek mingħajr il-ħtieġa li tmur għand xi qassis Kattoliku Ruman jew xi qassis ieħor? Jekk int ma temminx li Alla jista' jagħmel dan, allura tgħid xejn dik it-talba!

- **Luqa 2:5-7,**
  "*Meta ra l-fidi tagħhom, Ġesù qal lill-mifluġ: "Ibni, dnubietek maħfura." Mela kien hemm bil-qiegħda xi wħud mill-kittieba, u f'qalbhom bdew igħidu: "Dan kif qiegħed jitkellem hekk?* ***Dan qiegħed jidgħi! Min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla biss?***"

- **Mattew 5:23,**
  "*Mela jekk tkun qiegħed ittella' l-offerta tiegħek fuq l-artal u hemm tiftakar li ħuk għandu xi ħaġa kontra tiegħek, ħalli l-offerta tiegħek hemmhekk quddiem l-artal u mur l-ewwel irranġa ma' ħik, u mbagħad ejja tella' l-offerta tiegħek.*"

Imma x'jiswa dan kollu, illum xorta waħda jintqal li permezz tal-qassis Kattoliku **biss** jistgħu jinħafrulek bnubietek **u mhux Alla biss**!

## 23. Il-magħmudija, hija din prerekwiżit għas-salvazzjoni jew sempliċiment sinjal?

- **Mattew 28:19,**
  "*Morru mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u* ***għammduhom*** *fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta'l-Ispirtu s-Santu.*"

Minn dan il-kliem tal-Mulej, persuna tista' ssir *ħaġa waħda f'dak l-isem* tat-tliet Persuni tat-Trinità Mqaddsa ***biss*** billi hija **titgħammed f'dak l-isem!** Hekk ordna l-Mulej imma sfortunatament xi mexxejja reliġjużi evanġeliċi u oħrajn igħidu li persuna tkun salva *qabel* ma hija *ssir ħaġa waħda fl-Isem* tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu! Din hija assurdità u gidba kbira!

- **Mark 16:15-16,**
  "*U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lil-ħolqien kollu. Min jemmen* ***u jitgħammed****, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat.*"

Hawn ukoll il-kliem tal-Mulej huwa miġjub fix-xejn minn dawk li jgħallmu salvazzjoni bil-fidi biss. Kristu qal li "*Min jemmen* ***u jitgħammed,***

*isalva*" u mhux "min jemmen isalva u jitgħammed" kif igħallmu l-għal-liema foloz moderni. Lanqas ma Kristu qal li "min jitgħammed isalva u jemmen" kif igħallmu dawk li jipprattikaw il-magħmudija tat-trabi! Dak kollu huwa tagħlim falz u għandna naħarbuh! Il-kliem tal-Mulej huwa sempliċi biex wieħed jifhmu imma l-bnedmin jippretendu li huma jafu aktar mill-Mulej!

- **Atti 2:37-38,**

  *"Dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u lil l-appostli l-oħra: "L-aħwa,* ***x'għandna nagħmlu aħna****?" U Pietru weġibhom: "Indmu,* ***u jitgħammed*** *kull wieħed minkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu."*

Hawn ukoll dan il-kliem ta' l-appostli għadda miċ-ċensura ta' xi għalliema moderni! Jista' xi ħadd ikun salv **qabel** *ma jkun jaf x'għandu jagħmel biex isalva?* Dawk li għamlu dik il-mistoqsija, jiġifieri, "*L-aħwa, x'għan-dna nagħmlu aħna?*" f'dak il-mument kienu *emmnu* imma *ma kinux għad-hom jafu* x'għandhom jagħmlu biex isalvaw. It-tweġiba kienet: "*Indmu,* ***<u>u</u> jitgħammed*** *kull wieħed minkom fl-isem ta' Ġesù Kristu* ***għall-maħfra ta' dnubietkom****.*" Ir-riżultat ikun li huma "jirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu." Imma llum, xi għorrief reliġjużi jgħidu u jgħallmu t-tagħlim falz tagħhom li persuna ssalva *bil-fidi biss* u b'hekk iġibu dan il-kliem fix-xejn għaliex kif tista'persuna ssalva **qabel ma hija tkun nidmet?** Imma aħna li jinteressana huwa dak li tgħid il-Kelma ta' Alla u mhux dak li jgħidu l-għalliema foloz moderni.

Sa hawn aħna rajna li: persuna għandha **temmen u titgħammed biex issalva.** Rajna wkoll li persuna għandha **tindem u titgħammed biex tik-seb il-maħfra ta' dnubietha** u tirċievi d-don ta' l-Ispirtu s-Santu. Mela sa issa persuna, skond il-Kelma ta' Alla, għandha: **Temmen <u>u</u> tindem, <u>u</u> titgħammed** biex issalva. Jekk hija tagħmel dawn it-tliet ħwejjeġ, hija tik-seb il-maħfra ta' dnubietha u tirċievi d-don ta' l-Ispirtu s-Santu! Dak hu li ordna l-Mulej għas-salvazzjoni ta' persuna! Issa ħalli nkomplu naraw jekk hemmx xi ħaġa oħra li persuna għandha tagħmel ma' li temmen, tindem u titgħammed.

- **Atti 8:36-39,**

  *"Huma u sejrin għal għonq it-triq, waslu f'post fejn kien hemm l-ilma. U l-uffiċjal qal: "Ara, hawn l-ilma! X'qiegħed iżommni* ***li ma nitgħammidx****?" Filippu qallu: "Jekk int tem-men b'qalbek, tista'. L-ewnuku wieġeb: "Jiena nemmen li Ġesù Kristu hu l-Iben ta' Alla." Imbagħad ordna li jwaqqfu l-karru, niżlu t-tnejn fl-ilma, hu u Filippu,* ***u dan għammdu****.*

*Malli telgħu mill-ilma, l-Ispirtu tal-Mulej ħataf lil Filippu; l-uffiċjal ma rahx iktar u baqa' sejjer fi triqtu kollu ferħan.*"

Qiegħed tara issa x'għandha tagħmel persuna biex *issalva u tkun ferħana*? Din għandha, dejjem skond il-Kelma ta' Alla, li *temmen u tindem u titgħammed u tistqarr li temmen li Ġesù Kristu hu l-Iben ta' Alla*. Jekk xi waħda minn dawn tkun nieqsa, dik il-persuna *ma tistax tkun salva*. Jgħidu x'igħidu l-għalliema moderni, xejn ma hu se jinbidel mill-ordni tal-Mulej għas-salvazzjoni. Twemmin, indiema, stqarrija u magħmudija u **mbagħad** salvazzjoni. Imma ħalli nkomplu naraw x'tgħid il-Kelma ta' Alla u xi jgħidu l-bnedmin u kif huma babsu l-Kelma ta' Alla ħalli jġibuha taqbel mat-tagħlim falz tagħhom.

- **Atti 22:16,**
  "*U issa x'int tistenna? Qum! Tgħammed u nħasel minn dnubietek, int u ssejjaħ ismu.*"

Le! Illum jingħad minn xi għalliema moderni li l-magħmudija mhix meħtieġa, jew li hi prerekwiżit għas-salvazzjoni. Tant kemm dawn l-għalliema moderni tbiegħdu mit-tagħlim ta' Kristu li saħansitra ħadu l-awtorità li hija ta' Kristu waħdu (Mattew 28:18) f'idejhom u biddlu l-kliem ta' Kristu dwar x'għandna nippriedkaw dwar is-salvazzjoni billi *naqqsulu* minnu. Il-Mulej ordna biex ikun imxandar: "Min jemmen **u jitgħammed**, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat." (Mark 16:16). Jista' kliem ikun aktar ċar minn hekk? Imma ara kif kliem il-Mulej li huwa tant importanti għas-salvazzjoni ta' persuna, ġie mnaqqas mill-għalliema moderni. Dawn igħidu hekk: Nikkwota eżatt: "Qabel tela' s-sema ħalla f'idejn id-dixxipli tiegħu (l-appostli u l-aħwa l-oħra kollha) il-missjoni li jxandru l-evanġelju. Min jemmen isalva u jinħafru dnubietu. Dawk kollha li jibqgħu ma jemmnux ma jinħafrux." (*Fuqhom Żernaq id-Dawl*, 5 Il-Maħfra tad-Dnubiet, p. 2, Evanġliċi Nsara 6/26/2004). Jiena nistaqsi: Min ta l-awtorità li minn kliem Kristu jiġi mnaqqas il-kliem "**u jitgħammed**"? Kristu qal li "min jemmen **u jitgħammed** isalva, (Mark 16:16) u jinħafrulu dnubietu Atti 2:38; 22:16) **u mhux** "min jemmen isalva u jinħafru dnubietu." Tajjeb li dawk l-għalliema jaqraw Rivelazzjoni 22:18-19 biex forsi jiġu f'sensihom u ma jibqgħux igħallmu dak it-tagħlim falz! Mhux ta' b'xejn il-ħafna twissijiet fil-Bibbja Mqaddsa biex noqgħodu attenti mill-għalliema foloz! (Mattew 24:24; Mark 13:22; 2 Korintin 11:13-15; Galatin 1:6-9; Kolossin 2:18-19; Efesin 5:6; 2 Tessalonikin 2:8-12; 1 Tim-otju 4:1-3; 2 Timotju 3:13; Titu 3:13; Rivelazzjoni 13:11-14; 16:12-16; 19:19-20; 22:18-19).

Ukoll, il-Knisja Kattolika Rumana tgħallem li t-trabi għandhom ikunu mgħammdin. Imma dan ma jaqbilx mal-kmand tal-Mulej li "Min **jemmen**

u jitgħammed isalva…" Tarbija ma tistax temmen għalhekk ma tikkwalifikax għall-magħmudija! Qiegħed tara kif il-bnedmin jieħdu l-awtorità *li hija biss ta' Kristu* għalihom infushom u jibdew igħallmu tagħlim falz!

## 24. Hemm biss "magħmudija waħda."

- **Efesin 4:5,**
  "*Mulej wieħed, fidi waħda,* ***magħmudija waħda***."

Kemm il-magħmudija hemm skond dan il-vers? **Waħda**. L-istess daqs kemm il-Mulej hemm, **Wieħed**. Spirtu **Wieħed** hemm, (vers 4) u daqshekk ieħor hemm magħmudijiet, **waħda biss**. L-istess daqs kemm 'il Alla hemm, **Wieħed** (vers 6).

- **Atti 8:36-39,**
  "*Huma u sejrin għal għonq it-triq, waslu f'post fejn kien hemm l-ilma. U l-uffiċjal qal: "Ara, hawn l-ilma! X'qiegħed iżommni* ***li ma nitgħammidx****?" Filippu qallu: "Jekk int temmen b'qalbek, tista'. L-ewnuku wieġeb: "Jiena nemmen li Ġesù Kristu hu l-Iben ta' Alla." Imbagħad ordna li jwaqqfu l-karru, niżlu t-tnejn fl-ilma, hu u Filippu,* ***u dan għammdu****. Malli telgħu mill-ilma, l-Ispirtu tal-Mulej ħataf lil Filippu; l-uffiċjal ma rahx iktar u baqa' sejjer fi triqtu kollu ferħan.*"

L-ewnuku ried li jitgħammed. Imma x'magħmudija kienet li l-ewnuku ried li jitgħammed biha? "*Ara, hawn l-ilma! X'qiegħed iżommni* ***li ma nitgħammidx****?*" Dan juri ċar li dik il-magħmudija kienet **il-magħmudija ta' l-ilma** u mhux xi waħda mis-sitt magħmudijiet l-oħra li nsibu msemmija fit-Tetsment il-Ġdid. U kif kiem mgħammed l-ewnuku? "*Niżlu t-tnejn fl-ilma, hu u Filippu,* ***u dan għammdu****. Malli telgħu mill-ilma,...*" Immersjoni!

- **Atti 22:16,**
  "*U issa x'int tistenna? Qum! Tgħammed u nħasel minn dnubietek, int u ssejjaħ ismu.*"

Imma llum xi wħud qegħdin igħidu li mhux tassew hemm magħmudija **waħda biss**, imma tnejn, dik ta' l-Ispirtu s-Santu *u* dik ta' l-ilma li ma ssalvax, skond huma, ukoll għalkemm il-Kelma ta' Alla b'mod l-aktar ċar tgħidilna li hemm "magħmudija **waħda**" dik ta' l-ilma! Qiegħed tara kif dawn l-għalliema moderni jġibu l-klema ta' Alla fix-xejn u jagħmluha li tidher li qed tikkontradixxi lilha nfisha?

## 25. Il-magħmudja ssalva, hija "għall-maħfra tad-dnubiet"?

- **Mark 16:16,**

*"Min jemmen **u jitgħammed isalva**..."*

- **Atti 2:38,**
  *"U Pietru weġibhom: "Indmu, **u jitgħammed** kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu **għall-maħfra ta' dnubiet-kom**; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu."*

- **1 Pietru 3:21,**
  *"Dan l-ilma kien ifisser il-magħmudija, **li issa salva** lilkom ukoll. Mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax hi talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja **bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu**."* (Ara Rumani 6:3-5.)

- **Galatin 3:27,**
  *"Intom, li intom **mgħammda** fi Kristu, ilbistu 'l Kristu."*

Le, igħidu xi għalliema moderni, il-magħmudija ma salvax ukoll għal-kemm hija **kmandament** tal-Mulej (Mark 16:16) u permezz tagħha aħna **nilbsu 'l Kristu,** u niksbu **l-maħfra ta' dnubietna**, imma xorta waħda aħna rridu nibqgħu ngħidu li din ma ssalvax! Imma li għandhom jirrea-lizzaw dawn l-għalliema moderni huwa li huma jridu jagħtu kont lil Dak li ordna l-magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet, lil Dak li permezz tal-magħmudija aħna Nilbsuh, lil Dak li miet, kien midfun, u qam mill-im-wiet u li aħna permezz tal-magħmudija nagħmlu l-istess Bħalu, jiġifieri, immutu għad-dnub, nindifnu Miegħu fil-mewt **permezz tal-magħmudija** sabiex kif Hu kien imqajjem mill-imwiet *hekk aħna ngħixu ħajja ġdida*. (Rumani 6:3:4), lil Dak li aħna "sirna ħaġa waħda Miegħu f'mewt tixbah lil Tiegħu u hekk ningħaqdu Miegħu fil-qawmien Tiegħu mill-mewt" u dan kollu permezz tal-magħmudija! (Rumani 6:5; Kolossin 2:12). Ma jimpurtax x'igħallmu l-bnedmin, li jimporta huwa li wieħed ma jħallix lil min iqarraq bih b'dak il-mod għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuqu (Efesin 5:6).

## 26. Salvi bil-fidi biss?

- **Luqa 6:47,**
  *"Għaliex isejħuli, 'Mulej, Mulej,' u mbagħad **ma tagħmlux** dak li ngħid jien?"*

Skond il-Mulej, hemm xi ħwejjeġ li aħna għandna *nagħmlu*!

- **Atti 26:27-28,**
  *"Temmen int, sultan Agrippa, fil-Profeti? **Jien naf li tem-men**." Imbagħad Agrippa qal li Pawlu: "Ftit jonqsok biex tip-perswadini u tagħmilni Kristjan."*

"**Jiena naf li temmen.**" Skond Pawlu, għaliex hu stess **kien jaf**, is-Sultan Agrippa billi kien **jemmen biss** kien għadu **mhux salv**, imma skond it-tagħlim modern ta' salvazzjoni "bil-fidi biss" Pawlu kien żbaljat! Temmnu dan int?

- **Lhud 5:9,**
  "*U billi kien magħmul perfett, sar il-kawża tas-salvazzjoni ta' dejjem għal dawk kollha li jobduh.*"

Il-Kelma ta' Alla tgħidilna li Kristu "sar il-kawża tas-salvazzjoni ta' dejjem għal dawk kollha li **jobduh.**" Imma dan il-vers, skond it-tagħilm falz ta' l-għalliema moderni, li persuna ssalva bil-fidi biss," għandu jinqara hekk: "sar il-kawża tas-salvazzjoni ta' dejjem għal dawk kollha li **jemmnu**" u mhux li **jobdu!**

- **Ġakbu 2:14-26,**
  "*X'jiswa, ħuti, jekk wieħed igħid li għandu l-fidi, u m'għandux opri?* ***Tista' l-fidi ssalvah?*** *Jekk ħu jew oħt huma għarwenin, u neqsin mill-ikel ta' kuljum, U jgħidilhom wieħed minnkom: Morru bis-sliem, isħnu u ixbgħu; mingħajr ma tagħtuhom dawk il-ħwejjeġ li jinħtieġu għall-ġisem, x'jiswa?* ***Hekk ukoll il-fidi, jekk m'għandhiex opri, hi mejta, billi hi weħidha****. Iva, wieħed jista' jgħid: Int għandek il-fidi, u jien għandi l-opri: urini l-fidi tiegħek mingħajr opri, u jien nurik il-fidi tiegħi mill-opri tiegħi. Inti* ***temmen*** *li hemm Alla wieħed; sewwa tagħmel:* ***id-demonji wkoll jemmnu, u jitriegħdu****. Imma trid tkun taf, ja bniedem fieragħ, li* ***l-fidi bla opri hi mejta****? Abraham, missierna, mhux bl-opri kien iġġustifikat, meta offra 'l ibnu Iżakk fuq l-artal? Tara kif il-fidi kienet taħdem ma' l-opri tiegħu, u kif bl-opri l-fidi saret perfetta? U seħħet l-Iskrittura li tgħid: Emmen Abraham lil Alla, u kien magħdud lilu b'ħaqq: u kien imsejjaħ ħabib Alla.* ***Taraw mela kif bl-opri isir ġust il-bniedem, u mhux bil-fidi weħidha****. Hekk ukoll Raħab il-mara tad-dnub, mhux bl-opri kienet iġġustifikata, meta laqgħet il-messaġġiera, u tellqithom minn triq oħra?* ***Għax bħalma ġisem bla spirtu hu mejjet, hekk il-fidi bla opri hi mejta****.*"

Imma l-għalliema foloz ma' dan jaqblux? Huma jgħallmu li persuna tkun iġġustifikata "bil-fidi biss." Imma l-Ispirtu s-Santu jgħid li persuna tkun iġġustifikata "bl-opri" **flimkien** mal-fidi. "*Abraham, missierna,* ***mhux bl-opri kien iġġustifikat***" "*Raħab,...****mhux bl-opri kienet iġġustifikata****.*" Min se jgiddeb lil l-Ispirtu s-Santu meta kiteb dan il-kliem? Għalhekk, jeħtieġ li nobdu lil Alla aktar milli l-bnedmin (Atti 5:29). Temmen int li

Abraham kien iġġustifikat **bl-opri?** Temmen int li raħab kienet iġġustifikata **bl-opri**? Hekk tgħid il-Kelma ta' Alla! Imma mhux bl-opri biss! L-istess kif bniedem ikunu iġġustifikat **bil-fidi** imma mhux bil-fidi biss!

**27. Is-saltna mhix imwaqqfa llum.**

- **Mattew 16:18,**
  "*U jiena* ***lilek nagħtik l-imfietaħ tas-saltna tas-smewwiet:*** *u dak kollu li torbot fuq l-art ikun marbut ukoll fis-smewwiet: u dak kollu li tħoll fl-art ikun maħlul fis-smewwiet.*"

Kieku Pietru ma kienx se juża "l-imfietaħ tas-saltna" f'ħajtu dan il-kliem tal-Mulej kien ikun bla sens! Imma ara l-versi li ġejjin minn Mark 9:1.

- **Mark 9:1,**
  "*U qalilhom: Tassew ngħidilkom: Hemm* ***x'uħud milli qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt, qabel ma jaraw is-saltna*** *t'Alla ġejja bil-qawwa.*"

Ġesù qalilhom: "**Tassew** ngħidilkom." Mela jekk is-saltna ma ġietx fil-ħajja ta' xi wħud minn dawk li Ġesù "tassew qalilhom," il-Mulej gideb u qarraq bihom! F'din il-pożizzjoni jġibu lill-Mulej tat-Torri ta' l-Għassa u dawk kollha li jgħallmu lis-saltna għadha ma ġietx!

- **Kolossin 1:13,**
  "*Li ħelsina mill-ħakma tad-dlam* ***u daħħalna fis-saltna*** *ta' Ibnu l-maħbub.*"

"**Daħħalna** fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub." Imma l-għalliema moderni jgħidu lis-saltna hija "fil-futur." Mela kif jista' jkun li Alla **daħħalna fis-saltna** jekk din għadha ma teżistiex? Lil min int se temmen, lil l-Ispirtu s-Santu, li permezz ta' Pawlu jgħidilna li Alla "**daħħalna fis-saltna** ta' Ibnu l-maħbub" jew lil l-għalliema foloz tal-lum? Lil min?

- **Rivelazzjoni 1:6, 9,**
  "*U* ***għamilna saltna*** *u qassisin għal Alla u Missieru; lilu glorja u qawwa għal dejjem ta' dejjem. Amen….Jien Ġwanni, li jien ukoll ħukom, u seħibkom fit-tiġrib,* ***u fis-saltna*** *u fis-sabar ta' Ġesù Kristu, kont fil-gżira li jisimha Patmos, minħabba l-kelma ta' Alla, u x-xhieda ta' Ġesù Kristu.*"

"U **għamilna saltna**..." Imma skond il-mexxejja tat-Torri ta' l-Għassa u xi oħrajn is-saltna għadha ma ġietx, mela ta' liema saltna għamilna? "*Jien Ġwanni, li jien ukoll ħukom, u seħibkom fit-tiġrib,* ***u fis-saltna*** *u fis-sabar ta' Ġesù Kristu.*" Kien Ġwanni żbaljat meta qal li hu kien ħuna "**fis-**

**saltna** ta' Ġesù Kristu"? Lil min se temmen int, lil Ġwanni jew il-gideb u l-qerq?

- **Lhud 12:28**
  "*Għalhekk la darba aħna* ***ksibna saltna*** *li ma tistax tkun imheżhża, ħa nżommu l-grazzja, li biha nistgħu naqdu 'l Alla kif jixraq, bil-ġieħ u l-biża'.*"

"*La darba aħna* ***ksibna saltna.***" Jekk aħna "**ksibna saltna**" allura s-saltna hija hawn, issa. Mhux hekk biss, imma din is-saltna "*ma tistax tkun imheżhża.*" Min qiegħed igħid il-verità, l-Ispirtu s-Santu jew l-għalliema foloz moderni?

Imma llum l-għalliema moderni dan il-kliem ma jaqblux miegħu u kif rajna, qegħdin igħallmu tagħlim falz dwar saltna fil-futur. L-appostlu Pietru, flimkien ma' l-appostli l-oħra, żgur li **wżaw l-imfietaħ tas-saltna** f'ħajjithom inkella l-Mulej ingannahom. Huma żgur li **raw is-saltna ġejja bil-qawwa** f'ħajjithom, inkella l-Mulej daħak bihom. Il-Kristjani kollha żgur li huma meħlusa mill-ħakma tad-dlam u **mdaħħla fis-saltna** ta' Ibnu l-maħbub, inkella l-appostlu Pawlu, u l-Ispirtu s-Santu, qegħdin jidħku bi-na. L-appostlu Ġwanni żgur li waqt li kien fil-gżira ta' Patmos kien ukoll **fis-saltna**, inkella dak li hu kien ispirat biex jikteb kien kollu qerq. Jekk is-saltna hija fil-futur, allura dan kollu li qrajna mill-Kelma ta' Alla huwa gideb! Imma l-Kelma ta' Alla tgħid,

> "*Ħa jkun Alla, Alla tas-sewwa, iżda kull bniedem giddieb*" (Rumani 3:4).

## 28. Is-Seba' knejjes ta' l-Asja.

- **Rivelazzjoni 1:4,**
  "*Ġwanni* ***lis-seba' knejjes*** *li hemm fl-Asja: Grazzja lilkom, u sliem mingħand dak li hu, u li kien, u li ġej; u mis-seba' Spirti li huma quddiem it-tron tiegħu.*"

Lil min il-grazzja u s-sliem huma mibgħuta minn Kristu u mill-Ispirtu s-Santu? Ġwanni jgħid li huma "lis-seba' knejjes li hemm fl-Asja."

- **Rivelazzjoni 2:1, 8, 12, 18; 3:1, 7, 14,**
  "*Lill-anġlu tal-knisja ta'* ***Efesu*** *ikteb:…U lill-anġlu tal-knisja ta'* ***Smirni*** *ikteb:…U lill-anġlu tal-knisja ta'* ***Pergamu*** *ikteb: …U lill-anġlu tal-knisja ta'* ***Tijatira*** *ikteb:…u lill-anġlu tal-knisja ta'* ***Sardis*** *ikteb: u lill-anġlu tal-knisja ta'* ***Filadelfja*** *ikteb…u lill-anġlu tal-knisja ta'* ***Laodikija*** *ikteb:…*"

Imma llum jintqal li dawk is-seba' knejjes mhumiex **seba' knejjes** imma huma **seba' żminijiet**. Ifisser dan li l-Ispirtu s-Santu kien żbaljat? Ifisser

dan li l-belt ta’ Efesu mhi belt xejn imma sempliċiment hija “żmien”? U l-istess is-sitta l-oħra wkoll? Tajjeb li wieħed jaqra Rivelazzjoni 22:18-19.

**29. Il-mara ta’ Rivelazzjoni 12.**

- **Rivelazzjoni 12:1-2,**
  “*U deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b’kuruna ta’ tnax-il kwekba fuq rasha. Hija kienet fit-tqala u bdiet tgħajjat bl-uġigħ tal-ħlas u tbati biex teħles.*”

Il-Knisja Kattolika tgħid li l-mara hawn hija l-knisja imma lin-nies tgħidilhom li hija Marija (il-Madonna). Imma l-kapitlu juri ċar li l-mara **ma tistax** tkun Marija, imma xorta waħda l-Knisja Kattolika tipprova tapplikaha għall-Marija fejn saħansitra ċerti bliet, bħal Bormla, għandhom statwa ta’ Marija (imsejħa il-Kunċizzjoni) liebsa x’xemx bil-qamar taħt riġlejha, u l-kuruna u t-tnax-il kewkba. Imma xorta waħda ħafna nies jibqgħu jiġu ngannati mingħajr lanqas biss jinteressahom x’tgħid tassew il-Kelma ta’ Alla!

**30. Wieħed hemm Medjatur.**

- **1 Timotju 2:5,**
  “*Għax hemm Alla **wieħed**, u medjatur **wieħed** bejn Alla u l-bnedmin: il-bniedem Kristu Ġesù.*”

Tista’ qatt il-kelma “wieħed” tfisser **aktar** minn wieħed? Jekk hemm aktar minn Medjatur **wieħed** allura hemm aktar minn Alla wieħed ukoll!

- **Lhud 7:22,**
  “*Daqshekk ieħor hu aqwa l-patt li tiegħu Ġesù hu **l-medjatur**.*”

- **Lhud 8:6,**
  “*Issa l-ministeru li kiseb Kristu hu daqshekk aqwa minn dak ta’ l-imgħoddi daqskemm hu aqwa l-patt li tiegħu huwa **l-medjatur**.*”

Għalkemm il-Kelma ta’ Alla tgħid li hemm biss Medjatur **wieħed** imma l-Knisja Kattolika Rumana u xi oħrajn xorta waħda jżidu lil Marija u qaddisin oħra magħmula hekk minnhom bħala medjaturi wkoll, jiġifieri, li membri tagħhom għandhom jitolbu lilhom biex jaqilgħu l-grazzji u jidħlu għalina quddiem Alla ukoll għalkemm il-Kelma ta’ Alla tgħidilna li “*ma hemmx isem ieħor li permezz tiegħu aħna nistgħu nkunu salvi*” ħlief dak ta’ Ġesù Kristu (Atti 4: 12). U wkoll għalkemm il-Kelma ta’ Alla tgħidilna biex “*Kull ma tagħmlu jew tgħidu, **agħmlu kollox** f’isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu*” (Kolossin

3:17). Imkien ma' l-Kelma ta' Alla tgħidilna biex nitolbu lil Alla permezz ta' xi ħadd ieħor ħlief permezz tal-Mulej Ġesù Kristu, il-Medjatur **wieħed** tagħna.

**31. Sagrifiċċju wieħed.**

- **Lhud 9:28,**
  "*Hekk Kristu kien* ***offrut darba*** *biex jarfa' d-dnubiet ta' ħafna; u jidher* ***għat-tieni darba****, mhux biex ineħħi d-dnub, imma għas-salvazzjoni ta' dawk li jistennewh.*"

Jekk Kristu kien **offrut darba**, mela kif qatt jista' jkun hemm xi sagrifiċċju ieħor Tiegħu, bħal l-hekk imsejjaħ, "Sagrifiċċju tal-Quddiesa" u li jisir bosta drabi kuljum?

- **Lhud 10:10-18,**
  "*Bis-saħħa ta' dir-rieda aħna tqaddisna bl-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu* ***darba għal dejjem****. U kull qassis wieqaf kuljum iservi u joffri bosta drabi l-istess sagrifiċċji, li ma jistgħu qatt ineħħu d-dnubiet: Iżda dal-bniedem, wara li* ***offra sagrifiċċju wieħed għad-dnubiet għal dejjem****, qagħad bilqiegħda fuq il-lemin ta' Alla. Minnfejn qiegħed jistenna sama l-egħdewwa tiegħu jitqiegħdu b'mirfes taħt riġlejh Għax.* ***b'offerta waħda*** *għamel perfetti* ***għal dejjem*** *lil dawk li huma mqaddsa. U ta' dan hemm xhieda wkoll l-Ispirtu s-Santu: għax wara dan kien qal qabel: din hi r-rabta li nagħ-mel magħhom wara dawk il-jiem, igħid il-Mulej: Inqiegħed il-liġijiet tiegħi f'qalbhom, u f'moħħhom niktibomlhom; U fi dnubiethom u ħtijiethom ma niftakarx aktar. Issa fejn hemm il-maħfra ta' dawn,* ***m'hemmx iżjed offerti għad-dnub****.*"

"*Bl-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu* ***darba għal dejjem****.*" "*Wara li* ***offra sagrifiċċju wieħed għad-dnubiet għal dejjem****.*" "*Għax.* ***b'offerta waħda****.*" "M***'hemmx iżjed offerti għad-dnub****.*" Juru dawn li għandu jsir xi hekk imsejjaħ "sagrifiċċju" (tal-Quddiesa) ieħor matul iż-żminijiet?

- **Lhud 10:26,**
  "*Għax jekk wara li ħadna t-tagħrif sħiħ tal-verità nidinbu minn rajna,* ***ma hemmx sagrifiċċju ieħor għad-dnub xi jsir****.*"

Imma x'jiswa dan il-kliem, jiġifieri, li Kristu offra Lilu Nnifsu "**darba għal dejjem**", li "**offra sagrifiċċju *wieħed* għad-dnubiet għal dejjem**", li "**b'offerta waħda** għamel perfetti **għal dejjem**", u li "**m'hemmx iżjed offerti għad-dnub**", u li "**ma hemmx sagrifiċċju *ieħor* għad-dnub xi

**jsir**"? Il-Knisja Kattolika xorta għadha sejjaħ il-quddiesa bħala "s-sagrifiċċju" ukoll għalkemm il-Kelma ta' Alla tgħid li ma jistax ikun irripetut is-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-salib għaliex Hu "**offra sagrifiċċju *wieħed*** għad-dnubiet **għal dejjem.**" Kien is-sagrifiċċju offrut **għal dejjem** jew le? Il-Kelma ta' Alla tgħidilna bi kliem l-aktar ċar li "**ma hemmx sagrifiċċju ieħor għad-dnub xi jsir**." Mela l-bnedmin warrbu dan il-kliem ċar ta' l-Ispirtu s-Santu u qegħdin igħallmu li, iva, hemm sagrifiċċju ieħor xi jsir, *is-sagrifiċċju* tal-quddiesa! Xi ħadd hu żbaljat, jew l-Ispirtu s-Santu jew it-teologi Kattoliċi Rumani! Min? Imma tajjeb li wieħed jaqra Atti 5:29, fejn Pietru u Ġwanni jagħtuna eżempju dwar x'għandna nagħmlu aħna! Aħna għandna ngħidu, kif qalu huma:

"*Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin.*"

Dan hu li l-bnedmin jeħtieġu li jagħmlu llum, **jobdu lil Alla biss**!

## 32. L-aħwa ta' Ġesù.

- **Mark 3:31-34,**

  "*Darba ġew ommu u ħutu, baqgħu barra u bagħtu jsejħulu. Dak il-ħin kien hemm ħafna nies bilqiegħda madwaru. "Ara" qalulu, "ommok u ħutek qegħdin hemm barra u jriduk."U hu weġibhom: "Min huma ommi u ħuti?" Imbagħad dawwar ħarstu fuq dawk li kien hemm madwaru bilqiegħeda, u qal: "Dawn, araw, huma ommi u ħuti. Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija, u oħti, u ommi.*"

Min dawn il-versi nitgħallmu li hemm **żewġ** familji msemmija ta' Ġesù. Il-familja **fiżika**, "*ġew ommu u ħutu*"; "*Ara*" *qalulu,* "*ommok u ħutek qegħdin hemm barra u jriduk*" u l-familja **spiritwali,** "*Min huma ommi u ħuti?*" *Imbagħad dawwar ħarstu fuq dawk li kien hemm madwaru bil-qiegħeda, u qal:* "***Dawn, araw, huma ommi u ħuti. Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija, u oħti, u ommi.***" Jekk aħna niċħdu li "ħutu" ma kinux **ulied Marija** minn żewġha Ġużeppi, imma xi *qraba* jew *kuġini* kif tipprova tgħallem il-Knisja Kattolika Rumana, allura l-Kristjani kollha mhumiex ħut Kristu imma l-qraba jew il-kuġini Tiegħu! Imma aħna nafu li aħna "*ħutu*" (Lhud 2:11-12) u mhux kuġini jew qraba fis-sens kif jippruvaw igħallmuna t-teologi Kattoliċi Rumani! Imma min kienu ħutu, tgħidilna l-Kelma ta' Alla l-ismijiet tagħhom? Iva!

- **Mark 6:1-3,**

  "*Telaq minn hemm u mar lejn pajjiżu, u d-dixxipli tiegħu marru miegħu. Meta wasal is-Sibt, daħal igħallem fis-sinagoga, u li semgħuh bdew jistagħġbu u jgħidu: "Mnejn kisbu*

*dan kollu? U xinhu dan il-għerf li ngħatalu biex saħansitra qegħdin isiru dawn l-egħġubijiet kbar b'idejh?* ***Dan mhuwiex il-mastrudaxxa bin Marija, u ħu Ġakbu u Ġożè u Ġuda u Xmun? U ħutu l-bniet mhumiex hawn magħna?*"

Li kieku l-Ispirtu s-Santu ried igħid li dawk ma kinux ħutu, subjien u bniet taħseb int li ma kienx jaf jispira lil Mark biex jikteb **qraba** u jgħid: "Dan mhuwiex il-mastrudaxxa bin Marija, u **l-qarib** ta' Ġakbu u Ġożè u Ġuda u Xmun? U **l-qraba tiegħu** l-bniet mhumiex hawn magħna?" Imma t-teologi Kattoliċi Rumana jidhru li jafu aktar mill-Ispirtu s-Santu!

- **Ġwanni 1:40-41,**
  "*Wieħed mit-tnejn li semgħu x'kien qal Ġwanni u marru wara Ġesù kien Indri,* ***ħu****, Xmun Pietru. L-ewwel ma għamel mar isib lil* ***ħuh*** *Xmun,....*"

Igħidu t-teologi Kattoliċi Rumani li Xmun Pietru ma kienx **ħu** Indri imma l-**qarib** tiegħu? (ara Atti 12:2 wkoll għal eżempju ieħor.) Ċertament li dan ma jgħiduhx dwar Xmun Pietru u Indri u Ġakbu u Ġwanni! Imma tgħidilna l-Kelma ta' Alla dwar **qraba** u mhux aħwa? Iva! Ara li ġej.

- **Luqa 1:36,**
  "*Ara,* ***il-qariba tiegħek Eliżabetta****, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġa għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal.*"

Nistgħu aħna ngħidu li Eliżabetta kienet **oħt** Marija? Skond it-teologi Kattoliċi Rumani it-tweġiba għandha tkun "iva, nistgħu." Imma aħna nafu li Eliżabetta ma kinetx **oħt** Marija imma l-qariba ta' Marija. Il-Kelma ta' Alla hekk tgħid bi kliem ċar.

- **Ġwanni 2:12,**
  "*Wara dan, niżel Kafarnahum, hu, ommu,* ***ħutu****, u d-dixxipli tiegħu, iżda ma qagħdux hemm għal żmien.*" (Ara wkoll Ġwanni 7:2, 5, 10.)

Hawn naraw li l-Kelma ta' Alla qed tagħmel *distinzjoni* bejn **ħutu** u **d-dixxipli** biex ma jkunx hemm xi ħadd u jgħid li **ħutu** kienu **d-dixxipli** Tiegħu, kif fil-fatt jippruvaw jagħmlu xi wħud!

- **Atti 1:12-14,**
  "*Imbagħad reġgħu lura lejn Ġerusalem mill-għolja msejħa taż-Żebbuġ, li hi 'l bogħod mill-belt daqs il-mixja tas-Sibt, jiġifieri xi nofs mil. Xħin daħlu l-belt, telgħu fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu. Huma kienu: Pietru u Ġwanni, Ġakbu u Indri, Filippu u Tumas, Bartilmew u*

*Mattew, Ġakbu bin Alfew, u Xmun igħidulu l-Imħeġġeġ, u Ġuda bin Ġakbu. U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma'* ***Marija omm Ġesù, u ma' ħutu****.*"

Jekk wieħed jinnota hawn, ukoll għalkemm l-appostli huma aħwa *spirit-wali* ma' Ġesù, imma biex juri l-aħwa *fiżiċi* Luqa jsemmi l-aħwa ta' Ġesù f'konnessjoni ma' Marija, jiġifieri, hu jgħid, "*ma' Marija omm Ġesù, u ma' ħutu.*"

- **Ġalatin 1:19,**
  "*Mill-appostli l-oħra ma rajt lil ħadd ħlief lil Ġakbu,* ***ħu l-Mulej****.*"

L-appostlu Pawlu hawn ukoll jagħmilha ċara biex ħadd ma jħallat lil Ġakbu ma' xi Ġakbu ieħor. Pawlu wera lil Ġakbu bħala "Ġakbu **ħu l-Mulej**." Kien hemm aktar minn Ġakbu wieħed fejn f'Atti 12:2 naqraw dwar Ġakbu **ħu** Ġwanni li Erodi qatagħlu rasu. Jekk Ġakbu **ħu l-Mulej** kien *qarib* ta' Ġesù, kif jintqal fil-kumment ta' Galatin 1:19 fil-Verżjoni tal-Bibbja Kattolika Rumana, allura Ġakbu **ħu** Ġwanni għandu jkun ukoll *qarib* ta' Ġwanni u mhux **ħuh!** Li naqraw f'Galatin 1:19 ukoll mhuwiex aċċettat mill-Knisja Kattolika Rumana, kif wieħed jista' jara mill-kum-ment ta' dak il-vers u b'hekk igiddbu l-Kelma ta' Alla u jġiegħlu lin-nies jaċċettaw l-interpretazzjoni falza tagħhom li dawk "l-aħwa" kienu sempli-ċiment "qraba." (Ara Luqa 2:41-52 fejn hemm spjegat id-differenza bejn qraba u oħrajn.)

33. **Il-verġnità ta' Marija. Qabel it-Twelid, Marija kienet verġni, imma wara li twlied Ġesù, Marija** ***ma baqgħet*** **verġni.**

- **Luqa 2:22-24,**
  "*Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom skond il-liġi ta' Mosè, ħaduh Ġerusalem biex jippreżentawh lill-Mulej, kif hemm miktub fil-liġi tal-Mulej, li 'kull tifel* ***li jiftaħ il-ġuf*** *jiġi kkonsagrat lill-Mulej,' u biex joffru b'sa-grifiċċju 'par gamiem jew żewġ bċieċen,' kif jingħad ukoll fil-liġi tal-Mulej.*" (Ara Eżodu 13:2, 12; Levitku 12:8.)

- **Mattew 1:24-25,**
  "*Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa lil* ***martu*** *għandu. Imma* ***baqa'ma għarafhiex sa ma kellha iben****, u semmieh Ġesù.*"

Le! Luqa hawn kien żbaljat skond l-għorrief tal-Knisja Kattolika Rumana! Tant kemm hu hekk għalihom li ppruvaw jibdlu l-kliem tiegħu u jpoġġu l-kliem tagħhom. Minflok li nsibu "'*kull tifel* ***li jiftaħ il-ġuf***" fil-verż-

jonijiet Maltin tal-Knisja Kattolika Rumana, huma poġġew "*kull tifel li jitwieled l-ewwel.*" Forsi xi ħadd igħid, imma mhux xorta dan? Le, għaliex il-kliem oriġinali, jiġifieri l-Grieg, juri ċar li Marija ma setgħetx tibqa' verġni, għalhekk mhux xorta! Il-Grieg igħid: "*dianoigon metran*" li juri li l-verġnità ġiet fit-tmiem. Ukoll il-Latin juri dan fejn igħid: "*apertio vulvae*" li juri wkoll b'mod ċar li Marija ma baqgħet verġni. Skond Luqa, *li kien tabib* (Kolossin 4:14), Marija **ma baqgħetx** verġni wara t-twelid ta' Ġesù. Il-kliem ma jistax ikun aktar ċar milli hu. Ukoll skond Mattew, il-kliem huwa ċar, "**baqa'ma għarafhiex *sa ma* kellha iben**." It-tifsira mogħtija mill-knisja Kattolika għal "Ma għarafhiex" hija din: "espressjoni Lhudija biex tfisser ir-relazzjoni intima bejn il-miżżewġin." "*Sa ma*" turi li wara li Marija kellha lil Ġesù hija u Ġużeppi għexu l-ħajja flimkien bħala miżżewġin u obdew il-Kelma ta' Alla dwar ir-relazzjoni sesswali ta' bej-niethom (Ara 1 Korintin 7:3-6), jekk le, allura huma marru kontra l-Kelma ta' Alla u għexu fid-dnub!

## 34. It-trabi jitwieldu midinba jew imħassra?

- **Luqa 18:15-17,**
  "*Ġibulu wkoll quddiemu t-trabi biex imisshom. Imma d-dixxipli, kif raw dan, qabdu jgħajtu magħhom. Ġesù sejħilhom u qalilhom: "Ħalluhom lit-tfal iż-żgħar jiġu għandi, u żżommuhomx, għax **ta' min hu bħalhom** hija s-Saltna ta' Alla. Tassew, ngħidilkom, li min is-Saltna ta' Alla ma jilqagħhiex b'qalb ta' tifel ċkejken ma jidħolx fiha.*" (Ara Mark 10:13-16 ukoll.)

Kif wieħed jista' jakkuża tarbija b'xi dnub jew li titwieled imħassra, kif igħallmu xi denominazzjonijiet, wara li jkun qara dan il-kliem tal-Mulej? "*Għax **ta' min hu bħalhom** hija s-Saltna ta' Alla.*" Qiegħed igħid Ġesù lis-saltna ta' Alla hija tal-midinbin? Jew ta' dawk li għandhom l-hekk imsejjaħ "dnub tan-nisel"? Jew qiegħed igħid Ġesù lis-saltna ta' Alla hija ta' dawk li jitwieldu mħassra kif igħallmu l-evanġeliċi u denominazzjonijiet oħra? Tajjeb li dawn jerġgħu jisimgħu lill-Mulej u jaraw x'qal dwar it-trabi:

- **Mattew 21:15-16,**
  "*Il-qassisin il-kbar u l-kittieba ma felħux jissaportu meta raw l-egħġubijiet li kienu qegħdin isiru u **lit-tfal** fit-tempju jgħajtu u jgħidu, 'Hosanna lil Bin David!' U qalulu: "Qiegħed tisma' x'inhuma jgħidu dawn?" "Iva," qalilhom Ġesù; "qatt ma qrajtu li '**minn fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib int hejjejt tifħir għalik'?**"* (Ara Salm 8:3).

Mela l-Mulej jgħid li '*minn fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib int hejjejt tifħir għalik'*" u dawn l-għalliema foloz moderni jgħidu li t-trabi jitwieldu bid-dnub u mħassra! Jaħasra għalihom dawn l-għalliema foloz li jgiddbu lill-Mulej bit-tagħlim tagħhom!

- **1 Ġwanni 3:4,**
  "*Kull min jagħmel id-dnub jikser ukol il-liġi;* ***għax id-dnub huwa l-ksur tal-liġi****.*"

Tista' tarbija "tikser il-liġi"? Mela lanqas ma tista' tidenb jew titħassar!

- **Ġakbu 1:13-15,**
  "*Waqt li tkunu mġarrbin, araw li ħadd ma jgħid, "Alla qiegħed iġarrabni"; għax Alla ma jistax jiġġarrab għall-ħażin, u anqas mhu se jġarrab lil ħadd. Għax kull bniedem imġarrab jinġibed u jitħajjar* ***mill-passjoni tiegħu stess****. Imbagħad il-passjoni, meta tnissel, twelled id-dnub; u d-dnub, meta jilħaq il-milja tiegħu, iġib il-mewt.*"

Skond dawk li jgħallmu li tarbija titwieled bid-dnub, jew imħassra, dan il-kliem tal-Kelma ta' Alla huwa żbaljat! Il-Mulej tagħna qal, "*għax* ***ta' min hu bħalhom*** *hija s-Saltna ta' Alla.*" Hija s-saltna ta' Alla ta' dawk li huma "bid-dnub" jew "imħassra"? Mela ejja nwarrbu dak it-tagħlim falz tal-bnedmin li permezz tiegħu qegħdin iġibu l-Kelma ta'Alla fix-xejn!

***'Minn fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib int hejjejt tifħir għalik'?"*** Hejja l-Mulej tifħir Għalih minn fomm *il-midinba*, jew *l-imħassra*? Ġesù qalilhom "Ma qrajtux…" u sfortunatament dawk kollha li llum qegħdin igħallmu li tarbija titwieled bid-dnub jew imħassra **ma qrawx** dak li Ġesù rrifera għalih mill-Kelma ta' Alla! Li kieku qrawh, kieku żgur li ma jgħal-lmux dak it-tagħlim falz tagħhom u jġibu l-kliem ta' Ġesù fix-xejn!

Ġakbu jgħid li: ***"****kull bniedem imġarrab jinġibed u jitħajjar* ***mill-passjoni tiegħu stess****. Imbagħad il-passjoni, meta tnissel, twelled* ***id-dnub*** *…*" Jista' dan ikun applikat għal tarbija? X'passjoni jista' jkollha tarbija biex titwieled bid-dnub jew imħassra kif igħallmu l-għalliema foloz moderni?

Ġwanni jgħid, "***għax id-dnub huwa l-ksur tal-liġi****.*" Jekk tarbija tit-wieled bid-dnub jew imħassra, allura dik it-tarbija tkun kisret il-liġi biex dinbet! Tista' tarbija tikser xi liġi? Mela ejja ma nħallu lil ħadd iqarraq bina biex ma jkollnhiex il-korla ta' Alla fuqna jekk aħna ma nisimgħux mill-Kelma ta' Alla u nisimgħu mill-kelma tal bnedmin (Efesin 5:6).

## 35. Darba salv, dejjem salv?

- **Ġwanni 15:1-6,**

"*Kull fergħa* ***fija*** *li ma tagħmilx frott* ***jaqtagħa****; u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott aktar. Intom ġa ndaf minħabba l-kelma li għedtilkom.* ***Ibqgħu fija****, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom* ***jekk ma tibqgħux*** *fija. Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn.* ***Jekk wieħed ma jibqax fija, jintrema barra bħal fergħa, u jinxef; imbagħad, friegħi bħal dawn jiġbruhom u jixħtuhom fin-nar u jinħarqu.***"

Kif wieħed jista' ma jibqax "fi Kristu" jekk skond it-tagħlim falz ta' xi wħud dik il-persuna hija "darba salva, dejjem salva"? Kien Ġesù żbaljat hawn meta qal dak il-kliem?

- **Ġwanni 16:1,**
  "*Dawn il-ħwejjeġ għedthomlkom* ***biex ma titfixklux****.*"

Mela jista' wieħed "jitfixkel" la "darba salv, dejjem salv"? Qiegħed tara kemm hu tagħlim falz dak it-tagħlim?

- **1 Korintin 5:11-13,**
  "*Imma bħalissa qiegħed niktbilkom biex ma tagħmluhiex ma'* ***min jissejjaħ ħukom*** *u jkun hu żieni, rgħib, idolatra jew insolenti, sikran jew ħalliel; ma dan l-anqas biss tieklu ma għandkom. Jaqaw jien għandi nagħmel ħaqq mill-bar-ranin? Mhux minn dawk* ***ta' ġewwa*** *tagħmlu intom il-ħaqq? Il-barranin jagħmel ħaqq minnhom Alla. Neħħu* ***l-bniedem il-ħażin minn ġo nofskom****.*"

Skond dan il-kliem ispirat ukoll minn *dawk li jissejħu ħutna* jista' jkun hemm min jintilef. Fejn hu tagħlim falz ta' "darba salv, dejjem salv"?

- **1 Korintin 9:24-27,**
  "***Ma tafux*** *li l-ġerrej fl-istadju kollha jiġru, imma l-premju wieħed jirbħu? Iġru, mela, ħalli tirbħu. Kull atleta jiċċaħħad minn kollox—u dawn biex jirbħu kuruna midbiela, imma aħna, waħda li ma tidbielx. Jien issa hekk niġri, mhux qisni bl-addoċċ; ma nissarax bħallikieku qiegħed nagħti fil-vojt. Iżda ngħakkes bl-aħrax 'il ġismi u njassru, biex ma jiġrilix li, wara li nkun ippridkajt lil ħaddieħor,* ***jiena stess insib ruħi ikkundannat****.*"

L-appostlu Pawlu, skond it-tagħlim falz ta' "darba salv, dejjem salv" hu żbaljat hawn fi kliemu għax kif hu jista' jsib *ruħu kkundannat* la "darba salv, dejjem salv?" Mela Pawlu ma kienx jaf dwar dan it-tagħlim? Jew forsi Pawlu ma kienx salv mill-bidu, kif jippruvaw igħallmu l-għalliema foloz tal-lum dwar dawk li jitbiegħdu mit-tagħlim?

- **2 Korintin 11:3-4,**
  "*Imma* ***nibża'****, li b'xi mezz, bħalma s-serp* ***qarraq*** *b'Eva permezz tal-qerq tiegħu,* ***hekk ħsibijietkom jitħassru, u titilfu l-imħabba safja tagħkom lejn Kristu****. Għax jekk jiġi wieħed ixandrilkom Ġesù ieħor, li aħna ma xandarniex; jew jekk tieħdu* ***spirtu ieħor****, li intom ma ħadtux, jew evanġelju ieħor, li ma lqajtux, intom taħmluh.*"

Jekk skond it-tagħlim falz ta' "darba salv, dejjem salv," minn xhiex Pawlu kien qiegħed **jibża'**? Kif **ħsibijiethom kienu jistgħu jisthassru**? U kif huma kienu jistgħu **jitilfu l-imħabba safja tagħhom lejn Kristu** la huma kienu darba salvi? U kif huma kienu jistgħu "jieħdu **spirtu ieħor**" la skond it-tagħlim falz ta' "darba salv, dejjem salv" persuna ma tistax taqa' mill-grazzja?

- **1 Timotju 3:1-7,**
  "***Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha****: min jixtieq ix-xogħol ta' isqof jixtieq xogħol sabiħ. Jeħtieġ, imma, li l-isqof ikun bniedem li ma ssibx xi tgħid fih; li jkun raġel ta' mara waħda; li jkun meqjus, prudenti, serju; li jilqa' l-barranin, jaf igħallem; li ma jkunx mogħti għax-xorb; li ma jkunx vjolenti, imma ġwejjed; li ma jkunx ġellied, anqas rgħib għall-flus; li jkun raġel jaf imexxi tajjeb id-dar tiegħu; u li jżomm lil uliedu fl-ubbidjenza bir-rispett kollu. Għax jekk wieħed ma jkunx jaf imexxi 'l daru stess, kif jista' jieħu ħsieb il-knisja ta' Alla? Ma għandux ikun wieħed li għadu kif tgħammed, li ma jmurx jimtela bih innifsu* ***u hekk jaqa' fil-kundanna tax-xitan****. Għandu jkollu wkoll isem tajjeb mal-barranin,* ***li ma jaqax fl-għajb u jaqa' fix-xibka tax-xitan****.*"

"***U hekk jaqa' fil-kundanna tax-xitan...li ma jaqax fl-għajb u jaqa' fix-xibka tax-xitan****.*" Dan il-kliem jintqal dwar l-isqof, bniedem li għandu responsabbiltà kbira fil-knisja. Imma jekk skond it-tagħlim falz ta' "darba salv, dejjem salv" dan ma jista' qatt li jintilef, kif hawn Pawlu jgħid lil Timtoju li l-isqof jista' **jaqa'** fil-kundanna tax-xitan u jista' **jaqa'** fl-għajb u fix-xibka tax-xitan? Min hu żbaljat, l-appostlu Pawlu li b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu qal li "***Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha***" jew l-għalliema foloz moderni li jgħidu li l-Kristjan qatt ma jista' jaqa mill-grazzja? Tajjeb li wieħed jerġa' jaqra Atti 5:29.

- **Lhud 2:1,**
  "*Għalhekk għandna nagħtu ħafna aktar każ ta' dak li smajna, **li ma mmorrux nitbiegħdu 'l barra mit-triq**.*"

Skond it-tagħlim falz ta' "darba salv, dejjem salv" dan il-kliem ispirat huwa żbaljat, għaliex persuna salva qatt ma titsta' tintilef! Temmnu dan int?

- **Lhud 3:12-13,**
  "***Ħuti**, araw li f'ebda wieħed **minnkom** ma jkun hemm qalb imħassra bin-nuqqas ta' twemmin li **jwassal għall-firda minn Alla l-ħaj**. Imma agħmlu l-qalb lil xulxin kuljum—sakemm inkunu għadna nistgħu ngħidu "illum"—biex ħadd minnkom **ma jiġġarrafx mid-dnub u jwebbes qalbu**. Għax aħna għandna sehem fi Kristu, **jekk inżommu sħiħa sa l-aħħar** it-tama li kellna fil-bidu.*"

Jekk skond it-tagħlim ta' "darba salv, dejjem salv" xi ħadd mill-aħwa ma jista' qatt li jintilef, kien l-appostlu Pawlu hawn żbaljat meta qal lil l-aħwa Kristjani li jista' xi ħadd minnhom ikollu nuqqas ta' twemmin li "***jwassal għall-firda minn Alla l-ħaj***"? Kien Pawlu żbaljat meta qal li xi ħadd mill-aħwa, Kristjani, jista' "jiġġarraf mid-dnub u jwebbes qalbu"? Għalfejn Pawlu qal li "***jekk inżommu sħiħa sa l-aħħar** it-tama li kellna fil-bidu*" meta skond it-tagħlim ta' xi wħud li Kristjan jekk "darba salv, dejjem salv"?

- **Lhud 10:26-27, 38,**
  "*Għax wara li ħadna t-tagħrif sħiħ tal-verità **nidibnu minn rajna**, ma hemmx sagrifiċċju ieħor għad-dnub xi jsir. **Jibqgħalna biss li nistennew bil-biża' l-ġudizzju u l-ħuġġieġa nar li teqred l-egħdewwa ta' Alla**...Il-bniedem ġust igħix bil-fidi; **imma jekk jerġa' lura jien ma nitgħaxxaqx bih**.*"

Jista' jkun il-kliem aktar ċar minn dan biex juri kemm huma żbaljati dawk l-għalliema foloz moderni li qegħdin iqarrqu bin-nies billi jgħidulhom li jekk int salv, dejjem salv? "Imma jekk jerġa' lura." Kif jista' jerġa' lura skond dak it-tagħlim falz? Mela jista' **jerġa' lura**?

- **Lhud 12:25,**
  "*Qisu li **ma twarrbux** lil dak li qiegħed ikellimkom! Għax jekk ma ħelsuhiex dawk talli warrbu 'l min kellimhom fuq l-art, **wisq aktar aħna ma neħilsuhiex aħna jekk inwarrbu** 'l min ikellimnha mis-sema.*"

Twissija bħal din tkun bla sens jekk aħna "darba salvi, dejjem salvi! Kif, skond it-tagħlim falz ta' "darba salv, dejjem salv" aħna nistgħu "**nwarrbu** 'l min kellimna mis-sema"? Min qiegħed igħid il-verità, il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud jew l-għalliema foloz moderni? Imma skond il-Kelma ta' Alla dan jista' jsir u għalhekk it-twissija.

- **2 Pietru 2:20-22,**
  "*Għax jekk, wara li ħelsu mill-ħażen tad-dinja bis-saħħa tal-għarfien ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu,* ***reġgħu tħabblu fih u ġew mirbuħin minnu, xortihom ta' l-aħħar sa tkunilhom agħar minn ta' l-ewwel. Kien ikun aħjar għalihom li ma għarfu qatt it-triq tas-sewwa milli, wara li għarfuha, reġgħu lura mill-kmandament imqaddes li ngħata lilhom. Ġralhom kif igħid sewwa l-proverbju: "Il-kelb idur għall-vomtu tiegħu", u "l-ħanżira l-maħsula titmiegħek fit-tajn.***"

"*Reġgħu tħabblu fih* u *ġew mirbuħin minnu*, xortihom **ta' l-aħħar** sa tkunilhom agħar minn ta' l-ewwel." Jaqbel dan il-kliem mat-tagħlim ta' "darba salv, dejjem salv"? "*Kien ikun aħjar għalihom li ma għarfu qatt it-triq tas-sewwa milli,* ***wara li għarfuha, reġgħu lura mill-kmandament imqaddes li ngħata lilhom***." Skond dak it-tagħlim falz ta' "darba salv, dejjem salv," kif dawk kienu jistgħu **jerġgħu lura** mill-kmandament imqaddes li ngħata lilhom"? U jekk "reġgħu lura" ma ntilfux dawn? Mhumiex iż-żewġ proverbji biżżejjed biex iġibu fix-xejn it-tagħlim falz ta' "darba salv, dejjem salv"?

- **2 Pietru 3:17,**
  "*Intom, mela, ħuti għeżież, ladarba tafu dan, għassu sewwa* ***li ma tisfawx maħkuma mill-iżbalji ta' dawn in-nies bla rażan u <u>taqgħu</u> mnejn tinsabu qegħdin fis-sod***."

Xi twissija din kontra dak it-tagħlim falz. "La darba tafu dan" igħidilna Pietru għandna *ngħassu sewwa* "li ma nisfawx maħkuma mill-iżbalji ta' dawn in-nies bla rażan u **naqgħu** mnejn ninsabu qegħdin fis-sod." Mela nistgħu naqgħu? Imma skond it-tagħlim falz ta' "darba salv, dejjem salv" ma nistgħu qatt li naqgħu u nintilfu! Kien Pietru żbaljat hawn?

- **2 Ġwanni 8, 9,**
  "*Ħarsu rwieħkom,* ***li ma tmorrux titlifu*** *dak li għalih ħdimtu. Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra* ***u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan ma għandux lil Alla fih****. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih..*"

Jekk, skond it-tagħlim ta' "darba salv dejjem salv" m'għandix bżonn din it-twissija biex inħares ruħi li ma mmurx nitlef dak li għalih inkun ħdimt? U kif jiena nista' "naqbeż 'il barra u ma nibqax fit-tagħlim ta' Kristu" la "darba salv dejjem salv? Imma l-appostlu Ġwanni, flimkien ma l-appostli Pawlu u Pietru kien żbaljat ukoll! Jew forsi ma kinux għadhom jafu dwar dak it-tagħlim ta' "Darba salv, dejjem salv."

- **Rivelazzjoni 2:10,**
  "*…Ibqa' fidil sal-mewt, u jien nagħtik il-kuruna tal-ħajja.*"

Għalfejn għandu bżonn din it-twissija biex "**jibqa'** fidil sal-mewt" il-Kristjan la "darba salv, dejjem salv"?

- **Rivelazzjoni 21:8,**
  "*Imma għall-ġwejjef, **għal min ma baqax fidil**, għal dawk ta' ħajja mħassra, għall-qattiela, għaż-żienja, għas-saħħara, għal l-idolatri u għall-giddieba kollha, sehemhom ikun bil-belliegħa tan-nar iħeġġeġ u tal-kubrit; din hi t-tieni mewt.*"

Mela jista' xi ħadd li darba kien salv, **ma jibqax fidil**? Biex *ma jibqax fidil* xi darba dan kellu *jkun fidil*, mhux hekk? Imma hawn l-appostlu Ġwanni żbalja wkoll, skond dawk l-għalliema foloz moderni!

Minn dawn il-passaġġi Skritturali (u ħafna oħrajn bħalhom) naraw kemm huwa falz u ta' ħsara kbira t-tagħlim ta' "darba salv, dejjem salv." Araw kif dawn l-għalliema foloz li qegħdin igħallmu dak it-tagħlim falz kif qegħdin iġibu l-Kelma ta' Alla fix-xejn.

X'jiswa li Ġesù jgħid li "kull fergħa **fija** li ma tagħmilx frott **jaqtagħha**." X'jiswa li "Jekk wieħed **ma jibqax fija**, jintrema barra bħal fergħa, **u jinxef**; imbagħad, **frieghi bħal dawn jiġbruhom u jixħtuhom fin-nar u jinħarqu**." X'jiswa li Ġesù qalilna li "dawn il-ħwejjeġ għedthomlkom **biex ma titfixklux**," mela nistgħu nitfixklu? X'jiswa li **min jissejjaħ ħukom** biex inneħħu **l-bniedem il-ħażin minn ġo nofskom**." U x'jiswa li Pawlu qal għalih innifsu "biex ma jiġrilix li, wara li nkun ippridkajt lil ħaddieħor, **jiena stess insib ruħi ikkundannat**." La "darba salv, dejjem salv" kif Pawlu qatt jista' jsib ruħu kkundannat? Possibbli li l-appostlu Pawlu ma kienx jaf x'kien qiegħed igħid! L-għallliema moderni jafu iktar minn Pawlu? U x'tiswa t-twissija ispirata biex "nagħtu ħafna aktar każ ta' dak li smajna, **li ma mmorrux nitbiegħdu 'l barra mit-triq**." Jew li nistgħu "**nidibnu minn rajna**, u li "**jibqgħalna biss li nistennew bil-biża' l-ġudizzju u l-ħuġġieġa nar li teqred l-egħdewwa ta' Alla**." U li "l-bniedem ġust igħix bil-fidi; **imma jekk jerġa' lura jien ma nitgħaxxaqx bih**." Mela jista' "**jerġa' lura**"? U x'tiswa t-twissija l-oħra biex ma "nwarrbux lil dak li qiegħed ikellimna" għax jekk nagħmlu hekk, aħna **ma neħilsuhiex**"? U t-twissija ta': "Għax jekk, wara li ħelsu mill-ħażen tad-

dinja bis-saħħa tal-għarfien ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu, **reġgħu tħabblu fih u ġew mirbuħin minnu, xortihom ta' l-aħ-ħar sa tkunilhom agħar minn ta' l-ewwel.** Kien ikun aħjar għalihom li **ma għarfu qatt it-triq tas-sewwa milli, wara li għarfuha, reġgħu lura mill-kmandament imqaddes li ngħata lilhom.** Ġralhom kif igħid sew-wa l-proverbju: "Il-kelb idur għall-vomtu tiegħu", u "l-ħanżira l-maħsula titmiegħek fit-tajn" ma tiswa xejn? għax la darba wieħed "hu salv, dan dejjem salv," x'tiswa din it-twissija? Kif jista' jerġa' "jitħabbel fil-ħażen tad-dinja u jiġi mirbuh minnu? U għalfejn l-appostlu Pietru wissiena biex "ladarba tafu dan, għassu sewwa **li ma tisfawx maħkuma mill-iżbalji ta' dawn in-nies bla rażan u <u>taqgħu</u> mnejn tinsabu qegħdin fis-sod**." Kif nistgħu "naqgħu minn fejn ninsabu fis-sod" jekk aħna salvi u ma nistgħux nintilfu għax dejjem salvi? U permezz ta' dak it-tagħlim falz aħna nistgħu nisfaw maħkuma mill-iżbalji ta' dawk l-għalliema foloz moderni! U l-appostlu Ġwanni ma kienx jaf x'inhu qiegħed igħid meta qalilna biex "inħarsu rwieħna li ma mmorux nitilfu dak li għalih ħdim-na"? U xi bżonn kien hemm biex Ġwanni jgħid lill-Kristjan "…**Ibqa'** fidil sal-mewt, u jien nagħtik il-kuruna tal-ħajja." La darba "salv dejjem salv"? Jew jgħid li "**għal min ma baqax fidil** sehemhom ikun bil-belliegħa tan-nar iħeġġeġ u tal-kubrit; din hi t-tieni mewt." Mela jista' xi ħadd "*ma jibqax fidil*" u jintilef? Skond it-tagħlim falz modern, le, ma jistax jintilef. Imma skond il-Kelma ta' Alla, iva, jista'! Mela ejja nagħtu aktar widen ta' dawn it-twissijiet mill-Kelma ta' Alla u nwarrbu dak it-tagħlim falz ta' l-għalliema moderni. Ħalli aħna nobdu aktar lil Alla milli ll-bnedmin (Atti 5:29).

## 36. Ġesù jinsab igħammar fina u mhux fil-ħobż.

- **Atti 17:24,**
  "*Alla, li għamel id-dinja u kull ma fiha, u li hu sid is-sema u l-art, **ma joqgħodx f'tempji maħduma b'idejn il-bned-min**.*"

Għaliex Alla ma joqgħodx f'tempji maħduma b'idejn il-bnedmin? Mela fejn igħammar?

- **2 Korintin 13:5,**
  "*Agħrblu lilkom infuskom jekk intomx fil-fidi; ġarrbu lil-kom infuskom. Ma tafux intom **li Kristu jinsab fikom?** Jekk imbagħad intom ma ħżintux għal l-aħħar.*"

Jekk Kristu jinsab fina, kif nista' jien ngħid ħalli mmur ħa nirċievi lil Ġesù sagramentat fija? Jekk Hu qiegħed diġa' fija? Imma xi wħud għadhom *ma jafuħx* dan!

- **Rumani 8:10,**
  *"Jekk Kristu **jgħammar fikom**, il-ġisem hu mejjet minħabba fid-dnub, imma l-ispirtu hu ħajjitkom minħabba l-ġustizzja."*

Imma għalkemm il-Kelma ta' Alla tgħidilna dan il-kliem ċar, jiġifieri, **li Kristu jinsab fikom**, illum għadek xorta tisma' min igħid li sejjer jitqarben ħalli **jirċievi** lil Ġesù sagramentat. Jekk Kristu jinsab fija kif nista' jien immur ħalli jiġi fija? U jekk Alla "*ma jogħqodx f'tempji maħduma b'idejn il-bnedmin*" kif igħidu li hemm Ġesù sagramentat **maqful** fuq l-artal? U jekk **l-artal** tagħna Hu Sidna Ġesù Kristu, (Lhud 13:10-16) u mhux dak tal-ġebel, maħdum b'idejn il-bnedmin, kif xi ħadd jista' jaqfel lil Ġesù f'artal tal-ġebel?

## 37. L-Ikla tal-Mulej (Tqarbin).

- **Luqa 2:15-20,**
  *"U Ġesù qalilhom: "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati! Għaliex, ngħidilkom, din l-ikla miniex se nagħmilha iżjed sa ma tkun seħħet għal kollox fis-saltna ta' Alla. U qabad kalċi, radd il-ħajr u qal: "Ħudu dan il-kalċi **u aqsmuh bejnietkom**. Għaliex, ngħidilkom, minn issa 'l quddiem ma nixrobx iżjed **mill-frott tad-dielja** sama tiġi s-saltna ta' Alla." Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom: agħmlu dan **b'tifkira** tiegħi." Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: "Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li hu mxerred għalikom."*

Żomm f'moħħok il-kelma "b'tifkira."

- **1 Korintin 11:23-26,**
  *"Jien irċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan **b'tifkira** tiegħi." Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi agħmlu dan kull meta tixorbu, **b'tifkira** tiegħi." Mela tkull meta tieklu dan **il-ħobż** u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej **sa ma jiġi**."*

Aħna għandna nagħmlu dak li ordna l-Mulej "**b'tifkira** Tiegħu **sa ma jiġi**." U meta ġej? Mhux fl-aħħar taż-żminijiet? "Sa ma jiġi" u mhux "kull darba li ġġibuh" letteralement fuq l-artal jew issa fuq il-mejda permezz tat-tagħlim tat-transubstanzjazzjoni Kattolika Rumana?

- **Lhud 9:28,**
  "*Hekk Kristu kien* ***offrut darba*** *biex jarfa' d-dnubiet ta' ħafna; u jidher* ***għat-tieni darba****, mhux biex ineħħi d-dnub, imma għas-salvazzjoni ta' dawk li jistennewh.*"

Għalhekk aħna nagħmlu l-Ikla tal-Mulej bħala **tifkira** biex infakkru dak li Kristu għamel għalina u mhux biex nerġgħu nġibuh! Ara li ġej.

- **Lhud 10:10-18,**
  "*Bis-saħħa ta' dir-rieda aħna tqaddisna bl-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu* ***darba għal dejjem****. U kull qassis wieqaf kuljum iservi u joffri bosta drabi l-istess sagrifiċċji, li ma jistgħu qatt ineħħu d-dnubiet: Iżda dal-bniedem, wara li* ***offra sagrifiċċju wieħed għad-dnubiet għal dejjem****, qagħad bil-qiegħda fuq il-lemin ta' Alla. Minnfejn qiegħed jistenna sama l-egħdewwa tiegħu jitqiegħdu b'mirfes taħt riġlejh. Għax* ***b'offerta waħda*** *għamel perfetti* ***għal dejjem*** *lil dawk li huma mqaddsa. U ta' dan hemm xhieda wkoll l-Ispirtu s-Santu: għax wara dan kien qal qabel: din hi r-rabta li nagħmel magħhom wara dawk il-jiem, igħid il-Mulej: Inqiegħed il-liġijiet tiegħi f'qalbhom, u f'moħħhom niktibomlhom; U fi dnubiethom u ħtijiethom ma niftakarx aktar. Issa fejn hemm il-maħfra ta' dawn,* ***m'hemmx iżjed offerti għad-dnub****.*"

- **Lhud 10:26,**
  "*Għax jekk wara li ħadna t-tagħrif sħiħ tal-verità nidinbu minn rajna,* ***ma hemmx sagrifiċċju ieħor għad-dnub xi jsir****.*"

Jekk "ma hemmx sagrifiċċju ieħor xi jsir" kif nistgħu aħna nġibu lil Kristu letteralment?

- **2 Korintin 5:16,**
  "*Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem,* ***issa ma nagħarfuhx aktar hekk****.*"

Aħna, bħala Kristjani ma nagħarfux lil Kristu skond il-ġisem, letteralment, għax hekk tgħidilna l-Kelma Tiegħu, imma oħrajn igħallmu li huma jniżż-lu lil Kristu letteralment, skond il-ġisem, fil-ħobż u l-inbid! Imma "***issa ma nagħarfuhx aktar hekk****.*"

- **Mattew 26:13,**
  "*Tassew, ngħidilkom, li kull fejn tixxandar din il-bxara t-tajba fid-dinja kollha, li għamlet din [il-mara] jingħad ukoll,* ***b'tifkira tagħha****.*"

Imma x'jiswa dan il-kliem, jiġifieri, li Kristu offra Lilu Nnifsu "**darba għal dejjem**", li "**offra sagrifiċċju *wieħed* għad-dnubiet għal dejjem**", li "**b'offerta waħda** għamel perfetti **għal dejjem**", u li "**m'hemmx iżjed offerti għad-dnub**." Li "Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, **issa ma nagħarfuhx aktar hekk**." Il-Knisja Kattolika xorta għadha sejjaħ il-quddiesa bħala s-sagrifiċċju ukoll għalkemm il-Kelma ta' Alla tgħid li ma jistax ikun irripetut is-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-salib għaliex Hu "**offra sagrifiċċju *wieħed*** għad-dnubiet **għal dejjem.**" Kien is-sagrifiċċju offrut **għal dejjem** jew le! Il-Kelma ta' Alla tgħidilna bi kliem l-aktar ċar li "**ma hemmx sagrifiċċju ieħor għad-dnub xi jsir**." Imma li aħna għandna nagħmlu dik l-ikla **b'tifkira** u r-raġuni hi, għaliex "jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, **issa ma nagħarfuhx aktar hekk**." Għalhekk hija **tifkira** u mhux letterali, l-istess kif huwa "**tifkira**" dak li għamlet dik il-mara b'vażett ta' l-alabastru bż-żejt fih! (Mattew 26:6-13). Mela l-bnedmin warrbu dan il-kliem ċar ta' l-Ispirtu s-Santu u qegħdin igħallmu li aħna xorta għadna "nagħrfu lil Kristu **skond il-ġisem** ukoll għalkemm ma hemmx sagrifiċċju ieħor xi jsir!

## 38. Alla mibdul fi xbieha li tintemm.

- **Atti 17:29,**
  "*Mela ladarba aħna nisel ta' Alla, **ma għandniex naħsbu** lid-divinità tixbaħ lid-deheb jew lill-fidda jew lill-ħaġar, qisu xbieha ġejja minn sengħet u moħħ il-bniedem.*"

Minn dan il-kliem wieħed għandu jifhem li l-anqas biss għandu jgħaddilu xi ħsieb li jagħmel xi xbieha ta' Alla ukoll bl-aktar ħaġar prezzjuż!

- **Rumani 1:20-25,**
  "*Il-kobor tiegħu li ma jidhirx, jiġifieri s-setgħa tiegħu ta' dejjem, u d-divinità tiegħu, huma setgħu jagħarfuh sa mill-ħolqien tad-dinja, permezz tal-ħlejjaq, u għalhekk **ma għandhom ebda skuża**. Imma għad li lil Alla għarfuh, huma la tawh ġieh ta' Alla li hu, u lanqas raddewlu ħajr; għall-kuntrarju, moħħhom intilef fil-bluha, u qalbhom bla dehen iddallmet: waqt li riedu jagħmluha ta' għorrief, bliehu u **bidlu l-glorja ta' dak Alla li ma jintemmx ma' sura u xbieha tal-bniedem li jintemm**, tal-għasafar, tal-bhejjem b'erba' saqajn, tas-sriep. U għalhekk Alla rħiehom għall-ġibdiet ħżiena ta' qalbhom, biex niġġsu u waqqgħu fil-għajb lil ġisimhom stess bejniethom. **Il-verità ta' Alla bidluha ma' gidba, u taw il-ġieh u l-qima tagħhom lill-ħlejjaq flok ma tawhom lill-Ħallieq**, li jkun imbierek għal dejjem. Amen.*"

- **Isaija 40:18, 25,**
  *"Ma' min* ***se jxebbhu lil Alla,*** *u* ***liema xbieha se tqabblu miegħu?***…*"****Ma' min ixxebbhuni jew tqabbluni****?" jistaqsi l-Qaddis.*

- **Isaija 46:5,**
  *"Ma' min se* ***xxebbhuni u ddaqsuni, tqabbluni*** *bħallikieku ndaqs?"*

- **Isaija 42:8,**
  *"Jien il-Mulej: dan hu ismi; ma nċedi lil ħadd il-glorja tiegħi lanqas lill-idoli tifħir tiegħi."*

Imma mikejja dan il-kliem kollu fil-Kelma ta' Alla, illum naraw statwi u stampi ta' Alla l-Missier fi **xbieha ta' bniedem li jintemm** fi knejjes Kattoliċi Rumani! Ma jimpurtax billi Alla jgħidilna fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa li huma "**bidlu l-glorja ta' dak Alla li ma jintemmx ma' sura u xbieha tal-bniedem li jintemm… Il-verità ta' Alla bidluha ma' gidba,** u taw il-ġieh u l-qima tagħhom lill-ħlejjaq flok ma tawhom lill-Ħallieq," lanqas ma jimporta li Alla jgħid li "**l-glorja Tiegħu ma jċediha lil ħadd lanqas lill-idoli t-tifħir Tiegħu**" ħafna nies xorta warbu t-tagħlim ta' Alla biex jimxu fuq it-tagħlim falz u diżastruż tal-bnedmin billi lil Alla juruh bħala xbieha ta' bniedem. Imma Alla jgħidilhom li "**ma għandhom ebda skuża**."

## 39. Alla mħabba u ma jikkastigax!

- **Rumani 2:2-11,**
  *"Imma aħna nafu li dawk li jagħmlu ħwejjeġ bħal dawn, Alla jagħmel ħaqq minnhom* ***skond il-verità****. U taħseb int, ja bniedem, li tagħmel ħaqq minn ħaddieħor li jagħmel dawn il-ħwejjeġ, u tagħmilhom int ukoll; taħseb int, li sejjer taħrab il-ġudizzju ta' Alla?* ***Jew trid tabbuża mill-kobor tat-tjubija tiegħu, is-sabar u l-ġenerożità tiegħu****? Ma tafx li b'din il-ħniena tiegħu Alla jrid iwasslek għal l-indiema? B'din l-ebusija ta' rasek u n-nuqqas ta' ndiema f'qalbek, int qiegħed tiġma għalik innifsek* ***il-korla, għal jum il-korla,*** *meta Alla għad jirrivela l-ġudizzju rett tiegħu; u jħallas lil kulħadd skond ma jkun għamel: jagħti l-ħajja ta' dejjem lil dawk li jipperseveraw sa l-aħħar fil-għemil it-tajjeb, u jkunu fittxew il-glorja u l-ġieh u l-ħajja;* ***Imma jerfa' l-korla u l-qilla*** *għal dawk li ma jridu jisimgħu b'xejn; u jirvellaw kontra l-verità biex imbagħad joqogħdu għall-ħażen.* ***Tbatija u dwejjaq***

*__għal kull ruħ ta' bniedem li jagħmel il-ħażen__, l-ewwel għal-Lhudi, u mbagħad għall-Grieg; glorja u ġieħ u sliem għal kull min jagħmel it-tajjeb, l-ewwel għal-Lhudi, u mbagħad għall-Grieg. Għax Alla ma jħarisx lejn l-uċuħ!*"

"Jew trid tabbuża mill-kobor tat-tjubija tiegħu, is-sabar u l-ġenerożità tiegħu?" "Int qiegħed tiġma għalik innifsek **il-korla**, **għal jum il-korla**." "**Imma jerfa' l-korla u l-qilla** għal dawk li ma jridu jisimgħu b'xejn; u jirvellaw kontra l-verità." "**Tbatija u dwejjaq** għal kull ruħ ta' bniedem li jagħmel il-ħażen." Juri dan il-kliem li Alla jagħlaq għajnejh għall-ħażen tal-bnedmin u ma jikkastigax għaliex Hu mħabba?

- **Rumani 11:22,**
  "*Ara, mela, it-tjieba u __l-qilla__ ta' Alla: il-qilla fuq dawk li waqgħu; iżda t-tjieba fuqek, jekk int tibqa' fit-tjieba tiegħu: inkella tkun maqtugħ int ukoll.*"

Alla tassew hu mħabba imma skond dan il-kliem Alla għandu wkoll il-**qilla**.

- **Lhud 12:28-29,**
  "*Mela rroddu ħajr lil Alla għax aħna ħadna saltna li ma titħarrikx; u nagħtuh il-qima li tixraqlu, bil-ġieħ u bil-biża. __Għax Alla tagħna hu nar qerriedi__.*"

- **Dewteronomju 4:24,**
  "*Għax il-Mulej, Alla tiegħek, hu __nar li qerriedi__, Alla għajjur.*"

- **Dewteronomju 9:3,**
  "*Ifhem, għalhekk, illum, li l-Mulej, Alla tiegħek, hu dak li jimxi quddiemek; __bħal nar li jaħraq; hu jeqridhom__ u jwaqqagħhom quddiem wiċċek…*"

"Għax Alla tagħna hu **nar qerriedi**." Imma skond xi wħud Alla hu mħabba u mhu se jeqred lil ħadd! Hija din gidba li "Alla tagħna hu nar qerriedi?" Imma xi wħud illum qegħdin igħallmu li Alla Hu mħabba u mhux se jikkastiga lil ħadd. Jaqbel dan it-tagħlim mal-Kelma ta' Alla jew ma jaqbilx?

## 40. Viżjonijiet moderni.

- **Kolossin 2:18,**
  "*Tħallux lil min jisirqilkom il-premju billi jagħmilha ta' l-umli u taparsi jqim lil l-anġli, __jimla rasu bil-viżjonijiet__ u moħħu bil-frugħat ta' bniedem li hu.*"

Imma kemm hawn nies reliġjużi u sinċiera li qegħdin jiġu ngannati billi jgħidulhom li raw viżjonijiet u dehriet ta' Marija, oħrajn fejn igħdulhom li l-mexxejja tagħhom kellhom viżjonijiet u raw anġli u lil xi wħud mill-appostli, eċċ. Imma ara x'tgħidilna l-Kelma ta' Alla.

- **2 Korintin 4:6-7,**
  "*Aħna dejjem qalbna qawwija u nafu li sakemm indumu mlibbsa b'dan il-ġisem, nibqgħu 'l bogħod mill-Mulej;* ***aħna ngħixu bil-fidi mhux bil-viżjoni****.*"

- **Galatin 2:20,**
  "*Ngħix, imma mhux jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha* ***bil-fidi*** *fl-Iben t'Alla.*"

- **Lhud 10:38,**
  "*Il-bniedem ġust tiegħi* ***jgħix bil-fidi****; imma jekk jerġa' lura jien ma nitgħaxxaqx bih.*"

Illum nisimgħu dwar fejn nies raw viżjoni tal-Madonna, oħrajn raw viz-joni fejn fiha raw lil Ġwanni u lil Ġakbu flimkien ma' Kristu, u qerq ieħor bħal dan. It-twissija tal-Kelma ta' Alla biex ma "nħallux lil min jisirqilna l-premju" hija eżattament minħabba dawn il-ħwejjeġ li llum ħafna qegħ-din jiġu ngannati bihom. Nisimgħu dwar pellegrinaġġi għal dawk il-pos-tijiet fejn saru dawn id-dehriet. Meta aħna t-tempju ta' Alla, (1 Korintin 3:16), u ta' l-Ispirtu s-Santu (1 Korintin 6:19) u li Ġesù jgħammar fina (Korintin 13:5), xi bżonn hemm li mmorru f'dawk il-postijiet? Imma Alla se jaċċetta u jagħmel preferenza ma' dawk in-nies li jistgħu jħallsu biex imorru f'dawk il-postijiet fejn igħidu li kien hemm dawn id-dehriet huma biss se jiksbu barkiet, bħal fejqan, eċċ.?Aħna bħala Kristjani "**ngħixu bil-fidi u mhux bil-viżjoni**!

## 41. Ir-Ragħaj il-Kbir, l-Arċisqof, min tassew Hu?

- **1 Pietru 5:2-5,**
  "*Irgħu l-merħla ta' Alla li hemm f'nofskom. Ħudu ħsiebha, mhux bilfors, imma minn qalbkom, kif irid Alla;… Imba-għad, meta jidher* ***ir-Ragħaj il-Kbir*** *(Arċisqof) tiksbu l-kuruna tal-glorja minsuġa minn ward li ma jidbielx.*"

- **Lhud 13:20,**
  "*U Alla tas-sliem, li bis-saħħa tad-demm tal-patt ta' dejjem qajjem mill-imwiet lil Sidna Ġeù,* ***li hu r-Ragħaj il-Kbir*** *tan-nagħaġ.*"

Il-kliem "Ragħaj il-Kbir" f'dawn il-versi huwa ekwivalenti għat-titlu "Arċisqof." Liema bniedem fuq l-art għandu d-dritt li japplika dan it-titlu għalih innifsu?

- **1 Pietru 2:25,**
  *"Intom kontu bħan-nagħaġ mitlufa, imma issa rġajtu lura għand* ***ir-Ragħaj*** *u l-Għassies ta' ruħkom."*

- **Ġwanni 10:11-16,**
  *"**Jiena r-ragħaj it-tajjeb**. Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-ngħaġ tiegħu. Il-mikri, li mhuwiex ir-ragħaj, u li n-ngħaġ mhumiex tiegħu, jara l-lupu ġej, u jħalli n-ngħaġ u jaħrab; u l-lupu jaħtafhom u jxerridhom. Mikri hu, u ma jħabbilx rasu min-ngħaġ. **Jiena r-ragħaj it-tajjeb**, jiena nagħraf in-ngħaġ tiegħi, u n-ngħaġ tiegħi jagħarfu lili, bħalma l-Missier jagħraf lili u jiena nagħraf lill-Missier; u għan-ngħaġ tiegħi nagħti ħajti. Għandi wkoll ngħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maq-jel: lilhom ukoll jeħtieġ li nġibor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm merħla waħda, **ragħaj wieħed**."*

Imma x'jiswa li fil-Kelma ta' Alla nsibu dan il-kliem? Illum il-bniedem japplika għalih titli li huma ta' Kristu u ta' Alla biss. L-Uniku **Arċisqof** tagħna huwa Sidna Ġesù Kristu u ħadd aktar! L-Uniku Ragħaj tagħna huwa Sidna Ġesù Kristu u ħadd aktar.

## 42. Festi, Sibtijiet għadhom japplikaw illum minn xi wħud.

- **Kolossin 2:16-17,**
  *"Ħadd ma għandu jiġġudikakom fuq ikel u xorb, fuq **festi** u jiem ta' qamar ġdid, **u fuq sibtijiet**: dawn huma dell tal-ħwejjeġ li għandhom jiġu, imma r-realtà hija Kristu."*

Dwar il-festi kulħadd jaf li jekk festa hija "kmandata" u wieħed ma jħar-ishiex, dan jidneb, ikun iġġudikat. L-istess il-jum tas-Sibt, jekk wieħed ma jħarisx il-jum tas-Sibt dan ukoll jidneb, ukoll għalkemm il-Kelma ta' Alla tgħidilna li dawk il-ħwejjeġ kienu **dell** imma r-realtà hija Kristu!

## 43. Id-dinja se tibqa' fl-eżistenza jew se tispiċċa?

- **Ġenesi 8:22,**
  *"**Kemm iddum l-art**, żrigħ u ħsad, bard u għomma, sajf u xitwa, u nhar u lejl, ma jehdewx."*

"**Kemm iddum l-art**." Ma jfissirx dan il-kliem illi xi darba l-art għandha tisppiċċa?

- **Salm 102:25-27,**
  *"Mill-qedem int qegħidt is-sisien ta' l-art; u s-smewwiet huma xogħol idejk.* ***Huma jintemmu,*** *iżda int tibqa'; iva, huma lkoll jiqdiemu, bħal libsa tbiddilhom, u huma jitbiddlu: Iżda int li jnt tibqa'; u sninek m'għandhomx tmiem."*

- **Lhud 1:10-12,**
  *"U wkoll: "Int, Mulej, waqqaf l-art fil-bidu, u għemil idejk huma s-smewwiet.* ***Huma jintemmu,*** *iżda int tibqa'; huma lkoll jiqdiemu, bħal libsa tbiddilhom, u huma jitbiddlu: Iżda int li jnt tibqa'; u sninek m'għandhomx tmiem."*

"**Huma jintemmu**." Xi tfisser il-klema "jintemmu"? Li se jibqgħu jew li se jiġu fit-tmiem?

- 2 **Pietru 3:10-14,**
  *"Imma bħal ħalliel bil-lejl jasal jum il-Mulej; meta s-smewwiet igħibu b'ħoss kbir, u* ***l-elementi maħruqin jinħallu bi sħana kbira, u l-art*** *u l-egħmejjel ukoll li fiha* ***jinħarqu****. Mela la dawn il-ħwejjeġ kollha* ***għandhom idubu****, jaħtieġ tgħaddu l-ħajja ta' qdusija u ta' tjieba. Waqt li tistennew u tħabirku għall-miġja ta' jum Alla, li bih is-smewwiet* ***jinħarqu u jdubu****, u* ***l-elementi jinħallu bi sħana kbira****. Madankollu, aħna nistennew smewwiet ġodda, u art ġdida, li fihom igħallar il-ħaqq. Għalhekk, maħbubin, billi intom qegħdin tistennew ħwejjeġ bħal dawn, ħabirku biex tkunu misjubin minnu fis-sliem, bla tebgħa u bla ħtija.."*

"L-elementi maħruqin **jinħallu** bi sħana kbira, u l-art u l-egħmejjel ukoll li fiha **jinħarqu**." "Il-ħwejjeġ kollha **għandhom idubu**." "Is-smewwiet **jin-ħarqu u jdubu**, u **l-elementi jinħallu bi sħana kbira**." Juri dan il-kliem li l-art u kull ma fiha se jibqgħu fl-eżistenza?

- **Rivelazzjoni 21:1,**
  *"U rajt sema ġdida u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu ma kienx hemm izjed baħar."*

"Għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel **għabu** ma kienx hemm izjed baħar." "Għabu," ma baqgħux jeżistu aktar. Kienu fl-eżistenza imma issa, li għabu, m'għandhomx fl-eżistenza, spiċċaw billi nħallu bi sħana kbira, billi nħarqu, billi dabu. Imma minkejja dawn il-passaġġi ispirati, fejn juru bi kliem l-aktar sempliċi u ċar, xorta waħda llum għad hemm min qiegħed igħallem li l-art se tibqa' u ma tispiċċa qatt! Ukoll għalkemm il-Bibbja tuża l-idjoma "Sema ġdida u art ġdida" li tirreferi għas-Smewwiet, xorta

waħda dawk l-għalliema foloz ikomplu jgħallmu li l-art se tibqa' u b'hekk iqarrqu bis-segwaċi tagħhom.

**44. Adam u Eva kienu żewġ persuni jew gruppi ta' nies?**

- **Ġenesi 1:27,**
  "*Hekk Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu: fuq ix-xbieha ta' Alla ħalqu;* ***raġel u mara****.*"

"Raġel u mara" u mhux irġiel u nisa! Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn hekk?

- **Ġenesi 2:7, 20-25,**
  "*U l-Mulej Alla sawwar il-bniedem bit-trab ta' l-art, u nefaħ f'imnifsejh nifs il-ħajja; u l-bniedem sar ruħ ħajja….U* ***Adam*** *ta' ismijiet lill-bhejjem kollha, u lill-agħsafar tas-sema, u lil kull dbiba tar-raba: iżda għal* ***Adam*** *ma sabx għajnuna li taqbel miegħu. U l-Mulej Alla tafa' ngħas tqil fuq* ***Adam****, u raqad: u ħa waħda mill-kustilji* ***tiegħu****, u għalaq il-laħam fil-post tagħha. U l-kustilja, li l-Mulej Alla ħa mill-bniedem, sawwarha* ***mara****, u* ***ħadha*** *għand* ***ir-raġel****. U* ***Adam*** *qal:* ***Din*** *hi issa għadma ta' għadmi, u laħam ta' laħmi: tissejjaħ Mara, għax mir-raġel kienet meħuda. Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu: u jsiru laħam wieħed. U kienu* ***t-tnejn*** *għarwenin,* ***ir-raġel u martu****, u ma kinux jistħu*"

Juru dawn il-versi li Adam u Eva ma kinux żewġ individwi? "It-tnejn," "ir-raġel u martu" mhumiex gruppi ima żewġ persuni!

- **Ġenesi 5:1-5,**
  "*Dan u l-ktieb in-nisel ta' Adam. Dak in-nhar li l-Mulej ħalaq il-bniedem, bi xbihat Alla ħalqu.* ***Raġel u mara*** *ħalaqhom; u berikom, u semma isimhom bniedem, meta nħaluqu. U meta Adam għix mija u tletin sena, wiled iben bi xbieha tiegħu, u sura tiegħu; u sejjaħ ismu Set: U jien Adam, wara li wiled lil Set, kienu tmien mitt sena: u wiled subjien u bniet. U l-jiem kollha li Adam għex kienu disa' mija u tletin sena:* ***u miet****.*"

"Raġel u mara ħalaqhom" mhux "irġiel u nisa." U Adam "miet" mhux "mietu"! "Wiled iben bi xbieha tiegħu, u sura tiegħu." "U miet." Min miet? Grupp ta' nies jew persuna waħda, Adam?

- **Luqa 3:23, 38,**

*"Fil-bidu tal-ministeru tiegħu Ġesù kellu madwar it-tletin sena. In-nies kienu jaħsbuh li kien bin Ġużeppi, li kien bin Għeli,….bin Enos, bin Set, **bin Adam**, bin Alla."*

Tajjeb hawn li taqra versi 23 sa 38 fejn juru kemm u żbaljat min igħid li Adam ma kienx persuna waħda.

- **Mattew 19:4-5,**

  *"Iżda hu [Ġesù] qalilhom: "Ma qrajtux li sa mill-bidu l-Ħallieq **għamilhom raġel u mara**, u qal, 'Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u 'l ommu **u t-tnejn** isiru ġisem wieħed"? Għalhekk mhumiex iżjed **tnejn**, imma ġisem wieħed. Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem."*

Hemm xi ħaġa hawn li ġġiegħlek taħseb li Adam u Eva ma kinux żewġ individwi imma żewġ gruppi ta' nies? "Għamilhom raġel u mara" mhux irġiel u nisa!

- **Rumani 5:12, 16-19**

  *"Bħalma kien permezz ta' **bniedem wieħed** li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha għax kollha dinbu….U d-don anqas ma hu bħall-frott ta' dak **il-wieħed** li dineb;…Għax jekk minħabba fil-ħtija ta' **wieħed waħdu** saltnet il-mewt permezz **ta' dak il-wieħed**, aktar u aktar dawk li jirċievu l-kotra tal-grazzja u d-don tal-ġustizzja għad isaltnu fil-ħajja permezz ta' **wieħed** li hu Ġesù Kristu. Mela kif bil-ħtija **ta' wieħed waħdu** waslet il-kundanna fuq il-bnedmin kollha, hekk ukoll bl-opra tal-ġustizzja ta' **wieħed** waslet lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni tal-ħajja. Għax kif bid-diżubbidjenza ta' **bniedem wieħed** il-ħafna saru midinbin, hekk ukoll bl-ubbidjenza ta' **wieħed** il-ħafna jsiru ġusti."*

Jista' qatt il-kliem "**wieħed waħdu**" jfisser ħafna nies? Bniedem wieħed qatt ma jista' jfisser ħafna nies!

- **1 Korintin 15:21-22,**

  *"Għaliex jekk permezz **ta' bniedem** feġġet il-mewt, bi **bniedem** ukoll iseħħ il-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma l-bne-dmin kollha jmutu **f'Adam**, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi **Kristu**."*

- **1 Korintin 15:45-49,**

"*L-Iskrittura tgħid: "**L-ewwel bniedem, Adam**, sar ruħ ħajja;" l-aħħar wieħed sar spirtu li jagħti l-ħajja. Mhux l-ispiritwali ġie l-ewwel, imma l-ewwel in-naturali u mbagħad l-ispiritwali. **L-ewwel bniedem**, mit-trab, hu ta' l-art; it-tieni bniedem, mis-sema. Bħalma hu l-bniedem ta' l-art, hekk ukoll huma l-bnedmin ta' l-art; bħalma hu l-bniedem tas-sema, hekk ukoll huma l-bnedmin tas-sema. Bħalma aħna mlibbsa x-xbieha tal-bniedem ta' l-art, hekk ukoll għad nilbsu x-xbieha tal-bnieem tas-sema.*"

"**L-ewwel bniedem, Adam**" mhux l-ewwel bnedmin Adamijiet! Jekk Adam ma kienx persuna waħda, allura lanqas Kristu ma kien persuna waħda! Temmnu dan int? Imma għalkemm għandna dawn l-Iskrittura kollha li juru b'mod l-aktar ċar li Adam kien persuna waħda, xi wħud xorta waħda jibqgħu jgħallmu li Adam ma kienx wieħed imma grupp ta' nies! Din hija assurdità kbira.

## 45. Ġesù Kristu għadu ma temmx dak kollu li kellu jagħmel fuq l-art?

- **Luqa 24:44-45,**
  "*Imbagħad qalilhom: "Meta kont għandi magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet, '**Jeħtieġ** li jseħħ kull ma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi.*"

'**Jeħtieġ** li jseħħ." Jekk kien *jeħtieġ li jseħħ* kull ma nkiteb fuq Ġesù *fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi*, ifisser dan li issa għad baqa' għal Ġesù biex isaltna fuq l-art elf sena oħra? Temm dak li kellu jagħmel Ġesù fuq l-art jew le! Ara li ġej.

- **Ġwanni 17:4-5,**
  "*Jiena igglorifikajt lilek fuq l-art **billi temmejt ix-xogħol li tajtni nagħmel**. U issa, Missier, igglorifika lili għandek, bil-glorja li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja.*"

Kien Ġesù żbaljat meta Hu qal "temmejt ix-xogħol li tajtni nagħmel"? Ma kienx jaf Ġesù, li skond il-premillenjalisti, kien għad baqgħalu elf sena xogħol oħra fuq l-art x'jagħmel? Temmnu dan int li Ġesù kien żbaljat u ma kienx jaf dwar dawk l-elf sena fuq l-art?

- **Ġwanni 19:28-30,**
  "*Wara dan, Ġesù billi issa kien jaf li **kollox kien mitmum**, biex isseħħ l-Iskrittura qal: "Għandi l-għatx!" Kien hemm bieqja mimlija bil-ħall; huma xarrbu sponża bil-ħall, waħħluha ma' qasba ta' l-issopo, u ressquha lejn ħalqu. Kif Ġesù*

*ħa l-ħall, qal: "**Kollox hu mitmum!**" Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu."*

Jekk kien "**meħtieġ**" li jseħħ kull ma nkiteb fuq Ġesù "fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi" u jekk Ġesù Nnifsu qal lill-Missier: "**billi temmejt ix-xogħol li tajtni nagħmel**" biex jigglorfikah bil-glorja li kellu qabel ma kienet dinja u fuq is-salib Ġesù qal li "**kollox hu mitmum**" jista' xi ħadd jemmen it-tagħlim falz li Kristu għandu jerġa' jħalli l-glorja Tiegħu mill-ġdid għax għad baqagħlu elf sena oħra biex jiġi fuq l-art u jsaltan minn Ġerusalem? Jekk hekk, mela x'temm Ġesù minn dak kollu li nkiteb fuqu "fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi"? X'temm Ġesù mix-xogħol li tah il-Missier biex jagħmel? Ġesù ma qalx li Hu "temm *parti* mix-xogħol" imma li "**temmejt ix-xogħol li tajtni nagħmel.**" Ma baqa' xejn aktar xi jtemm Ġesù. **Kollox kien mitmum!**

## 46. It-tempju ta' Alla, il-Kristjani jew il-bini?

- **Atti 17:24,**
  *"Alla, li għamel id-dinja u kull ma fiha, u lihu sid is-sema u l-art, **ma joqgħodx f'tempji maħduma b'idejn il-bnedmin.**"*

Jekk Alla *ma jgħammarx f'tempji maħduma b'idejn il-bnedmin*, mela għaliex il-Kattoliċi Rumani jsejħu l-bini tal-knisja bħala *d-dar ta' Alla*?

- **1 Korintin 3:16-17,**
  *"Ma tafux li **intom tempju ta' Alla**, u li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom? Jekk xi ħadd jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred lilu. Għax qaddis **hu t-tempju ta' Alla, li huwa intom.**"*

Jekk il-Kelma ta' Alla tgħidilna lit-tempju ta' Alla huwa "aħna" mela t-tempju tal-ġebel jinsab vojt għaliex Alla ma jgħammarx fih. L-appostlu Pawlu staqsa, "Ma tafux ..." Illum huma ħafna li għadhom **ma jafux** li huma t-tempju ta' Alla u jsejħu l-bini tal-ġebel bħala li huwa d-dar ta' Alla.

- **1 Korintin 6:19,**
  *"Jew ma tafux li **ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu**, li jinsab igħammar fikom, li għandkom minn Alla?"*

Hawn Pawlu reġa' għamel l-istess mistoqsija, "Jew **ma tafux**." Le, sfortunatament ħafna għadhom ma jafux li ġisimhom hu t-tempju ta' Alla, ta' l-Ispirtu s-Santu, u ta' Kristu u l-anqas biss jippruvaw jaraw il-Kelma ta' alla xi tgħid dwar dan u *jaqflu* lil Ġesù fuq l-artal fit-tabernaklu!

- **Rumani 8:11,**

> *"Jekk l-Ispirtu ta' dawk li qajjem lil Ġesù* ***jgħammar fikom****, Alla stess li qajjem lil Kristu mill-imwiet iqajjem għall-ħajja wkoll il-ġisem mejjet tagħkom, bis-saħħa ta' l-Ispirtu li* ***jgħammar fikom****."*

Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn hekk? Fejn igħammar Alla, fina jew fil-bini tal-ġebel? Fejn igħammar l-Ispirtu s-Santu, fina jew fil-bini tal-ġebel? Fejn igħammar Kristu, fina jew fil-bini tal-ġebel? Huma ħafna li mhumiex lesti li jagħmlu kif tgħidilna l-Bibbja f'Atti 17:11.

- **1 Pietru 2:5,**
  *"U intom ukoll, bħala ġebel ħaj, inbnew* ***f'dar spiritwali****, saċerdozju qaddis biex toffru sagrifiċċji spiritwali, li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu."*

Imma llum xorta għadna naraw tempji reliġjużi f'diversi religjonijiet, bħall-Knisja Kattolika Rumana, Il-Knisja Protestanta u dik Ortodossa Griega, il-Mormoni, u oħrajn. Dawn xorta għadhom jimxu fuq is-sistema tat-Testment il-Qadim li Kristu neħħieha min-nofs u sammarha mas-salib (Kolossin 2:14-15).

## 47. L-omoseswalità u l-Bibbja

- **Levitku 18:22,**
  *"Ma' raġel la timteddx, bħal ma' mara: hi ħaġa moqżieża."*

X'inhi l-ħaġa moqżieża skond dan il-vers? Li timtedd ma' raġel bħal ma' mara.

- **Levitku 20:13,**
  *"Raġel li jagħmel ma' ieħor, bħal ma' mara, ikunu t-tnejn għamlu ħaġa moqżieża: jagħtuhom il-mewt; demmhom ikun fuqhom."*

Il-mewt għal liema ħaġa moqżieża hija mogħtija? Għal raġel li jagħmel ma' ieħor, bħal ma' mara!

- **Rumani 1:26-27,**
  *"Għalhekk Alla telaqhom għal ġibdiet* ***bla gieh****. In-nisa tagħhom bidlu* ***l-użu naturali*** *fl-użu* ***kontra n-natura*** *hekk ukoll l-irġiel ħallew* ***l-użu naturali*** *tal-mara u xegħlu bil-passjoni għal xulxin, irġiel ma' rġiel, biex jagħmlu ħwejjeġ* ***bla ġieh****; bi ħlas ta' dan jirċievu fihom infushom il-ħlas li ħaqqhom* ***ħtijiethom****."*

X'kienu l-*ġibdiet bla ġieh*? Li n-nisa u l-irġiel bidlu l-użu naturali tagħhom. X'kien *l-użu naturali li kien mibdul fl-użu kontra n-natura*? Li *xegħlu bil-passjoni għal xulxin, irġiel ma' rġiel, biex jagħmlu ħwejjeġ* ***bla***

***ġieh***. U x'kien il-ħlas li kien ħaqqhom? Mewt. Illum dawn ma jieħdux mewta fiżika imma mewta spiritwali għal dejjem ta' dejjem!

- **1 Korintin 6:9-11,**
  "*Ma tafux li l-inġusti ma jirtuhiex is-saltna ta' Alla? La titqarrqux! La żienja, la idolatri, la adulteri, la effeminati, la* ***omosesswali****, la ħallelin, la rgħiba, la skaren, la qassiesa fuq in-nies, la ħattafa, ma jirtu s-saltna ta' Alla! U minn dawn kienu xi wħud minnkom. Imma issa tnaddaftu, tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna.*"

"*U minn dawn kienu xi wħud minnkom.*" Mela dawk li jgħidu li persuna b'ġibiet omosesswali ma tistax li tinbidel huma żbaljati għaliex dawk li kienu hekk, jintqal dwarhom: "*Imma issa tnaddaftu, tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna.*" Ifisser dan li huma baqgħu kif kienu? Minn xhiex tnaddfu? Mill-passjonijiet ġibdiet ħżiena tagħhom. U x'kienu dawk il-passjonijiet u ġibdiet ħżiena tagħhom? Ż*ina, idolatrija, adulterju, effeminati,* ***omosesswalità****, ħallelin, rgħiba, sokor, qassiesa fuq in-nies, u ħattafa.*

- **1 Timotju 1:8-11,**
  "*Issa aħna nafu li l-liġi hi tajba jekk wieħed jinqeda biha tajjeb; nafu li l-liġi ma hix magħmula għal dawk li huma tajbin, imma għal dawk li huma bla liġi u bla reliġjon u sagrilegi, qattiela ta' missirijiethom u ommijiethom, qattiela, żienja, sodomiti, negozjanti ta' l-ilsiera, giddieba, sperġuri; u għal dak kollu li jmur kontra t-tagħlim sħiħ. Dan hu li jgħallem l-Evanġelju tal-glorja ta' Alla l-imbierek, afdat f'idejja.*"

Min huma dawk bla liġi u bla reliġjon? Fosthom huma msemmija s-*sodomiti*. U min huma s-sodomiti? Dawk li jipprattikaw is-sodomija. U x'inhi s-sodomija? Id-dnub taż-żina bejn l-irġiel; omosesswalità maskili. Jekk xi ħadd ma jaqbilx ma' dan, mhux miegħi ma jkunx qiegħed jaqbel imma ma' Alla u ma' l-Evanġelju Tiegħu għaliex l-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu jgħid, "*Dan hu li jgħallem l-Evanġelju tal-glorja ta' Alla l-imbierek.*"

- **2 Pietru 2:6-8,**
  "*Jekk ikkundanna l-bliet ta' Sodom u Gomorra biex ikunu maħruqa sa ma jsiru rmied u* ***bihom ħalla tgħalima għal dawk il-ħżiena li kellhom jiġu wara*** *u ħeles biss lil Lot, raġel ġust, mifni kif kien* ***ħtija ta' l-imġieba bla rażan tal-ħżiena****—għax dan ir-raġel ġust, waqt li kien igħix magħhom*

*b'dak li kien jara u jisma' minn jum għal l-ieħor, kien iħoss qalbu tingħafas quddiem* ***l-imġieba ħażina tagħhom****.*"

Għaliex Alla ħaraq l-ibliet ta' Sodom u Gomorra? Minħabba "**l-imġieba bla rażan tal-ħżiena tagħhom**." U x'ħalla Alla b'dawn iż-żewġt ibliet? Alla ħalla "**ħalla tgħalima għal dawk il-ħżiena li kellhom jiġu wara**." Mela llum ħadd ma jista' jġib xi skuża dwar l-omosesswalità tiegħu jew dwar xi nisa li jikkommettu ż-żena flimkien! Il-Kelma ta' Alla hija tant ċara dwar dan il-ħażen li ħallietilna eżempju biex ma ninsewx, Ara li ġej wara dan.

- **Mattew 11:23-24,**
  "*U hekk ġralhom Sodom u Gomorra u l-bliet ta' madwarhom li bħalhom ingħataw għaż-żina u ntlequ wara l-pjaċiri kontra n-natura; huma saru eżempju għal kulħadd billi ħadu l-kastig tan-nar ta' dejjem.*"

"Huma saru eżempju għal **kulħadd** billi ħadu l-kastig tan-nar ta' dejjem." Saru eżempju għal kulħadd u mhux għal dawk taż-żmien tagħhom biss. Ukoll għal dawk taż-żmien tagħha llum!

- **Luqa 13:3,**
  "*Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom.*"

Minkejja dawn il-passaġġi mill-Kelma ta' Alla li jitkellmu b'mod l-aktar ċar u jikkundannaw l-omosesswalità, illum nisimgħu fejn saħansitra ċerti qassisin Kattoliċi jiddefendu l-omosesswalità u mhux hekk biss, fil-Knisja Anglikana nsibu qassisin li huma "gay" impoġġija fil-pożizzjoni ta' isqfijiet, u mhux agħar minn hekk, dawn quddiem isimhom iġibu t-tiltu li hu ta' Alla waħdu, "Reverend." Ara fejn jasal il-bniedem!

## 48. It-Talb u lil min għandna nitolbu.

- **Luqa 11:1-4,**
  "*Darba kien qiegħed xi mkien jitlob. Kif spiċċa mit-talb, wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu: 'Mulej,* ***għallimna nitolbu****, bħalma Ġwanni wkoll għallem lid-dixxipli tiegħu." U qalilhom: "****meta titolbu, għidu, Missier****,....*"

L-Għalliem il-Kbir tagħna qalilna **lil min** għandna aħna nitolbu. Lill-Missier tas-Smewwiet u lil ħadd aktar.

- **Mattew 6:5-9,**
  "*U meta titolbu, tkunux bħal dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawn iħobbu joqogħdu jitolbu fis-sinagogi u f'salib it-toroq, biex jidhru quddiem in-nies. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas ta-*

*għhom ġa ħaduh. Iżda int, meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek li jara dak li hu fil-moħbi,* ***iroddlok hu****. Intom u titoblu toqogħdux tlabalbu bħall-pagani; dawn minn għalihom li, iktar ma jgħidu, iktar jinstemgħu.* ***Tkunux bħalhom****, għax Missierkom jaf x'taħtieġu, qabel ma titolbuh intom.* ***Mela itolbu hekk:*** *Missierna, li inti fis-smewwiet...*"

Qalilna wkoll **kif** għandna nitolbu. Direttament lill-Missier u mhux bħal pagani li "*minn għalihom li, iktar ma jgħidu, iktar jinstemgħu.*" Kemm nisimgħu talb lill-bnedmin u kemm ripetizzjonijiet nisimu b'kuruni tażżibeġ! Kien il-Mulej żbaljat meta qal dan il-kliem? Possibbli li ma kienx għadu jaf bir-rużarju ndirizzat lil Marija u mhux lill-Missier Waħdu? Il-Mulej jgħidilna "***Mela itolbu hekk:*** *Missierna, li inti fis-smewwiet...*" U aħna, bħala Kristjani fil-knisja ta' Kristu hekk ukoll ngħallmu lin-nies kif jitolbu: "***Mela itolbu hekk:*** *Missierna, li inti fis-smewwiet...*" Qegħdin aħna fl-iżball? Fejn jidħol ir-rużarju? Fejn jidħol it-talb lil xi hekk imsejħa qaddisin magħmula hekk mill-bnedmin?

- **Kolossin 3:17,**

  "*Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox* ***f'isem il-Mulej Ġesù****, u roddu ħajr lil Alla l-Missier* ***permezz tiegħu****.*"

Dak kollu li aħna **nagħmlu** u dak kollu li aħna **ngħidu** għandna nagħmluh u ngħiduh biss ***f'isem il-Mulej Ġesù***. Jekk xi ħadd idaħħal xi isem ieħor, bħal per eżempju, dak ta' Marija, u ta' xi qaddisin oħra Kattoliċi Rumani dan ikun qiegħed imur kontra dak li tgħidlu l-Kelma ta' Alla!

- **Efesin 5:20,**

  "*Roddu dejjem ħajr għalkollox lil Alla u l-Missier,* ***f'isem Sidna Ġesù Kristu****.*"

"*...għalkollox lil Alla u l-Missier,* ***f'isem Sidna Ġesù Kristu****.*" Kif il-bnie-dem jasal biex iżid lil xi persuna oħra ma' Alla u l-Missier u ma l-isem ta' Sidna Ġesù Kristu? Imma dawk li jagħmlu dawn l-affarijiet ma jaqrawhiex il-Kelma ta' Alla? Jew jippreferu t-tagħlim tal-bnedmin u mhux dak ta' Alla!

*Għallima nitolbu*. Lil min Ġesù qalilhom biex jitolbu, lil Marija, lil xi qaddis jew qaddisa magħmula hekk mill-bnedmin? Le! Lil "*Missierna, li inti fis-smewwiet.*" Mela għaliex xi wħud jitolbu lil Marija (il-Madonna) u lill-qaddisin oħra? Għaliex ma jobdux lill-Mulej u jitolbu lill-Missier li hemm fis-smewwiet? Possibbli li qatt ma qraw x'igħidilhom lil dawk li jagħmlu hekk: "*Għaliex issejħuli, 'Mulej, Mulej,' u mbagħad* ***ma tagħmlux li ngħid jien****?*" (Luqa 6:46). U f'isem min dan għandu jsir? "Kull ma

tagħmlu **jew tgħidu**, agħmlu **kollox f'isem il-Mulej Ġesù**." Imma l-bne-dmin mhumiex kuntenti bil-Mulej biss, huma għandhom fiduċja iktar fil-bnedmin milli fil-Missier u l-Iben u jżidu lil Marija, lil Santa Rita, lil Sant Antnin, lil San Franġisk, lil San Ġuda, u ħafna bnedmin oħrajn. Ma jurix dan li huma m'għandhomx fiduċja mija fil-mija f'Alla l-Missier u f'Sidna Ġesù Kristu?

**49. Dwar in-numru 144,000 u l-folla ta' Rivelazzjoni 7 u 14, huma dawn żewġ gruppi ta' nies, jew huma grupp wieħed!**

- **Rivelazzjoni 22:14-15,**
  "*Imberkin dawk li jagħmlu l-kmandamenti tiegħu, biex ikoll-hom id-dritt għas-siġra tal-ħajja, u jistgħu jidħlu* ***fil-belt*** *mill-bwieb. Għax* ***barra*** *huma l-klieb, u s-saħħara, u ż-żienja, u l-qattiela u l-idolatri u dawk kollha li jħobbu u jagħmlu l-qerq.*"

Minn dan il-kliem naraw li hemm biss **żewġ postijiet**, dak il-post **ġewwa** fil-belt u dak il-post **barra** mill-belt.

Naraw ukoll bi kliem l-aktar ċar min huma dawk li se jkunu **ġewwa l-belt** u min huma dawk li se jkunu **barra mill-belt**. **Ġewwa fil-belt** se jkunu "*dawk li jagħmlu l-kmandamenti tiegħu.*" **Barra mill-belt** se jkunu "*l-klieb, u s-saħħara, u ż-żienja, u l-qattiela u l-idolatri u dawk kollha li jħobbu u jagħmlu l-qerq.*" Mela skond dan il-kliem ta' Ġwanni u ispirat mill-Ispirtu s-Santu, ebda persuna li tagħmel il-kmandamenti ta' Alla ma hija se tkun **barra** mill-belt. Ukoll naraw li ebda persuna li tagħmel il-ħa-żen ma hija se tkun **ġewwa fil-belt**. Dan huwa ċar biżżejjed. Imma wieħ-ed għandu joqgħod attent mit-tagħlim falz ta' l-għalliema foloz moderni!

- **Rivelazzjoni 22:1-3,**
  "*Imbagħad l-anglu wrieni x-xmara ta' l-ilma tal-ħajja, ċara daqs il-kristall, tgelgel* ***mit-tron ta' Alla u tal-Ħaruf****. F'nofs il-pjazza tal-Belt, fuq naħa u oħra tax-xmara, hemm siġra tal-ħajja tagħmel frott ta' tnax-il xorta, trodd il-frott tagħha darba fix-xahar; il-weraq tas-siġra huma duwa tajba għall-ġnus. U ma jkunx hemm aktar saħta: iżda* ***t-tron*** *ta' Alla u tal-Ħaruf ikunu fiha; u l-qaddejja tiegħu jagħtuh qima.*"

Min dan il-kliem nitgħallmu lit-tron ta' Alla u tal-Ħaruf jinsabu fil-Belt.

- **Rivelazzjoni 11:19,**
  "*U nfetaħ* ***it-tempju*** *ta' Alla* ***fis-sema****.*"

Mela issa nafu wkoll lit-tempju jinsab **fis-sema** u mhux fuq l-art.

- **Rivelazzjoni 4:2,**
  "*U minnufih dħalt fl-ispirtu: u, ara, **tron twaqqaf fis-sema,** u wieħed qagħad fuq it-tron.*"

Sa hawn wieħed jista' jara u jifhem b'mod l-aktar ċar li l-**belt**, it-**tempju u t-tron jinsabu fis-sema u mhux fuq l-art.** Dan huwa ta' importanza kbira li wieħed iżomm f'moħħu, jiġifieri, kemm **il-belt**, kemm **it-tempju** u kemm **it-tron**, *it-tlieta* qegħdin **fis-sema** u mhux fuq l-art!

- **Rivelazzjoni 7:4, 11,**
  "*Imbagħad **smajt** x'kien il-għadd ta' l-isiġillati: mija u erbgħa u erbgħin elf issiġillati, minn kull tribù ta' wlied Iżrael… L-anġli kollha kienu qegħdin madwar **it-tron** u madwar ix-xjuħ u l-erba' ħlejjaq ħajjin, u waqgħu wiċċhom fl-art **quddiem it-tron** jagħtu qima lil Alla…*"

Minn dan il-kliem nitgħallmu wkoll li l-isiġillati, mija u erbgħa u erbgħin elf" kienu qegħdin **quddiem it-tron** li jinsab **fis-sema**.

- **Rivelazzjoni 14:1-5,**
  "*Imbagħad ħarist u rajt il-Ħaruf, wieqaf fuq il-muntanja Sijon, u miegħu mija u erbgħa u erbgħin elf ruħ, li kellhom ismu u isem Missieru miktub fuq ġbinhom. U **smajt** leħen mis-sema, qisu ħoss ta' ħafna ilmijiet, donnu tkarwit ta' ragħad; u l-leħen li **smajt** kien bħal dak ta' kitaristi jdoqqu ċ-ċetri tagħ-hom u jgħannu għanja ġdida **quddiem it-tron** u quddiem l-erba' ħlejjaq u x-xjuħ. U ħadd ma seta' jitgħallimha dik il-għanja, ħlief il-mija u erbgħa u erbgħin elf, il-mifdija mill-art.*"

Mela, minn dawn iż-żewġ passaġġi wieħed jista' jara ċar li "l-mija u erbgħa u erbgħin elf ruħ" kienu qegħdin **quddiem it-tron** li kien jinsab **fis-sema** u mhux fuq l-art! Dwar dan ma jista' jkun hemm ebda dubju.

- **Rivelazzjoni 7:9-11,**
  "*Wara dan ħarist, u ara, kien hemm **kotra kbira** li ħadd ma jista' jgħoddha, minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien, weqfin **quddiem it-tron** il-Ħaruf. Lebsin ilbiesi twal bojod, u bil-friegħi tal-palm f'idejhom. U għollew leħinhom u bdew igħidu: "Is-salvazzjoni nafuha lil Alla tagħna li qiegħed **fuq it-tron**, u lill-Ħaruf." L-anġli kollha kienu qegħdin madwar **it-tron** u madwar ix-xjuħ u l-erba' ħlejjaq ħajjin, u waqgħu wiċċhom fl-art **quddiem it-tron** jagħtu qima lil Alla…[15]Għalhekk jinsabu **quddiem it-tron** ta' Alla, lejl u nhar jaqduh **fit-tempju** tiegħu; u dak li qiegħed fuq **it-tron**.*"

Minn hawn ukoll nistgħu naraw b'mod l-aktar ċar li "**l-kotra l-kbira**" kienu qegħdin "**quddiem it-tron**" u la **t-tron** jinsab **fit-tempju** u t-tempju qiegħed **fis-sema**, allura "l-kotra l-kbira" ma tista' tkun imkien aktar ħlief **fis-sema** u mhux fuq l-art!

- **Rivelazzjoni 20:11-15,**
  "*U rajt **tron** kbir abjad, u lil dak li kien qiegħed fuqu, li minn quddiem wiċċu **ħarbu l-art u s-sema; u ma nstabx post għalihom**....*"

Mela minn dawn il-passaġġi wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li *l-folla l-kbira* u *l-mija u erbgħa u erbgħin elf* huma *l-istess* grupp ta' nies irrefe-rut għalih b'termini differenti. Huma **dawk kollha** li huma msejħa wlied Alla. Ħaġa ċerta, iżda, hija, li kemm il-folla l-kbira u kemm il-mija u erb-għa u erbgħin elf huma **fit-tempju** u quddiem **it-tron** li jinsabu **fis-sema u mhux fuq l-art!**

**Barra mis-sema se jkun hemm, mhux il-folla l-kbira imma, kif diġa' rajna:**

- **Rivelazzjoni 22:15,**
  "*Għax **barra** huma l-klieb, u s-saħħara, u ż-żienja, u l-qattiela, u l-idolatri, u dawk kollha li jħobbu u jagħmlu l-qerq.*"

**50. Huwa l-Mulej tagħna Ġesù Kristu maħluq, kreatura jew kien minn dejjem, mill-eternità?**

- **Mikea 5:2,**
  "*Iżda int, Betlehem ta' Efrata, għalkemm l-iżgħar fost l-eluf ta' Ġuda, minnek joħroġli wieħed li jkun jaħkem fuq Iżrael; li nislu mill-qedem, **mill-eternità**.* "

"*...li nislu mill-qedem, **mill-eternità**.* " Kieku Kristu kien maħluq Mikea kien se jpoġġi dan il-kliem?

- **Mattew 2:1-6,**
  "*Issa meta Ġesù twieled f'Betlehem tal-Lhudija fi żmien is-sultan Erodi, ara, maġi mil-Lvant ġew Ġerusalem, igħidu: Fejn hu dak li twieled Sultan tal-Lhud? Għax aħna rajna l-kewkba tiegħu fil-Lvant, u ġejna biex nagħtuh qima. Malli s-sultan Erodi sama' dan, tħawwad; u miegħu Ġerusalem kollha. U wara li laqqa' flimkien il-qassisn il-kbar kollha u l-iskribi tal-poplu, staqsiehom fejn kellu jitwieled Kristu. U huma qalulu: F'Betlehem tal-Lhudija: **għax hekk inkiteb mill-profeta: U int Betlehem, art ta' Ġuda, minitx l-iżgħar***

***fost l-ibliet ewlenin ta' Ġuda: għax minnek joħroġ Mex-xej, li jmexxi l-poplu tiegħu ta' Iżrael.***"

Il-kelma li nsibu f'Mikea 5:2, jiġifieri "eternità" jew kif insibuha f'xi verżjonijiet bil-Malti, "mill-jiem ta' dejjem", hija l-istess kelma li turi lil Alla bħala li kien minn dejjem, jiġifieri, *aionios*, bħal f'Rumani 16:26; fit-2 Korintin 4:18; 1 Timotju 6:16; Mattew 25:46.

- **Kolossin 1:15-18,**
  "*Li hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, l-ewwel fost il-ħlejjaq* ***kollha****: Għax bih kienu maħluqin il-ħwejjeġ* ***kollha,*** *li huma fis-sema, u li huma fuq l-art, li jidhru u li ma jidhrux, sew jekk huma tronijiet, kemm jekk huma dominji jew prinċipati, jew setgħat: kull ħaġa maħluqa bih, u għalih u* ***hu qabel il-ħwejjeġ kollha,*** *u bih* ***il-ħwejjeġ kollha huma miżmumin flimkien.***"

Dan il-passaġġ huwa spiss użat minn dawk li jippruvaw igħallmu t-tagħlim falz li Kristu Hu maħluq, kreatura. Imma għal kuntrarju dan igħallem li Kristu **mhuwiex** maħluq.

1. Kristu ma setax li kien *parti mill-ħolqien* jekk Hu kien **qabel** il-ħolqien!
2. U jekk Hu ħalaq il-ħwejjeġ **kollha** allura Hu Nnifsu **ma kienx maħluq**—sakemm int trid li tieħu l-pożizzjoni assurda li Hu ħalaq Lilu Nnifsu.
3. Il-kelma Griega għal "kollha" (il-ħwejjeġ *kollha*) hija *pas* li tfisser, li **kull ħaġa** maħluqa kienet maħluqa minn Kristu U tfisser li **xejn ma hemm aktar** li hu maħluq. Għalhekk Kristu ma jista' qatt li jkun maħluq għaliex kieku kien maħluq kien ikun hemm kelma oħra Griega li tfisser l-istess, kieku kien ikun hemm xi waħda minn dawn: *hapas*, *ħolos*, *pamplèthei*, *ħekastos*, *kata*, *ana*, *kath hen*. Li kieku l-Ispirtu s-Santu ried igħallem li Kristu kien maħluq, allura Hu kien juża xi kelma oħra minn dawk li hemm u ma kienx juża l-kelma *pas* (*pan`ta*)
4. Tant kemm dawn il-versi juru li Kristu *mhuwiex maħluq* li fit-traduzzjoni tal-Bibbja tat-Torri ta' l-Għassa (New World Translation), it-tradutturi **żiedu** kelma "other" erba' darbiet f'versi 16 sa 20 u dan hu-ma għamluh biss biex jippruvaw jingannaw bil-qarrejja tagħhom ħalli jifhmu li Kristu kien maħluq. Imma għalkemm hemm dan il-qerq ċar, xorta s-segwaċi tagħhom jibqgħu jiġu mqarrqa b'dak il-mod mingħajr lanqas biss ikunu jridu li jeżaminawh.

- **Rivelazzjoni 3:14,**

*"U lil anġlu tal-knisja ta' Laodikija ikteb: Dawn il-ħwejjeġ igħid l-Amen, ix-xhud fidil u veru, il-bidu tal-ħolqien* ***ta'*** *Alla."*

Hawn ukoll tat-Torri ta' l-Għassa babsu l-kliem ta' dan il-vers biex jagħmluh igħallem li Kristu Hu maħluq, kellu bidu. Bidla ċkejkna saret imma għandha konsegwena fatali. Fit-traduzzjoni tagħhom in-New World Translation huma kull ma bidlu kienet il-kelma "ta'" u għamluha "minn" li fl-Ingliż huma bidlu "of" għal "by." Il-kelma Griega għal "of" hija *arche* waqt li l-kelma Griega għal "by" hija *hupo*. Li kieku kien hemm tassew il-kelma *hupo*, iva, Kristu kien ikun maħluq, kreatura, imma aħna għandna l-kelma *arche* li turi li Kristu m'għandux bidu, mhuwiex maħluq.

Imma jekk wieħed jaqra fl-istess ***The Kingdom Interlinear Translation*** *of the Greek Scriptures,* Galatin 3:17, 21, f'vers 17 għandu jsib "**by God**" kif ukoll fin-New World Translation hu jsib l-istess, jiġifieri, "**by God**" ukoll. Jekk hu jaqra vers 21 dan isib fil-Grieg "**of God**" u fin-New World Translation huwa jsib ukoll "**of God**" u mhux "**by God**" kif huma għamlu f'Rivelazzjoni 3:14! Mela għaliex f'Galatin 3:21 ma saret l-ebda bidla minn "of" għal "by" waqt li f'Rivelazzjoni, u dan għaliex Rivelazzjoni 3:14 juri li Kristu Hu etern, saret il-bidla? Għalfejn din il-bidla minn tat-Torri ta' l-Għassa? It-tweġiba hija sempliċi, biex igħallmu t-tagħlim falz tagħhom li Kristu kien maħluq, jew li għandu bidu. Imma dawk li jkomplu jimxu wara t-tagħlim tat-Torri ta' l-Għassa tajjeb li huma jaqraw Mattew 13:14-15; Atti 28:25-27.

- **Ġwanni 1:1-3, 14, 18**

  *"Fil-bidu* ***kienet*** *il-Kelma, u l-Kelma* ***kienet*** *ma' Alla, u l-Kelma* ***kienet*** *Alla. Din* ***kienet*** *fil-bidu ma' Alla.* ***Kollox*** *sar biha; u* ***xejn ma sar mingħajrha milli sar****…U l-Kelma saret ġisem u għammret fostna, u aħna rajna l-glorja tagħha, glorja bħal ta' l-Iben waħdieni mill-Missier, mimlija grazzja u verità …Ebda bniedem ma ra l-Alla f'xi żmien:* ***il-Waħdien Alla,*** *li hu fi ħdan il-Missier, hu għarrafhulna."*

Biex nifhmu x'qiegħed igħid Ġwanni aħna għandna naraw il-versi kif huma miktuba fil-Grieg u nanalizzawhom sewwa. Aħna għandna nżommu f'moħħna li aħna qegħdin biss naqraw traduzzjoni ta' dak li kiteb Ġwanni, u għalhekk huwa importanti li naraw sewwa l-kliem fl-oriġinal tiegħu.

L-ewwel dikjarazzjoni hija li "**fil-bidu kienet il-Kelma.**" Liema bidu? Xi wħud identifikaw dan il-bidu bħala l-bidu msemmi f'Ġenesi 1:1. Imma l-biċċa l-kbira jaraw id-dikjarazzjoni ta' Ġwanni li hija 'l bogħod aktar minn dak.

L-element prinċipali li nifhmu dan, l-ewwel frażi ta' dan il-vers ta' l-għaġeb hija l-forma tal-kelma "kienet," li fil-lingwa Griega li Ġwanni

kien qiegħed jikteb, hija l-kelma *en*. Din hija kelma bla żmien (eterna)—din sempliċiment turi għal eżistenza qabel iż-żmien preżenti mingħajr ebda riferenza għall-punt ta' oriġini. Wieħed jista' jimbotta lura "l-bidu" kemm jista' jimmaġina hu, u, skond Ġwanni, il-Kelma hemm għadha u dan għa-liex il-Kelma *m'għandha ebda bidu*! Il-Kelma mhix ħolqien li ġiet fl-eżi-stenza "fil-bidu," għaliex Ġwanni jmur 'il hinn miż-żmien ta' dak il-bidu.

Ġwanni hu attent fil-lingwa tiegħu f'dan il-punt. Matul din is-sezzjoni, Ġwanni jagħmel kuntrast bil-għaqal bejn il-Kelma u l-ħwejjeġ l-oħra koll-ha. Hu jagħmel dan billi konsistentament juża *en* dwar il-Logos, il-Kelma, u billi konsistenatament japplika verb differenti għalkollox f'riferenza għall-ħwejjeġ l-oħra kollha. Dan il-verb huwa "li jsiru" (*egeneto*). Dan il-verb huwa wżat dwar Ġwanni l-Battista f'vers 6, dwar id-dinja f'vers 10, u l-ulied ta' Alla f'vers 12. Huwa biss meta aħna niġu għal vers 14 li Ġwan-ni juża "saret" għall-Kelma, u dak huwa meta l-Kelma (Kristu) "saret ġisem." Dan jirreferi għall-punt speċifiku fiż-żmien, u juri għalkollox l-użu maħsub ta' Ġwanni f'li jagħmel kuntrast bejn il-verbi.

Kristu **qatt** ma jista' jkun maħluq għaliex vers 3 jġib fix-xejn dak it-tagħlim. F'dan il-vers Ġwanni jgħid, "Il-ħwejjeġ *kollha* ġew fl-eżistenza permezz Tiegħu, u xejn ma sar mingħajru milli sar." Ġwanni 1:3 jsir kru-ċjali għas-suġġett tagħna għaliex dan jagħmel stqarrija speċifika ħafna. Jekk xi ħaġa kellha xi xorta ta' bidu, din bdiet minn Ġesù. Int lanqas ma tista' tissuġġerixxi l-kelma "oħrajn" fit-test (kif ippruvaw jagħmlu, u għa-mlu tat-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah f'Kolossin 1:14-20 biex iqarrqu bil-qarrejja tagħhom) għaliex l-aħħar parti tal-vers tgħid "*u xejn ma sar mingħajrha milli sar.*" Il-kliem fil-Grieg igħid hekk: "u mingħajru ma ġie xejn fl-eżistenza milli ġie fl-eżistenza." Il-verżjoni tat-Torri ta' l-Għassa, in-New World Translation saħansitra tgħid hekk, "*All things came into existence through him, and apart from him* ***not even one thing*** *came into existence.*" ("Il-ħwejjeġ kollha ġew fl-eżistenza permezz tie-għu, u mingħajru **lanqas saħansitra ħaġa waħda ma ġiet fl-eżistenza.**") Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn hekk? Fi kliem ieħor, Ġwanni jgħid li hemm żewġ gruppi ta' ħwejjeġ: dawk kollha li **għandhom bidu** u dawk il-ħwejjeġ kollha li **huma eterni**, u Ġesù mhuwiex wieħed minn dawk li għandhom bidu.

Forsi mod sempliċi biex taħseb dwar dan huwa bħal biċċa karta bajda b'sinjal maħżuż fin-nofs tagħha minn fuq s'isfel. Fuq naħa waħda hemm ħwejjeġ eterni. Is-sezzjoni tal-ħwejjeġ maħluqa hija vojta għal kollox sa-kemm Ġesù jibda x-xogħol u jpoġġi l-ħwejjeġ fiha. Dan ifisser li Ġesù diġa' qiegħed hemm—imma Hu ma jistax ikun fuq in-naħa tal-maħluqin għaliex aħna għedna li din kienet vojta. Li kieku Ġesù kien maħluq, kif

jippruvaw igħidu xi wħud, mela Ġesù għandu jkun diġa' fuq in-naħa tal-maħluqin. Imma din hija vojta. Jekk dan hu hekk, mela Ġesù Hu etern. Jekk Ġesù Hu etern, dan jagħmlu Alla li Jista' Kollox (Salm 90:2). Ma jista' jkun hemm ebda għażla oħra disponibbli. Jekk Ġesù Hu Alla li Jista' Kollox, mela Ġwanni 1:1 hija mfissra tajjeb bħala "Il-Kelma kienet Alla" minflok il-qerq tal-verżjoni New World Translation li ġġib, "a god" biex turi lil Ġesù bħala "alla" inferjuri. Imma jekk dik it-traduzzjoni hija tajba allura aħna jkollna żewġ allat u mhux Wiehed! Ma jistax Ġesù Kristu jkun "alla" ieħor għaliex dan imur kontra dak li naqraw f'Isaija 43:10, fejn igħid, "…Qabli l-ebda Alla ma ssawwar, **u lanqas ħadd *ma jkun hemm warajja*.**" Mela, jekk Kristu Hu "alla" (skond it-tagħlim tat-Torri ta' l-Għassa) dan ifisser li Hu ssawar warajh! Mela Isaija, b'ispirazzjoni minn Alla (2 Timotju 3:16) żbalja għaliex "issawwar alla ieħor" wara 'l Alla li Jista' Kollox. Iva, hemm oħrajn li huma msejħa allat imma *ħadd minnhom* ma jista' jkun mogħti qima ħlief Alla waħdu li Jista' Kollox. Kristu kien u huwa ordnat biex saħansitra l-anġli kollha jagħtuh qima (Lhud 1:6. Ara wkoll Ġwanni 9:38; Mattew 2:2, 8, 11; 8:2; 9:18; 14:33; 15:25; 20:20; 28: 9, 17). U dan għaliex Hu tassew Alla (Lhud 1:8).

Mela, skond it-tagħlim falz tat-Torri ta' l-Għassa u ta' xi oħrajn, jekk Ġesù Kristu mhuwiex il-veru Alla wieħed (YHWH), u Hu "alla" (a god), u billi kemm il-Kristjaneżmu u kemm il-Ġudaiżmu jaffermaw monoteiżmu (twemmin f'Alla wieħed), mela li tittraduċi Ġwanni 1:1 bħala "a god" iħalli lill-qarrej bi problema. Xi kwalità (jew xorta) ta' alla huwa Ġesù? Lest int li taċċetta lil Ġesù Kristu bħala 'l Alla li Jista' Kollox (JHWH) jew li taċċettaħ bħala alla falz? (Eżodu 15:11.)

Ġwanni 1:3 jagħti prova li ħadd ma jista' jaħrab minnha dwar li Ġesù Kristu *Hu etern* u mhux maħluq għalhekk id-divinità Tiegħu, jiġifieri, li Hu Alla li Jista' Kollox. (Ġwanni 8:24, 58; 18:5-6; 5:17-23; 10:30-38; 14:8-9; Luqa 8:39; Atti 20:28; Rumni 9:5; Filippin 2:6-71 Timotju 2:14-16; Titu 2:13; eċċ.)

Il-Bibbja hija ċara ħafna dwar li Ġesù Kristu hu etern.

## 51. Dwar id-demm u t-trasfuzzjoni tad-demm.

- **Ġenesi 9:4,**
  "*Iżda **tiklux** laħam li jkun għadu bil-ħajja tiegħu, li hi demmu.*"
- **Levitku 3:17,**
  "*Dan ikun statut għal dejjem, għal nisilkom kollha, fl-agħ-majjar kollha tagħkom, li ma **tiklux** l-ebda xaħam u l-ebda demm.*"
- **Levitku 7:27,**

*"Kull min **jiekol** minn xi demm, dak il-bniedem ikun maqtugħ minn niesu."*

- **Levitku 17:10-14,**
  *"U kull wieħed minn dar Iżrael, jew mill-għorba li jgħammru magħkom, li **jiekol** xi demm; indawwar wiċċi kontra min ikun **kiel** id-demm, u neqirdu minn fost niesu. Għax il-ħajja tal-laħam hi fid-demm: u jien tajtulkom fuq l-artal biex tagħmlu offerta ħa tgħattu dnubkom għalikom infuskom; għax hu d-demm, li hu l-ħajja, li jgħatti d-dnub. Għalhekk jien għedt lil ulied Iżrael: Ħadd minnkom ma **jiekol** id-demm, lanqas l-għarib li hemm fostkom ma għandu **jiekol** id-demm. U kull wieħed minn ulied Iżrael, jew mill-għorba li jgħammru fostkom, **li jonsob u jaqbad xi <u>dbiba</u> jew <u>tajra</u> li jistgħu jittieklu; ixerred <u>demmhom</u>, u jgħattih bit-trab**. Għax il-ħajja ta' kull laħam hu d-demm: f'demmu hemm il-ħajja; għalhekk jiena għedt lil ulied Iżrael: La **tiklux** id-demm ta' l-ebda laħam; kull min **jiekol** minnu jinqata'."*

Minn dawn il-versi kollha li qrajna mkien ma tissemma l-kelma "**trasfużjoni**" tad-demm imma dejjem "**l-ikel**" tad-demm. Possibbli li Alla li kieku ried li jitkellem dwar it-trasfużjoni tad-demm ma kienx jaf już l-kelma "trasfużjoni"? Jew għotja tad-demm minn bniedem għal l-ieħor?

Ukoll rajna xi kwalità ta' demm qiegħed jitkellem dwaru. "*U kull wieħed minn ulied Iżrael, jew mill-għorba li jgħammru fostkom, **li jonsob u jaqbad xi <u>dbiba</u> jew <u>tajra</u> li jistgħu <u>jittieklu</u>; ixerred <u>demmhom</u>, u jgħattih bit-trab**.* Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn dan? Fejn tidħol hawn it-trasfużjoni tad-demm? Mhumiex tat-Torri ta' l-Għassa qegħdin iġibu l-Kelma ta' Alla fix-xejn bit-tagħlim falz tagħhom? Innota dan il-kliem: jonsob, jaqbad, dbiba, tajra, li jistgħu jittieklu. Fejn hemm imsemmi l-bniedem? Il-kuntest juri ċar dwar liema demm qiegħed jitkellem dwaru. Id-demm ta' l-annimali u tat-tjur. Min imur jonsob għal xhiex imur jon-sob? Mhux għal xi annimal jew xi tajra? U x'jista' jittiekel? Il-bniedem jew xi annimal u xi tajra?

- **Atti 15:19, 20, 21, 24, 28-29,**
  *"Għalhekk il-fehma tiegħi hi, li ma nħabbtux lil dawk, li minn fost il-Ġentili jduru lejn Alla: Iżda niktbulhom, biex jitbiegħdu mit-tinġis ta' l-idoli, u miż-żina, **u minn ħwejjeġ maħnuqa, u mid-demm**. <u>**Għax**</u> <u>**Mosè**</u> sa minn żminijiet qodma għandu f'kull belt min ixandru, billi jinqara fis-sinagoga kull nhar ta' Sibt…[24]Billi smajna, li x'uħud li ħarġu minn fostna ħabbtukom bil-kliem, u qalbulkom ruħkom, u qegħdin igħidu: Jaħtieġ li tkunu **ċirkonċiżi** u tħarsu l-liġi: lil dawn*

*aħna ma qabbadniehomx jagħmlu hekk:...*[28-29]*Għax lill-Ispirtu s-Santu, u lilna, dehrilna sewwa, li m'għandniex ngħabbukom b'tagħbija akbar minn dawn il-ħwejjeġ li jinħtieġu; Li titbiegħdu* ***mill-ikel issagrifikat lill-idoli, u mid-demm, u minn ħwejjeġ maħnuqa****, u miż-żina; tagħmlu tajjeb tħarsu ruħkom minn dawn. Saħħa .*"

Il-qofol ta' dan il-kliem huwa dak lli naqraw f'vers 21. "***Għax Mosè***." X'qal Mosè dwar id-demm? Mhux dak li qrajna aktar qabel minn Ġenesi u Levitku? U dwar id-demm ta' min tkellem Mosè? Mhux dwar id-demm ta' l-annimali u tat-tjur? **Imkien** Mosè ma tkellem dwar xi **trasfużjoni** tad-demm tal-bniedem! Jekk xi ħadd jipprova joġġezzjoni, isemmi fejn!

- **Atti 21:25,**
  "*Għal dawk il-Ġentili li jemmnu, ktibna u qtajna li huma ma jħarsux ħaġa bħal din, ħlief biss li jżommu ruħhom lura mill-ħwejjeġ issagrifikati lill-idoli; u* ***mid-demm u mil-laħam maħnuq****, u miż-żina.*"

Dawn il-passaġġi jittrattaw ma' żmien meta l-bidla l-kbira bejn ir-reliġjon Lhudija u l-Kristjaneżmu kienet fil-bidu tagħha. Il-Lhud kellhom diffikultà f'li jaċċettaw li l-Evanġelju jieħu post il-Liġi u l-fatt li l-Evanġelju kien għal kulħadd. Xi wħud ħassew li l-Ġentili (pagani) għandhom l-ewwel isiru Lhud, imbagħad Kristjani. Oħrajn li huma għandhom iżommu l-Liġi kollha ta' Mosè maġenb it-tagħlim ta' Kristu u l-appostli. Meta wieħed iħares fid-dawl tat-Testment il-Ġdid, aħna nafu li huma kienu żbaljati. L-appostlu Pawlu jwissi li tmur lura għal-Liġi (Galatin 5:1-6).

L-ewwel minn dawn il-passaġġi juri li laqgħa kienet imsejħa f'Ġerusalem bl-appostli kolha u x-xjuħ biex jiddiskutu l-problema ta' kemm mil-Liġi għandu jiġi marbut fuq il-Ġentili. B'riżultat Ġakbu kiteb lill-knejjes li huma jevigtaw erba' ħwejjeġ: tniġġis ta' l-idoli, żina, laħam ta' annimali fgati u d-demm, *l-ikel tad-demm*. Ir-raġuni għal l-ewwel tnejn hija ċara. Dawn kienu kontra l-prinċipji fundamentali kemm tar-reliġjon Lhudija u kemm tal-Kristjaneżmu. Ir-raġuni għat-tieni tnejn hija mogħtija f'vers 21. Il-kelma "***Għax***" tfisser "*minħabba fi*" jew "*għal l-iskop ta'*." Din kienet sabiex ebda offiża (jew tfixkil) ma tiġi mpoġġija quddiem il-Kristjani Lhud (Ara 1 Korintin 8 għal tifsira ċara ta' dan il-prinċipju). Ukoll dawn il-versi qegħdin jitkellmu dwar **l-ikel tad-demm ta' annimali**, jirreferu lura għall-kodiċi Levitka tas-sagrifiċċju.

Dawn il-passaġġi, għalhekk, kollha jittrattaw ma' li *wieħed* ***jiekol*** *mis-sagrifiċċji ta' l-annimali taħt il-Liġi ta' Mosè*. Għalhekk, il-kmand li jikkonċerna **l-ikel** tad-demm ta' l-annimali biċ-ċar m'għandu xejn x'jaqsam ma' *trattament mediku ta' trasfużjoni tad-demm*. Li kieku aħna għadna

taħt il-Liġi ta' Mosè (li biċ-ċar li m'aħniex) allura *kull ordni ta' dik il-Liġi għandha tiġi miżmuma u obduta* (Galatin 3:10).

Li kieku Alla ried jitkellem dwar "*trasfużjoni*" tad-demm, u mhux dwar "*ikel*" tad-demm, taħseb int li ma kienx jaf bil-kelma "trasfużjoni" dak iż-żmien l-istess bħal ma kien jaf bil-kelma "*ċirkonċiżjoni*" u kien igħid "*Iżda niktbulhom, biex jitbiegħdu mit-tinġis ta' l-idoli, u miż-żina, u minn ħwejjeġ maħnuqa,* ***u minn trasfużjoni tad-demm***" u mhux "mill-**ikel** tad-demm"?

Imma l-għalliema tat-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah jafu aktar minn Alla u xi wħud lesti li jaċċettaw kliemhom aktar milli jaċċettaw kliem Alla! (Ara Atti 5:29.)

Imma isma' x'għandu xi jgħid il-Mulej dwar xi jniġġes lill-bniedem.

- **Mark 7:14-23,**

  "*U xħin sejjaħ lejh in-nies kollha, qalilhom:* ***Isimgħuni lkoll, u ifhmu****:* ***M'hemm xejn barra mill-bniedem****, li meta jidħol fih jista' jħammġu: iżda l-ħwejjeġ* ***li joħorġu barra minnu****, dawk huma li jħammġu l-bniedem. Jekk wieħed għandu wid-nejn biex jisma' ħa jisma'. U meta daħal id-dar minn fejn in-nies, id-dixxipli tiegħu staqsewh fuq il-parabbola. U qalil-hom: Hekk intom ukoll bla dehen?* ***Ma tifhmux****, li kull ħaġa li minn barra tidħol fil-bniedem, ma tistax tniġġsu: Għax ma tidħolx f'qalbu, iżda f'żaqqu, u tmur fil-kanal, li minnu jissaf-fa* ***kull ikel****? U qal: Dak li joħroġ mill-bniedem, dak iniġġes il-bniedem. Għax minn ġewwa, mill-qalb tal-bniedem, joħor-ġu l-ħsibijiet ħżiena, l-adulterju, iż-żina, is-serq, ix-xeħħa, il-ħżunija, il-qerq, il-ħajja bla rażan, il-għajn ħażina, id-dagħa, il-kburija, il-bluha* ***Dawn il-ħwejjeġ kollha jiġu minn ġew-wa, u jniġġsu l-bniedem****.*"

Minn dan il-kliem ċar tal-Mulej Innifsu wieħed għandu jifhem kemm hu-wa tagħlim falz u żbaljat għalkollox tat-Trorri ta' l-Għassa dwar it-trasfuż-joni tad-demm fejn huma jħalltu **l-ikel tad-demm** imsemmi fil-passaġġi kkwotati mat-*trasfużjoni tad-demm*. Fejn il-Mulej semma, fost il-ħwejjeġ kollha li semma li jniġġsu l-ġisem, id-demm? Semma "*l-ħsibijiet ħżiena, l-adulterju, iż-żina, is-serq, ix-xeħħa, il-ħżunija, il-qerq, il-ħajja bla rażan, il-għajn ħażina, id-dagħa, il-kburija, u l-bluha*" u qal ċar li huma ***dawn il-ħwejjeġ kollha li jiġu minn ġewwa, u jniġġsu l-bniedem***" imma wkoll "l-ikel tad-demm" il-Mulej ma nkludiehx hawn aktar u aktar it-trasfużjoni tad-demm!

- **Atti 10:12-15,**

*"Il-għada, waqt li dawn kienu fit-triq u qorbu lejn il-belt, Pietru għall-ħabta ta' nofs-in-nhar tela' jitlob fuq il-bejt. Qabdu l-ġuħ u xtaq jitrejjaq b'xi ħaġa; u ġara li, waqt li kienu qegħdin iħejjulu, daħal f'estasi. Lemaħ is-sema jinfetaħ, u ra xi ħaġa qisha liżar kbir, miżmum mill-erbat itruf u nieżel lejn l-art. Fih kien hemm* ***minn kull xorta ta' bhejjem*** *ta' erba' saqajn, annimali li jitkaxkru fuq l-art u għasafar ta' l-ajru. U sema' leħen igħidlu: "Qum, Pietru, oqtol u kul." Imma Pietru wieġeb: "Ma jkun qatt, Mulej! Jien qatt ma kilt ikel profan u mniġġes." U l-leħen tennielu għal darb'oħra: "Dak li Alla saffa, int ma għandikx issejjaħlu mniġġes."*

Pietru milli jidher skond dan il-kliem forsi kien għadu jaħseb li hu kien għadu marbut mal-Liġi l-antika. Imma b'dak li huwa ra tgħallem li issa ma għad hemm **xejn** dwar **ikel** li hu profan u mniġġes. Ir-raġuni hija għaliex "*Dak li Alla saffa, int ma għandikx issejjaħlu mniġġes.*" Li kieku tat-Torri ta' l-Għassa jagħtu widen għall-kliem tal-Mulej meta qal: "***Ma tifhmux****, li kull ħaġa li minn barra tidħol fil-bniedem, ma tistax tniġġsu*?" Imma huma jippreferu t-tagħlim tagħhom infushom milli dak li jgħid u jordna l-Mulej!

- **1 Timotju 4:1-5,**
  *"L-Ispirtu jgħidha ċar li fl-aħħar taż-żminijiet xi wħdu mill-fidi u jagħtu widen għal spirti qarrieqa u għal tagħlim tad-demonji. Dawn jisfaw imqarrqa minn nies giddieba, li għandhom il-marka tal-ħażen fuq il-kuxjenza tagħhom; bħal dawk li jikkundannaw iż-żwieġ u ma jridux li* ***jittiekel ikel*** *li ħalqu Alla biex jittieħed b'radd il-ħajr minn dawk li ħaddnu l-fidi u li waslu għat-tagħrif sħiħ tal-verità.* ***Kull ma ħalaq Alla hu tajjeb. Xejn ma għandu jitwarrab minn dak li jista' jittieħed b'radd il-ħajr, ladarba tqaddes bil-kelma ta' Alla u bit-talb****."*

Din kienet profezija għal dak li aħna qegħdin nisimgħu dwaru. Tat-Torri ta' l-Għassa "*ma jridux li* ***jittiekel ikel*** *li ħalqu Alla biex jittieħed b'radd il-ħajr minn dawk li ħaddnu l-fidi u li waslu għat-tagħrif sħiħ tal-verità.* ***Kull ma ħalaq Alla hu tajjeb. Xejn ma għandu jitwarrab minn dak li jista' jittieħed b'radd il-ħajr, ladarba tqaddes bil-kelma ta' Alla u bit-talb****.*" Għaliex tat-Torri ta' l-Għassa llum ma jgħallmux li "***Xejn ma għandu jitwarrab minn dak <u>li jista' jittieħed</u> b'radd il-ħajr, ladarba tqaddes bil-kelma ta' Alla u bit-talb****.*" "Xejn" m'għandu jitwarrab! La "xejn" m'għandu jitwarrab, mela skond l-argumentar tagħhom mela lanqas trasfużjoni tad-demm m'għandha titwarrab!

52. **Dwar l-immortalità tar-ruħ.**

- **Ġenesi 35:18,**
  "*U ġara, li hi u kienet* ***ħierġa ruħha****, (għax hi mietet) li semmieh ismu Ben-Oni; iżda missieru semmieh Benjamin.*"

Għaliex ruħha ħarġet u ma mietetx magħha? U fejn marret ruħha meta ħarġet minnha? (Ara Ekkleżjażti 12:7 għal tweġiba.)

- **1 Slaten 17:21-22,**
  "*U mtedd tliet darbiet fuq it-tifel, u sejjaħ il-Mulej, u qal: O Mulej, Alla, tiegħi, nitolbok, ħalli* ***ruħ dat-tifel tarġa' tidħol fih****. U l-Mulej sama' leħen Elija; u ruħ it-tifel* ***reġgħet ġiet fih, u ħa l-ħajja****.*"

"Ħalli *ruħ* dat-tifel *tarġa tidħol fih...u ruħ it-tifel reġgħet ġiet fih, u ħa l-ħajja.*" Tista' xi ħaġa mejta tagħti l-ħajja lill-ġisem mejjet?

- **Salm 16:10,**
  "*Għax int ma tħallix ruħi fis-saltna ta' l-imwiet; u lanqas tħalli l-Qaddis tiegħek jara l-ħofra.*"

U jekk Alla ma jħalliex lir-ruħ fis-saltna ta' l-imwiet fejn tmur ir-ruħ jew l-ispirtu? (Ara Ekkleżjażti 12:7 għal tweġiba.)

- **Proverbji 23:14,**
  "*Int issawtu bil-ħatar, iżda teħlislu 'l ruħu mis-saltna ta' l-imwiet.*"

- **Isaija 38:17,**
  "*Ara, kien għall-ġid tiegħi stess li kelli ħafna mrar: iżda int, b'imħabba għal ruħi, ħlistha mill-ħofra tat-taħsir, għax tfajt ħtijieti kollha wara spallejk.*"

Jekk ir-ruħ tkun meħlusa mis-saltna ta' l-imwiet u mill-ħofra tat-taħsir ma jfissirx dan lir-ruħ ma tmutx?

- **Mattew 22:31-32,**
  "*U fuq il-qawma mill-imwiet, ma qrajtux dak li qalilkom Alla, li jgħid: Jien hu Alla ta' Abraham, u Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb?* ***Alla mhux Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin****.*"

Hawn Ġesù kkwota minn Eżodu 3:6, 15 fejn Alla qal illi f'dak il-ħin jew żmien Hu kien Alla ta' Abraham li kien ilu mejjet 329 sena. Hu kien Alla ta' Iżakk li kien ilu mejjet 224 sena; u li Hu kien Alla ta' Ġakobb li kien ilu mejjet 198 sena. Madankollu, Ġesù afferma bl-aktar mod ċar li Alla ma kienx Alla tal-mejtin imma **tal-ħajjin**! Għalkemm Abraham, Iżakk u

Ġa-kobb kienu ilhom dawk is-snin kollha mejtin, imma Alla xorta hu ’l Alla tagħhom fejn igħid li Hu Alla **tal-ħajjin**. Fiżikament, Abraham, Iżakk u Ġakobb kienu mejtin imma r-ruħ tagħhom kienet ħajja! Dawk it-tlieta ċertament li kienu **ħajjin f’erwieħ immortali** wkoll għalkemm huma kienu mejtin fil-ġisem, fiżikament. Hekk igħid il-Mulej u aħna lill-Mulej nemmnu u mhux lill-bnedmin!

- **Luqa 9:29-31,**
  *“Hu u jitlob, id-dehra ta’ wiċċu tbiddlet, u lbiesu sar abjad u jiddi. U, ara, kien hemm jitkellmu miegħu żewġt irġiel, li kienu* ***Mosè*** *u* ***Elija****: Li dehru fil-glorja, u kienu* ***jitħaddtu*** *fuq it-tmiem tiegħu li hu kellu jwettaq Ġerusalem.”*

Meta t-trasfigurazzjoni ġrat, Mosè kien fil-qabar (Dewteronomju 34:5) u Elija kien diġa’ ħalla d-dinja (2 Slaten 2:1), madankollu, it-tnejn kienu jgħixu u bdew jitħaddtu. *Dan ma jistax jiġi spjegat li kieku aħna n-neħħu l-eżistenza tar-ruħ immortali.*

- **Luqa 16:19-31,**
  *“…U ġara, illi t-talab* ***miet****, u nġieb fi ħdan Abraham: il-għani wkoll* ***miet, u ndifen****. U f’Post l-Imwiet (Hades) waqt li kien* ***fit-tbatija rafa’ għajnejh, u ra*** *’l Abraham mill-bogħ-od, u lil Lażżru fi ħdanu.* ***U għajjat, u qal****: Missieri Abra-ham, ikollok ħniena minni, ibgħat lil Lażżru biex ibill tarf sebgħu fl-ilma, u* ***jberridli*** *lsieni; għax qiegħed* ***muġugħ*** *f’din il-fjamma tan-nar. Iżda qal Abraham: Ibni, ftakar li int ħadt il-ġid f’ħajtek, u Lażżru wkoll ħa d-deni;* ***iżda issa hu jitfarraġ, u inti tbati****...Imbagħad qal: Nitolbok mela, missie-ri, li tibgħatu f’dar missieri; Għax għandi ħamest aħwa;* ***biex jixhdilhom,*** *ħalli ma jiġux huma wkoll f’dan il-post* ***tat-tbatija****. Abraham qallu: Għandhom ’il Mosè u l-profeti; ħa jisimgħuhom.* ***U dak qallu****: Le, missieri Abraham: iżda jekk xi ħadd* ***mill-imwiet*** *imur għandhom, jindmu. U qallu: Jekk ma jisimgħux minn Mosè u mill-profeti, lanqas jemmnu, għalkemm wieħed* ***iqum mill-imwiet****.”*

Xi wħud isostnu li dan huwa passaġġ jew parabbola figurattiva ħafna u mhux ġrajja tassew. Li jiena nsostni huwa li dan il-kliem *qalu l-Mulej u la qalu l-Mulej mhuwiex kliem fil-vojt*! Mela jekk wieħed jibdel lil Lażżru, lir-raġel għani, il-mewt, l-anġlu, in-nar, ħdan Abraham, il-vojt kbir, id-djalogu, u l-aħwa li kienu għadhom jgħixu f’simboli li jirrappreżentaw ħwejjeġ oħra—imbagħad *xi tkun il-lezzjoni ta’ din il-ġrajja?* Din l-istorja kollha ssir mingħajr ebda sens. L-uniku mod biex titgħallem xi ħaġa minn

dan ir-rakkont huwa li tikkonsidrah bħala ġrajja tassew. Lażżru u r-raġel għani kellhom **erwieħ immortali**!

Wieħed għandu jkollu *għarfien* qabel ma hu jkun *imfarraġ*. Ġebla ma tistax tkun imfarrġa. Xi ħaġa li ma baqgħetx fl-eżistenza ma tistax tkun imfarrġa! *It-tbatija* wkoll teħtieġ *għarfien*. Tista' xi ħaġa jew xi ħadd li ma baqax jeżisti *jbati*? Għalhekk **ir-ruħ hija ħajja, konxja wara l-mewt!**

- **Atti 23:8-9,**
  "*Għax is-Sadduqin igħidu li m'hemmx qawmien minn bejn l-imwiet, u la anġli, u lanqas spirtu; imma l-Fariżej jistqarru l-wieħed u l-ieħor. U qamet għagħa kbira; u l-iskribi li kienu jżommu mal-Fariżej qamu, u saħnu, igħidu: Ma nsibu xejn ħażin f'dan ir-raġel; iżda jekk kellmu spirtu jew anġlu, ħa ma neħduhiex kontra Alla.*"

L-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, ħaddan it-twemmin bażiku tal-Fariżej u iddenunzja lis-Sadduċej. Luqa jispjega f'vers 8 x'kien Pawlu qiegħed iħaddan u jikkundanna. Fil-lista ta' twemmin tas-Saduċej Luqa (il-kittieb ta' Atti) qal li huma ma kinux jemmnu fl-*ispirti* imma hu qal li l-Fariżej kienu jemmnu **fl-ispirti**.

Sewwasew x'kien dan it-twemmin? Josephus kien qal fil-ktieb tiegħu "Antiquities of the Jews," Ktieb 18, sezzjonijiet 3-4, "Issa, għall-Fariżej… huma wkoll jemmnu li l-erwieħ għandhom qawwa immortali fihom. Imma d-dottrina tas-Sadduċej hija din, li l-erwieħ imutu mal-ġisem." *Dan ifisser li l-appostlu Pawlu ħaddan l-immortalità tar-ruħ.*

- **2 Korintin 5:8,**
  "*Aħna għandna qalbna qawwija, ngħid jien, u rridu pjuttost li noħorġu mill-ġisem, u ngħammru mal-Mulej.*"

Kif wieħed jista' **joħroġ** mill-ġisem u ***jgħammar** mal-Mulej* jekk kemm il-ġisem u kemm ir-ruħ ikunu mejta? Imma jekk ir-ruħ tibqa' ħajja dan jista' jsir faċilment!

- **Filippin 1:23-24,**
  "*Għax jien marsus bejn żewġ naħat: għandi xewqa **li nitlaq, u li nkun ma' Kristu**, li hu wisq aħjar. Madankollu **li nibqa' fil-ġisem** hu aktar meħtieġ għalikom.*"

Jista' Pawlu jitlaq u **jkun ma' Kristu** fil-ġisem meta d-demm u l-laħam ma jistgħux jirtu s-saltna ta' Alla? (1 Korintin 15:50). Mela kif Pawlu kien jista' jagħmel dan? Billi r-ruħ tiegħu tibqa' ħajja għaliex hija immortali! (Ekkleżjażti 12:7).

Mewt mortali għall-Kristjan hija forma ta' *għera* fejn ir-ruħ immortali tit-lef il-libsa tagħha tal-ġisem. Meta aħna mmutu aħna nsibu lilna nfusna

ma' Kristu Jekk aħna ma nkunux *konxji wara l-mewt*, allura Ġesù *mhuwiex konxju* f'dan il-waqt ta' l-istorja!

- **Lhud 12:22-24,**
  "*Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon, u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj, Ġerusalem tas-sema, u lejn numru bla għadd ta' anġli. Lejn il-ġemgħa l-kbira, u l-knisja ta' l-ulied il-kbar, li huma miktubin fis-smewwiet, u lejn Alla l-Imħallef ta' kulħadd, u lejn* ***l-ispirti tal-ġusti li saru perfetti****. U lejn Ġesù l-medjatur ta' rabta ġdida, u lejn id-demm tat-traxxix, li jgħid ħwejjeġ aħjar mid-demm ta' Abel.*"

Spirti ta' nies ġusti huma assoċjati ma' Alla u Ġesù u l-anġli. Jekk dawn l-ispirti mhumiex aktar minn qawwa għamja tal-ħajja, *kif huma jistgħu jżommu relazzjoni bħal din*? Ċertament dawn huma **spirti immortali!**

Dawn mhumiex wara l-qawmien għaliex wara l-qawmien aħna jkollna ġisem (ara 1 Korintin 15:44).

- **Rivelazzjoni 6:9-11,**
  "*U meta fetaħ il-ħames siġill, jien rajt taħt l-artal* ***l-erwieħ ta' dawk li kienu maqtulin*** *minħabba l-kelma ta' Alla, u minħabba x-xhieda li taw. U kienu jgħajtu b'leħen qawwi, u jgħidu: o Mulej, qaddis u veru, ma tagħmilx ħaqq u titħallas ta' demmna minn dawk li jgħammru fuq l-art? U lil kull wieħed minnhom intgħataw ilbiesi bojod: u qalulhom, biex jistrieħu ftit taż-żmien ieħor, sakemm jintemm il-għadd tal-qaddejjas u ta' ħuthom li bħalhom kienu se joqtluhom.*"

Hawn għandna eżempju ta' l-istat tal-Kristjani **wara l-mewt**. Dawn il-Kristjani huma **konxji**, huma jitkellmu u jgħajtu b'leħen qawwi. Huma ma kinux *sparixxew għal kollox fl-oqbra tagħhom!*

Il-bniedem mortali ma jistax jeqred lir-ruħ. Alla Hu Alla tal-ħajjin biss. Mosè deher bħala **ruħ ħajja** aktar minn elf sena wara l-mewt tiegħu. Elija deher bħala **ruħ ħajja** aktar minn 500 wara li hu telaq mid-dinja. Lażżru u r-raġel għani għexu wara l-mewt tagħhom. L-istess dan japplika għal Abraham, Iżakk u Ġakobb li għalkemm kienu mejtin għal snin xorta waħda Alla kien u huwa 'l Alla tagħhom għaliex l-erwieħ tagħhom kienu ħajjin. L-appostlu Pawlu ħaddan it-twemmin tal-Fariżej *fl-immortalità tar-ruħ*, u hu kompla biex igħallem li "*li tmut huwa li tkun ma' Kristu.*"

Aħna naraw li l-ispirti tan-nies ġusti huma aktar minn qawwiet għomja, u wara l-mewt aħna naraw erwieħ ħajja taħt l-artal ta' Alla. *Għalhekk, il-bniedem għandu ruħ* ***immortali****!*

- **Rivelazzjoni 14:13,**

*"Imberkin il-mejtin li jmutu fil-Mulej minn issa 'l quddiem; Iva, igħid l-Ispirtu, biex jistrieħu mit-taħbit tagħhom; u l-egħmejjel tagħhom imorru warajhom."*

Il-qaddisin huma mberkin jew ferħanin "*minn issa 'l quddiem*" ("minn dan il-ħin 'il quddiem" N.W.T.)—mill-mewt 'il quddiem. Din il-kuntentizza teħtieġ *għarfien*, li wieħed ikun f'sensieh, **ruħ konxja** barra mill-ġisem *immedjatament mill-mewt 'il quddiem*.

- **Rivelazzjoni 20:4,**
  *"U rajt tronijiet, u dawk li qagħdu fuqhom, u lilhom intgħata l-ħaqq: u rajt l-erwieħ ta' dawk* ***li kellhom rashom maqtugħa*** *minħabba x-xhieda ta' Ġesù, u minħabba l-kelma ta' Alla, u li ma qimux lill-bhima, u lanqas lix-xbieha tagħha, u lanqas ħadu l-marka fuq ġbinhom jew fuq idhom; u għexu u saltnu ma' Kristu elf sena.."*

Dawn **l-erwieħ** kienu ta' dawk li **kellhom rashom maqtugħa** li **għexu u saltnu ma' Kristu**.

## 53. Dwar it-Tieni Miġja ta' Kristu.

- **Mattew 24:36-44,**
  *"Imma dwar dak il-jum u s-siegħa ħadd ma jaf meta se jaslu, anqas l-anġli tas-sema, u anqas l-Iben;* ***ħadd ħlief il-Missier waħdu****. Bħal fi żmien Noè, hekktkun il-miġja ta' Bin il-bniedem. Għax kif fiż-żmien ta' qabel id-dilluvju kienu jieklu u jixorbu, iżewġu u jiżżewġu, sa dak in-nhar li Noè daħal fl-arka,* ***u b'xejn ma ntebħu*** *sa ma wasal id-dilluvju u ġarr lil kulħadd,* ***hekk tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem****. Imbagħad tnejn ikunu fil-għalqa: wieħed jittieħed u l-ieħor jitħalla; żewġ nisa jkunu jitħnu flimkien: waħda tittieħed u l-oħra titħalla. Ishru, mela,* ***għax ma tafux il-jum li fih jiġi Sidkom****. Kunu afu dan, li kieku sid id-dar kellu jkun jaf f'liema siegħa tal-lejl se jiġi l-ħalliel, kien jishar u ma jħallix min jifidlu l-ħitan ta' daru. Mela kunu lesti intom ukoll,* ***għax qatt ma tistgħu tobsru s-siegħa li fiha jiġi Bin il-bniedem****."*

Imma llum hawn ħafna profeti foloz li **jafu** u **jobsru** meta ġej Bin il-bniedem.

- **Mark 13:32,**
  *"Dwar dak il-jum u s-siegħa* ***ħadd ma jaf meta se jaslu****, anqas l-anġli fis-sema, u anqas l-Iben,* ***ħadd ħlief il-Missier****. Kunu għajnejkom miftuħa,* ***għax ma tafux*** *meta se jasal il-*

*waqt. Jiġri bħal meta bniedem ikun siefer u telaq mid-dar, iħalli kollox f'idejn il-qaddejja tiegħu, kull wieħed fuq xogħolu, u lil tal-bieb jordnalu biex jibqa' jishar. Mela ishru,* ***għax ma tafux meta jerġa' jiġi sid id-dar****, jekk hux fil-għaxija, jew f'nofs il-lejl, jew xħin jidden is-serduk, jew inkella mas-sebħ, li ma jmurx* ***jiġi għallarieda*** *u jsibkom reqdin.* ***U dak li qiegħed ingħid lilkom, qiegħed ingħidu għal kulħadd: ishru!****"*

"Dwar dak il-jum u s-siegħa ħadd ma jaf meta se jaslu." "Ħadd ħlief il-Missier." "Għax ma tafux meta se jasal il-waqt." "Għax ma tafux meta jerġa' jiġi sid id-dar." "jiġi għallarieda." "U dak li qiegħed ingħid lilkom, qiegħed ingħidu **għal kulħadd**: ishru!" Imma donnu dan il-kliem kollu ma jiswa xejn għall-profeti u l-għalliema foloz tal-lum!

- **Mattew 24:45-51,**
  "*Intom min tgħidu li hu l-qaddej fidil u għaqli? Min hu dak li s-sid iqiegħdu fuq niesu biex jagħtihom jieklu fil-ħin? Hieni dak il-qaddej li sidu jiġi u jsibu jaqdi dmiru. Tassew, ngħid-ilkom, li jafdalu ġidu kollu f'idejh. Iżda jekk dak il-qaddej ħażin jibda jgħid f'qalbu, 'Sidi jiddawwar ma jiġi,' u jaqbad isawwat lil sħabu l-oħra, u jiekol u jixrob mas-sakranazzi, sid dak il-qaddej* ***jasal f'jum li hu ma jkunx jistennieh, f'sie-għa li fiha jieħdu għal għarrieda****, u jagħmlu bċejjeċ u jagħ-tih lil ħaqqhom ta' wiċċ b'ieħor: hemmekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien.*"

"*Jasal f'jum li hu ma jkunx jistennieh, f'siegħa li fiha jieħdu għal għar-rieda.*" Ifisser dan il-kliem li wieħed *jista' jkun jaf meta* ġej is-Sid?

- **Mattew 25:13,**
  "*Ishru, mela, għaliex* ***la tafu*** *l-jum u lanqas is-siegħa.*"

Kulħadd jafha l-parabbola ta' l-għaxar xebbiet. Dawk li kienu ppreparaw għall-wasla tal-Mulej, daħlu Miegħu imma dawk li ma kinux ippreparati baqgħu barra. Imma llum xorta waħda għadek tisma' xi għalliema jiffisaw dati dwar meta se jiġi Kristu. Imma aħna nemmnu l-Kelma ta' Alla u mhux il-kelma tagħhom!

- **1 Tessalonikin 5:1-3,**
  "*Dwar il-ħin u ż-żmien, ħuti, ma għandix bżonn niktbilkom. Intom tafu sewwa li Jum il-Mulej* ***jiġi għal għarrieda*** *bħal ħalliel bil-lejl. Meta kulħadd jibda jgħid: 'Sliem u mistrieħ.' Dak il-ħin stess, bħal l-uġigħ fuq mara li tkun waslet għall-*

*ħlas, tiġi fuqhom **għal għarrieda** l-qerda u ma jeħilsu b'xejn*"

Ukoll għalkemm Pawlu qall li dwar il-ħin u ż-żmien ma kellux bżonn jiktbilhom, u r-raġuni hija għaliex huma kienu **jafu sewwa** li Jum il-Mulej jiġi **għal għarrieda** bħal ħalliel bil-lejl. L-istess bħal "*l-uġigħ fuq mara li tkun waslet għall-ħlas*" li jiġi **għal għarrieda**. Imma x'jiswa dan il-kliem għall-profeti foloz moderni!

- **2 Tessalonikin 2:1-3,**
  "*Ħuti, għal dak li għandu x'jaqsam dwar it-tieni miġja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-ġemgħa tagħna biex ningħaqdu miegħu, nitolbukom biex ma toqogħdux tħawdu raskom malajr u tinħasdu bħallikieku l-miġja ta' Jum il-Mulej qorbot, u la jekk tkunu mnebbħin mill-Ispirtu u lanqas jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittra taparsi minn għandna. **Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'eda mod!***"

L-ispirazzjoni tgħidilna biex dwar il-miġja tal-Mulej ma noqogħdux inħawdu rasna malajr u ninħasdu, ukoll jekk xi ħadd igħid, kif xi wħud igħidu llum, li huma kienu mnebbħin mill-Ispirtu s-Santu. Il-parir ispirat huwa: "***Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'eda mod!***"

- **2 Pietru 3:10,**
  "*Jasal, tabilħaqq, jum il-Mulej **bħal ħalliel**;...*"

Min jaf meta l-ħalliel se jiġi għandu biex jisirqu? Hekk ukoll jum il-Mulej, ħadd ma jaf meta se jasal! Imma kemm nies illum jiġu mqarrqa mill-mexxejja reliġjużi tagħhom bi tbassir dwar it-tmiem tad-dinja! Ukoll għal-kemm il-Kelma ta' Alla tgħidilna biex ma nħawdux rasna la jekk inkunu mnebbħin mill-Ispirtu u lanqas jekk nisimgħu xi kelma jew naqraw xi ittra taparsi minn għand il-kittieba ispirati. It-twissija hija: ***Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'eda mod!***"

**54. Isqfijiet (presbiteri) f'kull kongregazzjoni u mhux isqof wieħed għall-pajjiż kollu.**

- **Atti 14:23,**
  "*Għamlulhom ukoll presbiteri **f'kull knisja** u bit-talb u bis-sawm ħallewhom f'idejn il-Mulej, li fih kienu emmnu.*"

Mhux "presbiteru" imma "presbiteri" f'kull knisja!

- **Atti 15:3, 6,**
  "*Pawlu u Barnaba qamu kontra tagħhom u ħaduha magħhom bis-sħiħ; għalhekk qatgħuha li Pawlu u Barnaba u xi wħud oħra minn-hom jitilgħu Ġerusalem ikellemu lil l-appostli u **l-presbiteri** fuq*

*din il-kwistjoni...Għalhekk l-appostli u **l-presbiteri** ltaqgħu flimkien biex jaraw din il-kwistjoni.*"

- **Atti 20:17,**
  "*Minn Miletu Pawlu bagħat isejjaħ **lill-presbiteri tal-knisja ta' Efesu**.*"

Innota li Pawlu bagħat isejjaħ lill-**presbiteri (isqfijiet)** tal-knisja ta' Efesu u mhux lil xi isqof jew arċisqof!

- **Filippin 1:1,**
  "*Pawlu u Timotju, qaddejja ta' Kristu Ġesù, lill-qaddisin kollha fi Kristu Ġesù, flimkien ma' **l-isqfijiet** tagħhom u d-djakni, **li jinsabu fil-belt ta' Filippi**..*"

Il-belt ta' Filippi, bħal dik ta' Efesu, kellha **pluralità** ta' isqfijiet u mhux isqof wieħed fuq il-knisja kollha!

- **1 Timotju 5:17,**
  "*__Il-presbiteri__, li jmexxu sewwa, ikun jistħoqqilhom ġieħ għal darbtejn, l-aktar dawk li jagħmlu x-xogħol tax-xandir tal-kelma u tat-tagħlim.*"

Tajjeb hawn li nikkwota l-kumment tal-Bibbja ta' l-Għaqda Biblika Maltija dwar dan il-vers, Dan igħid hekk: **ma' l-isqfijiet tagħhom u d-djakni:** l-isqfijiet **episkopoi**, kienu l-mexxejja tal-knejjes lokali; kienu jsejħulhom ukoll **presbiteri,** anzjani; ara 1 Tim. 3:1.8. "**Kienu l-mexxejja tal-knejjes lokali**" u mhux ta' pajjiż sħiħ!

- **Titu 1:5,**
  "*Għalhekk jiena ħallejtek fi Kreta, biex tqassam kollox bl-ordni, u biex taħtar **presbiteri f'kull belt** .*"

Hawn ukoll tajjeb li wieħed jaqra l-kumment tal-Bibbja ta' l-Għaqda Biblika Maltija dwar dan il-vers. Dan igħid hekk: **Isqof:** bil-Grieg: **episkopos** il-bniedem magħżul biex jieħu ħsieb il-kommunità Kristjana lokali; kienu jsejħulu wkoll, **presbuteros**, anzjan. Mhux l-**isqof** kif nifhmuh aħna llum.

Jintqal li l-isqof kien biex jieħu ħsieb il-kommunità Kristjana **lokali**. Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn hekk? **Lokali** u mhux tal-pajjiż kollu! Imma aktar minn hekk, jintqal ukoll dwar l-sqof li naqraw dwaru fil-Kelma ta' Alla li dak "**Mhux** l-**isqof kif nifhmuh aħna llum**." U għaliex mhuwiex kif nifhmuh aħna llum? Mela jekk inbidel dawk li qegħdin jagħmlu dik il-bidla mhumiex jobdu lil Alla għaliex l-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu qal lil Titu biex "iqassam kollox fl-ordni." Mela jekk l-isqof tal-lum tal-Knisja Kattolika Rumana mhuwiex skond kif

hu muri fil-Kelma ta' Alla, u dan jammettuh huma stess, allura huma ħar-ġu barra mit-triq u mill-ordni tal-Mulej! Huma qegħdin imorru kontra dik "*il-kelma ta' min joqgħod fuqha*" dwar il-ħatra ta' isqof (ara 1 Timotju 3:1-7), u kontra dik *il-kelma ta' min jemminha,* (ara Titu 1:9). U dan ifisser li aħna ma nistgħux noqgħodu fuq il-kelma tagħhom la t-tagħlim tagħhom ma jaqbilx ma' dik "*il-kelma ta' min joqgħod fuqha*" u "*ta' min jemminha*"!

- **Ġakbu 5:14,**
  "*Ħalli dan isejjaħ lill-**presbiteri tal-knisja**.*"

Ġakbu wkoll jitkellem dwar **pluralità** ta' presbiteri, jew isqfijiet f'kull kongregazzjoni u mhux dwar wieħed.

55. **Għandu l-Isqof li naqraw dwaru fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa jkun raġel miżżewweġ jew le?**

- **1 Timotju 3:1-7,**
  "***Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha**: min jixtieq ix-xogħol ta' isqof jixtieq xogħol sabiħ. Jeħtieġ, imma, li l-isqof ikun bniedem li ma ssibx xi tgħid fih; **li jkun raġel ta' mara waħda**; li jkun meq-jus, prudenti, serju; li jilqa' l-barranin, jaf igħallem; li ma jkunx mogħti għax-xorb; li ma jkunx vjolenti, imma ġwejjed; li ma jkunx ġellied, anqas rgħib għall-flus; li jkun **raġel jaf imexxi tajjeb id-dar tiegħu; u li jżomm lil uliedu fl-ubbidjenza bir-rispett kollu.** Għax jekk wieħed ma jkunx jaf imexxi **'l daru stess,** kif jista'jieħu ħsieb il-knisja ta' Alla? Ma għandux ikun wieħed li għadu kif tgħa-mmed, li ma jmurx jimtela bih innifsu u hekk jaqa' fil-kundanna tax-xitan. Għandu jkollu wkoll isem tajjeb mal-barranin, li ma jaqax fl-għajb u jaqa' fix-xibka tax-xitan.*"

Tinsiex li "**Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha**." "**li jkun raġel ta' mara waħda... raġel jaf imexxi tajjeb id-dar tiegħu; u li jżomm lil uliedu fl-ubbidjenza bir-rispett kollu... wieħed ma jkunx jaf imexxi 'l daru stess.**" Ifisser dan il-kliem li l-isqof **m'għandux ikun miżżew-weġ**? Imma minkejja li "**din hi kelma ta' min joqgħqod fuqha**," xorta waħda n-nies Kattoliċi jippreferu li joqgħodu fuq il-kelma ta' l-għorrief tal-Knisja Kattolika Rumana u mhux fuq il-Kelma ta' l-Ispirtu s-Santu!

- **Titu 1:5-9,**
  "*Għalhekk jiena ħallejtek fi Kreta, biex tqassam kollox bl-ordni, u biex taħtar presbiteri f'kull belt, skond ma ordnajtlek. Kull min ikun maħtur ma għandu jkollu xejn x'wieħed igħid fih; **ikun iżżewweġ darba biss**, u **jkollu 'l uliedu** jemmnu, bla ma ħadd jista' jixlihom bi mġiba żienja*

*jew bla rażan. L-isqof, bħala amministratur ta' Alla, għandu jkun bniedem li ħadd ma jista' jgħid xejn fih; ma għandux ikun mimli bih in-nifsu, jinkorla malajr, mogħti għax-xorb, ġellied jew rgħib; imma jkun bniedem li jilqa' 'll-barranin, iħobb it-tajjeb, meq-jus, ġust, qaddis, irżin; bniedem li jżomm sħiħ mal-kelma ta' min jemminha, skond id-duttrina, biex ikun jista' jqawwi qalb l-oħrajn bid-duttrina sħiħa u jegħleb lil min imieri ."*

Ifisser li **jkun iżżewweġ darba biss**, u **jkollu 'l uliedu** jemmnu li l-isqof **m'għandux** ikun miżżewweġ? Għall-Kattoliċi Rumani, iva, hekk ifisser imma skond il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa l-isqof huwa raġel miżżewweġ li għandu familja bħal kull raġel miżżewweġ ieħor!

Hawn se nerġa' nirrepeti dak li għedt aktar qabel dwar "il-pluralità ta' isqfijiet f'kull knisja." Jekk wieħed jaqra l-kumment tal-verżjoni tal-Bibbja ta' l-Għaqda Biblika Maltija dwar dan il-vers, dan isib dan il-kliem: **Isqof:** bil-Grieg: **episkopos** il-bniedem magħżul biex jieħu ħsieb il-kommunità Kristjana lokali; kienu jsejħulu wkoll, **presbuteros**, anzjan. Mhux l-**isqof** kif nifhmuh aħna llum. (Enfasi mhux tiegħi.)

Jintqal li l-isqof li naqraw dwaru fil-Kelma ta' Alla li dak "**Mhux l-isqof kif nifhmuh aħna llum**." U għaliex mhuwiex kif nifhmuh aħna llum? Mela jekk inbidel dawk li qegħdin jagħmlu dik il-bidla mhumiex jobdu lil Alla għaliex l-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu qal lil Titu biex "iqassam kollox fl-ordni." Mela jekk l-isqof tal-lum tal-Knisja Kattolika Rumana *mhuwiex skond kif hu muri fil-Kelma ta' Alla*, u dan jammettuh huma stess, allura huma ħarġu 'l barra mit-triq u mill-ordni tal-Mulej! Huma qegħdin imorru kontra dik "*il-kelma ta' min joqgħod fu-qha*" dwar il-ħatra ta' isqof (ara 1 Timotju 3:1-7), u kontra dik *il-kelma ta' min jemminha,* (ara Titu 1:9). U dan ifisser li aħna ma nistgħux noqgħodu fuq il-kelma tagħhom la t-tagħlim tagħhom ma jaqbilx ma' dik "*il-kelma ta' min joqgħod fuqha*" u "*ta' min jemminha*"!

- **1 Pietru 5:1,**
  *"Nitlob lill-**presbiteri** li hemm fostkom, **bħala presbiteru jien ukoll** u xhud tat-tbatijiet ta' Kristu, u bħala wieħed li għandu sehem mill-glorja li għad trid tidher."*

Hawn l-appostlu Pietru qiegħed igħid lill-presbiteri (isqfijiet) l-oħra li hu bħalhom, jiġifieri, isqof bħalhom. Imma jekk Pietru kien isqof, allura hu kellu jkun **miżżewweġ** għax hekk tordna l-Kelma ta' Alla li għandu jkun isqof (1 Timotju 3:2; Titu 1:6). Kien l-appostlu Pietru **miżżewweġ** jew le? Ara li ġej.

- **Mattew 8:14-15,**
  "*Ġesù mar għand Pietru,u ra* ***lil omm il-mara ta' Pietru*** *kienet mixħuta bid-deni. Messilha idha, u d-deni ħallieha; imbagħad qamet u bdiet isservih.*" (Ara wkoll Mark 1:30; Luqa 4:38.)

- **1 Korintin 9:5,**
  "*Ma għandniex id-dritt li jkollna* ***mara*** *Kristjana magħna bħal l-appostli l-oħra u l-aħwa tal-Mulej u* ***Kefa****?*"

Imma għalkemm il-Kelma ta' Alla turi b'mod l-aktar ċar, li wkoll Pietru kien miżżewweġ, il-Knisja Kattolika Rumana tgħallem u tordna ċelibat fil-mexxejja tagħha! Imma tajjeb hawn li taqra Atti 5:29.

## 56. Purgatorju?

- **Mattew 25:46,**
  "*U dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem.*"

Żewġ postijiet biss hemm imsemmija, dak ta' *tbatija ta' dejjem* u dak ta' *ħajja ta' dejjem*!

- **Luqa 16:22-26,**
  "*Ġara li l-fqir miet, u l-anġli ħaduh fi ħdan Abraham. Imbagħad miet ukoll il-għani, u difnuh. Dan, kif sab ruħu fi tbatijiet ħorox f'art l-imwiet, refa' ħarstu, u mill-bogħod lemaħ lil Abraham, b'Lażżru fi ħdanu. U għolla leħnu u qallu, 'Missier, Abraham, ikollok ħniena minni u ibgħat lil Lażżru jbill tarf sebgħu fl-ilma ħa jtaffili n-nixfa li għandi fi lsieni, għax qiegħed ninħaqar wisq f'dan in-nar.' 'Ibni,' qallu Abraham, 'ftakar li t-tajjeb tiegħek irċevejtu f'ħajtek; hekk ukoll Lażżru, il-ħażin irċevieh f'ħajtu. Imma issa hu hawnhekk qiegħed jitfarraġ, waqt li int qiegħed tbati.* ***Barra minn dan, hemm vojt bla qjies bejnkom u bejnna,*** *biex min ikun irid jaqsam minn hawn għal għandkom ma jkunx jista', anqas ma jgħaddu minn hemm għal għandna .*"

Juri dan li hemm it-tielet post li forsi jinsab f'dak il-vojt kbir? Post li Alla jiftakar mill-ġdid id-dnubiet li Hu jkun ħafer qabel u li kien qal li mhux se jiftakarhom aktar? Temmnu dan int?

- **Lhud 8:12,**
  "*Jiena nħenn għalihom fil-ħażen tagħhom,* ***u fi dnubiethom ma niftakarx iżjed****.*" (Ara wkoll Lhud 10:17.)

Imma skond it-tagħlim tat-teologi Kattoliċi Rumani, dan il-kliem ta’ Alla mhux minnu! Iva, skond huma Alla **jiftakar fi dnubiethom** u jibgħathom fil-Purgatorju biex ipattu għalihom! Kemm hu differenti t-tagħlim tal-Kelma ta’ Alla mit-tagħlim tal-bnedmin!

57. a
58. a
59. a
60. a
61. a
62. a
63. a
64. a